# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 315

Volum 65

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

7 ta' Diċembru 2022


Werrej


I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE** ([1]) .......... 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2022/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju** ([1]) .......... 30

★ **Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati** ([1]) .......... 44

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2382 tal-1 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall** .......... 60

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2383 tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet ta' vetturi heavy-duty li jużaw bijodiżil pur** ([1]) .......... 63


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2384 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-modifika tal-Iskeda tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi** ........................... 71

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385 tas-6 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** ........................................................... 87

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2386 tal-5 ta' Diċembru 2022 dwar l-estensjoni tal-azzjonijiet li jippermettu t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2022) 8673)* ........................................................................................ 89

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2022/2379 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Novembru 2022**

**dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Hija meħtieġa bażi ta' għarfien statistiku trasparenti, komprensiva u affidabbli għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni ta' politiki tal-Unjoni relatati mal-agrikoltura, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni ("PAK"), inkluż miżuri tal-iżvilupp rurali, kif ukoll politiki tal-Unjoni relatati, fost l-oħrajn, mal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, l-użu tal-art, ir-reġjuni, is-saħħa pubblika, is-sikurezza alimentari, il-protezzjoni tal-pjanti, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, l-użu mediċinali veterinarju, u l-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Dik l-istatistika tista' tkun utli wkoll għall-finijiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tal-impatt tal-agrikoltura fuq id-dakkara u l-organiżmi vitali tal-ħamrija.

(2) Il-ġbir tad-*data* statistika, b'mod partikolari dwar l-input u l-output agrikoli, jenħtieġ li jkollu l-għan, fost l-oħrajn, li jinforma l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza b'*data* aġġornata, ta' kwalità għolja u aċċessibbli, b'mod partikolari d-*data* meħtieġa għall-iżvilupp ta' indikaturi agroambjentali, u li tappoġġa u tevalwa l-progress tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija tal-Bijodiversità, il-pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero u l-pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni organika fl-Unjoni relatati, u r-riformi futuri tal-PAK. Element ewlieni għall-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa t-tranżizzjoni lejn agrikoltura multifunzjonali li kapaċi tipproduċi ikel sikur u suffiċjenti filwaqt li tipprovdi outputs ambjentali pożittivi.

(3) *Data* statistika armonizzata, koerenti u komparabbli ta' kwalità għolja hi importanti għall-valutazzjoni tal-istat u x-xejriet tal-input u tal-output agrikoli fl-Unjoni sabiex tiġi pprovduta *data* sinifikanti u preċiża dwar l-impatt ambjentali u ekonomiku tal-agrikoltura u dwar il-pass tat-tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli aktar sostenibbli. Id-*data* miġbura jenħtieġ li tirrelata wkoll għall-funzjonament tas-swieq, u s-sikurezza alimentari, sabiex jiġi żgurat aċċess għal ikel suffiċjenti u ta' kwalità għolja, u għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà kif ukoll l-impatti u l-prestazzjoni

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2022.

ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-politiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif ukoll għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà u l-impatt tal-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju. Dik id-*data* tinkludi iżda mhix limitata għal statistika dwar il-bhejjem u l-laħam, il-produzzjoni u l-użu tal-bajd, u l-produzzjoni u l-użu tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib. L-istatistika dwar l-erja, ir-rendiment u l-produzzjoni ta' għelejjel li jinħartu, ħxejjex, għelejjel permanenti u mergħat u bilanċi ta' komoditajiet hi importanti wkoll. Barra minn hekk, hija meħtieġa statistika dwar il-bejgħ u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fertilizzanti u prodotti mediċinali veterinarji, b'mod partikolari l-antibijotiċi fl-għalf.

(4) Evalwazzjoni internazzjonali tal-istatistika agrikola wasslet għall-ħolqien ta' strateġija globali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti għat-titjib tal-istatistika agrikola u rurali. Dik l-istrateġija globali ġiet approvata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2010. L-istatistika agrikola Ewropea jenħtieġ li, fejn xieraq, timxi mar-rakkomandazzjonijiet ta' dik l-istrateġija globali.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistipula kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż tar-rispons fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-għan aktar ġenerali tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv.

(6) L-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u warajha, approvata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("ESSC") f'Novembru 2015, tipprevedi l-adozzjoni ta' żewġ regolamenti qafas li jkopru l-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istatistika agrikola, bl-eċċezzjoni ta' kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (EAA). Dan ir-Regolament hu wieħed minn dawk iż-żewġ regolamenti qafas u jenħtieġ li jikkumplimenta r-regolament qafas li diġà ġie adottat, b'mod speċjali r-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(7) L-istatistika Ewropea dwar l-input u l-output agrikoli bħalissa qed tinġabar, tiġi prodotta u mxerrda fuq il-bażi ta' bosta atti legali. Il-qafas legali attwali ma jipprovdix konsistenza xierqa fost id-dominji differenti tal-istatistika, u lanqas ma jippromwovi approċċ integrat għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika agrikola, imfassal biex ikopri l-aspetti ekonomiċi u ambjentali tal-agrikoltura. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jissostitwixxi dawk l-atti legali għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni, u jiżgura l-konsistenza u l-koordinazzjoni fl-istatistika agrikola Ewropea kollha, jiffaċilita l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċessi statistiċi korrispondenti, u jippermetti approċċ aktar olistiku. Għalhekk jeħtieġ jitħassru dawk l-atti legali, b'mod speċjali r-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008(15) ([4]), (KE) Nru 543/2009 ([5]) u (KE) Nru 1185/2009 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE ([7]). Il-bosta ftehimiet relatati tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u l-ftehimiet informali bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u l-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar it-trażmissjoni tad-*data* jenħtieġ li jiġu integrati f'dan ir-Regolament fejn kien hemm evidenza li d-*data* tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti, li l-metodoloġija miftiehma taħdem u li d-*data* hi ta' kwalità xierqa.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib (ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27).

(8) L-istatistika meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 ([8]) inġabret fi ħdan l-ESS, u din tissodisfa wħud mill-istandards tal-kwalità tagħha, iżda mhux kollha. Dik l-istatistika tappoġġa l-politiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali fuq perjodu ta' żmien fit-tul u jenħtieġ li tiġi integrata bħala statistika Ewropea biex tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data*. Biex ikun evitat rappurtar doppju mill-Istati Membri, jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti statistiċi skont dak ir-Regolament.

(9) Parti kbira miż-żona agrikola fil-livell tal-Unjoni tikkonsisti f'mergħat. Fil-passat, il-produzzjoni ta' dawk iż-żoni ma tqisitx importanti u għalhekk ma ġiet inkluża l-ebda *data* dwar il-produzzjoni fl-istatistika dwar l-għelejjel. Peress li l-impatt tal-mergħat u tar-ruminanti fuq l-ambjent sar aktar importanti minħabba t-tibdil fil-klima, issa hija meħtieġa statistika dwar il-produzzjoni tal-mergħat inkluż ir-ragħa tal-annimali.

(10) Għall-finijiet tal-istatistika agrikola Ewropea, jenħtieġ li tiġi vvalutata l-fattibbiltà li jiġi massimizzat l-użu ta' *data* preeżistenti miġbura skont l-obbligi tal-PAK, mingħajr ma jinħolqu obbligi ġodda u piż amministrattiv.

(11) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-input u l-output agrikoli b'informazzjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u biex tkompli tiġi implimentata l-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u wara, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkumplimenta r-Regolament (UE) 2018/1091.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) ma jkoprix l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli, iżda jenħtieġ li jkunu żgurati d-disponibbiltà u l-koerenza tagħha mal-EAA. Għalhekk, l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli jenħtieġ li tkun tkopri l-istatistika dwar il-prezzijiet tal-input agrikolu li hi koerenti mal-EAA. Sabiex ikunu jistgħu jsiru l-kalkoli tal-EAA u l-indiċijiet tal-prezzijiet komparabbli, jeħtieġ li d-*data* dwar il-prezzijiet tal-output agrikolu tkun disponibbli fl-Istati Membri.

(13) Fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-PAK u l-objettiv li titnaqqas id-dipendenza fuq il-pestiċidi, huwa importanti li tiġi prevista statistika annwali ta' kwalità għolja dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, tas-saħħa u ekonomiċi. In-nuqqas ta' rekords elettroniċi tal-użu professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jistgħu jintużaw għal finijiet ta' statistika, fil-livell tal-Unjoni huwa ostaklu kbir biex tiżdied il-perjodiċità tal-ġbir tad-*data* dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura minn darba kull ħames snin għal darba fis-sena. Sabiex l-NSIs jingħataw żmien jippreparaw għall-produzzjoni ta' statistika annwali dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq bażi permanenti, f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi previst reġim tranżitorju.

(14) Jenħtieġ li d-*data* dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-pestiċidi li trid tiġi ppreżentata skont id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) tintuża f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik id-Direttiva u ta' dak ir-Regolament għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Id-*data* mxerrda dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jenħtieġ li tinkludi s-sustanzi attivi mqiegħda fis-suq u użati fl-attivitajiet agrikoli skont l-għelejjel u ż-żoni ttrattati relatati tagħhom.

(15) Statistika komparabbli mill-Istati Membri kollha dwar l-input u l-output agrikoli hi importanti biex jiġi ddeterminat l-iżvilupp tal-PAK u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-PAK permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali fid-dawl tal-kontribut tal-PAK għall-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għalhekk, għall-varjabbli, jenħtieġ li jintużaw klassifikazzjonijiet standard u definizzjonijiet komuni sa fejn dan ikun possibbli.

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi għat-tqegħid fis-suq tal-bajd tat-tifqis u tal-flieles tat-tjur tal-irziezet (ĠU L 168, 28.6.2008, p. 5).

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

([10]) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

([11]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

(16) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-*data* u l-uniformità tal-formati tar-rappurtar huma prerekwiżiti għat-tħejjija tal-istatistika agrikola Ewropea, b'mod partikulari rigward l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ġbir, ipproċessar u tixrid u l-kwalità tar-riżultati.

(17) Id-*data* meħtieġa għall-kompilazzjoni tal-istatistika jenħtieġ li tinġabar b'mod li jimminimizza l-kostijiet u l-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, inklużi l-bdiewa, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-Istati Membri. Għalhekk jeħtieġ jiġu identifikati sidien possibbli tas-sorsi tad-*data* meħtieġa u jkun żgurat li dawk is-sorsi jkunu jistgħu jintużaw għall-istatistika.

(18) Is-settijiet tad-*data* li jridu jiġu trażmessi jkopru diversi dominji tal-istatistika. Biex jinżamm approċċ flessibbli li jippermetti li l-istatistika tiġi adattata meta jinbidlu r-rekwiżiti tad-*data*, jenħtieġ li jiġu speċifikati biss id-dominji, is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati fir-regolament bażiku, bis-settijiet tad-*data* dettaljati li jiġu speċifikati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Il-ġbir tas-settijiet tad-*data* dettaljati jenħtieġ li ma jimponix spejjeż addizzjonali sinifikanti li jirriżultaw f'piż sproporzjonat u mhux ġustifikat fuq ir-rispondenti u fuq l-Istati Membri.

(19) Varjabbli f'sett tad-*data* għall-istatistika Ewropea dwar l-input u l-output agrikolu jista' jinkludi diversi dimensjonijiet, bħad-dimensjonijiet fil-livell ta' biedja organika u dik reġjonali. Id-dimensjoni ta' biedja organika tirreferi għall-produzzjoni u prodotti skont il-prinċipji stipulati fir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]). Id-dimensjoni fil-livell reġjonali jenħtieġ li tiġi pprovduta skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri meta jipprovdu d-*data* skont dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà fir-rigward ta' liema *data* għandha tinġabar, is-suġġetti dettaljati u d-dimensjonijiet applikabbli jenħtieġ li jiġu speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. F'dak l-Anness, il-kelma "applikabbli" jenħtieġ li tiġi introdotta fir-rigward tas-suġġetti dettaljati li għalihom hija meħtieġa d-dimensjoni tal-biedja organika jew reġjonali, jew it-tnejn li huma.

(20) Il-produzzjoni organika qed issir dejjem aktar importanti bħala indikatur ta' sistemi tal-produzzjoni agrikola sostenibbli. Id-*data* statistika dwar il-produzzjoni organika hija essenzjali biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni organika fl-Unjoni. Għalhekk jeħtieġ ikun żgurat li l-istatistika disponibbli dwar il-produzzjoni organika, inkluża d-*data* li tispeċifika żoni ta' produzzjoni ċertifikati jew li jkunu qed jiġu kkonvertiti, tkun konsistenti ma' statistika oħra dwar il-produzzjoni agrikola billi tiġi integrata fis-settijiet tad-*data*. Dik l-istatistika dwar il-produzzjoni organika jenħtieġ li tkun koerenti wkoll mad-*data* amministrattiva prodotta skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u jenħtieġ li tużaha.

(21) Il-bilanċ gross tan-nutrijenti huwa wieħed mill-aktar indikaturi agroambjentali użati b'mod wiesa'. Fil-metodoloġija komuni tal-Eurostat/OECD huwa deskritt bħala d-differenza kkalkulata bejn il-kwantità totali ta' inputs tan-nutrijenti li jidħlu f'sistema agrikola u l-kwantità ta' outputs tan-nutrijenti li jħallu dik is-sistema agrikola. Minkejja l-importanza tagħha, mhux l-Istati Membri kollha jipprovdu d-*data* dwar il-bilanċ gross tan-nutrijenti b'mod volontarju lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Għalhekk huwa essenzjali li l-bilanċ gross tan-nutrijenti jiġi inkorporat f'dan ir-Regolament.

(22) Il-prodotti mediċinali veterinarji huma input importanti għall-agrikoltura. Importanti li jiġi evitat ix-xogħol doppju u li jsir l-aħjar użu tal-informazzjoni eżistenti li tkun tista' tintuża għall-finijiet ta' statistika. Għal dak il-għan, u bil-ħsieb li tiġi pprovduta informazzjoni faċilment aċċessibbli u utli liċ-ċittadini tal-Unjoni u lil partijiet ikkonċernati oħra dwar il-bejgħ u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, inkluż l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi f'annimali li jipproduċu l-ikel, l-istatistika rilevanti disponibbli, skont ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), jenħtieġ li titqassam mill-Kummissjoni (il-Eurostat). Għal dak il-għan, ftehimiet ta' kooperazzjoni xierqa dwar l-attivitajiet tal-istatistika jenħtieġ li jiġu stabbiliti bejn il-Kummissjoni u entitajiet rilevanti, inkluż fil-livell internazzjonali.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

(23) Il-prodotti bijoċidali jikkostitwixxu kontribut importanti fl-agrikoltura, pereżempju fl-iġjene veterinarja u fl-għalf tal-annimali. Is-sustanzi attivi awtorizzati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti spiss jintużaw fil-prodotti bijoċidali. Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 diġà identifika l-ħtieġa li tinġabar statistika dwar il-prodotti bijoċidali għal politiki infurmati u bbażati fuq ix-xjenza fl-oqsma tal-agrikoltura, l-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari. Filwaqt li jitqies li l-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li jinsabu fil-prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) għadu għaddej, b'35 % biss tal-ħidma relatata lesta, għadu prematur li l-prodotti bijoċidali jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Hekk kif jiġi ffinalizzat l-eżami tas-sustanzi attivi għall-użu fil-prodotti bijoċidali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li testendi l-kopertura ta' dan ir-Regolament biex tinkludi prodotti bħal dawn.

(24) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, l-unitajiet territorjali jenħtieġ li jiġu ddefiniti skont il-Klassifikazzjoni Komuni tal-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS"). Sabiex il-piż fuq l-Istati Membri jiġi limitat, ir-rekwiżiti tad-*data* reġjonali jenħtieġ li ma jaqbżux ir-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni preċedenti sakemm ma jkunux fil-frattemp tfaċċaw livelli reġjonali ġodda. Konsegwentement, huwa xieraq li d-*data* statistika reġjonali għall-Ġermanja tiġi pprovduta għall-unitajiet territorjali NUTS 1 biss.

(25) Jenħtieġ li jkun possibbli li tinġabar *data* dwar suġġetti ad hoc relatati mal-input u l-output agrikoli fi żmien speċifiku biex id-*data* miġbura fuq bażi regolari tiġi ssupplimentata b'*data* addizzjonali dwar suġġetti li jeħtieġu aktar informazzjoni, fenomeni emerġenti jew innovazzjonijiet. Il-ħtieġa għal tali *data* addizzjonali jenħtieġ li, madankollu, tiġi ġġustifikata kif xieraq.

(26) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jkunu permessi eżenzjonijiet minn ċerti trażmissjonijiet regolari tad-*data* jekk il-kontribuzzjonijiet ta' Stat Membru għat-total tal-UE għal dik id-*data* jkunu baxxi jew jekk il-fenomenu osservat ikun insinifikanti fir-rigward tal-produzzjoni totali f'dak l-Istat Membru partikolari.

(27) Biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika fi ħdan l-ESS u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw, minnufih u mingħajr ħlas, kull *data* amministrattiva li tkun meħtieġa għal finijiet pubbliċi, irrispettivament minn jekk tkunx miżmuma minn korpi pubbliċi, semipubbliċi jew privati. L-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jintegraw dik id-*data* amministrattiva mal-istatistika, sakemm din id-*data* tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika agrikola Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(28) L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jimmodernizzaw kemm jista' jkun il-modi tal-ġbir tad-*data*. Jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali u għodod ta' monitoraġġ tal-art, bħall-programm ta' osservazzjoni tad-Dinja tal-Unjoni Copernicus, u s-sensuri remoti. Id-*data* agrikola qed tiġi ġġenerata dejjem aktar permezz ta' prattiki agrikoli diġitali, fejn il-bidwi jibqa' s-sors ewlieni tad-*data*.

(29) Biex tkun żgurata l-flessibbiltà u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, fuq l-NSIs u fuq awtoritajiet nazzjonali oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw stħarriġiet statistiċi, rekords amministrattivi u kwalunkwe sors, metodu jew approċċ innovattiv ieħor, inkluż metodi bbażati fuq ix-xjenza u dokumentati sew bħall-imputazzjoni, l-istima u l-immudellar. Jenħtieġ li l-kwalità, u b'mod partikolari l-preċiżjoni, it-tempestività u l-komparabbiltà tal-istatistika bbażata fuq dawk is-sorsi, ikunu żgurati dejjem.

(30) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-trażmissjoni tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-*data*, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali. Il-miżuri li jittieħdu skont dan ir-Regolament iridu jiżguraw li d-*data* kunfidenzjali tiġi trażmessa u użata esklussivament għall-finijiet tal-istatistika skont l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

---

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

(31) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u mal-kriterji tal-kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament. Ir-rapporti ta' kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva l-istruttura unika integrata tal-metadata bħala l-istandard tal-ESS għar-rappurtar dwar il-kwalità, u b'hekk għen biex jiġu ssodisfati, permezz ta' standards uniformi u metodi armonizzati, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament. Dak l-istandard tal-ESS irid jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rappurtar skont dan ir-Regolament

(32) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009, id-*data* miġbura u r-rapporti ta' kwalità trażmessi mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jixxerrdu mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

(33) F'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u meta jkunu meħtieġa rekwiżiti ġodda tad-*data* jew titjib fis-settijiet tad-*data* koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà tagħhom billi tniedi studji ta' fattibbiltà u studji pilota, fejn meħtieġ.

(34) Fl-2016, saret valutazzjoni tal-impatt dwar l-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u warajha skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba biex il-programm statistiku stabbilit b'dan ir-Regolament jiffoka fuq il-ħtieġa għall-effettività fil-kisba tal-objettivi u biex jiġu inkorporati restrizzjonijiet baġitarji.

(35) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-input u l-output agrikoli fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għax hemm bżonn approċċ ikkoordinat, iżda jista' pjuttost, minħabba l-konsistenza u l-komparabbiltà, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(36) Sabiex jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tad-*data* emerġenti li jirriżultaw prinċipalment minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, minn leġiżlazzjoni riveduta u minn bidliet fil-prijoritajiet ta' politika, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-emendar tas-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament, l-emendar tal-frekwenzi ta' trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u l-applikabbiltà tad-dimensjonijiet tas-suġġetti dettaljati, u l-ispeċifikar tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc għall-ġbir tad-*data* ad hoc kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Meta tadotta dawn l-atti delegati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis aspetti bħall-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([16]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(37) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni bil-għan li tispeċifika r-rekwiżiti ta' kopertura, is-settijiet tad-*data* marbuta mas-suġġetti u s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness u l-elementi tekniċi tad-*data* li trid tiġi pprovduta, tistabbilixxi l-listi u d-deskrizzjonijiet tal-varjabbli u arranġamenti prattiċi oħra għall-ġbir tad-*data* ad hoc, u tispeċifika wkoll kull frekwenza ta' trażmissjoni tas-settijiet tad-*data*, u tiddefinixxi l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* u l-frekwenzi tat-trażmissjonijiet ikkonċernati, il-varjabbli u l-limiti rilevanti li fuq il-bażi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jkunu eżenti milli jibagħtu *data* speċifika, u tispeċifika aktar il-perjodi ta' referenza, tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti dwar il-kwalità u tistabbilixxi l-kontenut tagħhom, tispeċifika r-rekwiżiti ta' kopertura rigward ir-reġim tranżizzjonali għad-*data* dwar is-suġġett dettaljat tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni

([16]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

tal-pjanti fl-agrikoltura, u tagħti derogi lill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]). Meta teżerċita dawk is-setgħat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis aspetti bħall-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri.

(38) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'każijiet debitament ġustifikati u għal perjodu ta' żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Adattamenti maġġuri bħal dawn jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari mill-ħtieġa li s-sistemi tal-ġbir tad-*data* jiġu adattati biex jinkludu r-rekwiżiti ġodda tad-*data*, inkluż l-aċċess għal sorsi amministrattivi u sorsi rilevanti oħrajn.

(39) Jenħtieġ li jkun meħtieġ finanzjament kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Unjoni sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet.

(40) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jitħarsu b'miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, inkluż il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin u, meta jkun xieraq, il-penali amministrattivi u finanzjarji.

(41) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) u għar-Regolamenti (KE) Nru 1367/2006 ([19]) u (KE) Nru 1049/2001 ([20]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u f'konformità mal-kunfidenzjalità statistika f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(42) Il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-qafas tal-ESS jenħtieġ li jissaħħu biex ikunu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea prodotta skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 338(2) tat-TFUE. Id-*data* tinġabar ukoll minn korpi tal-Unjoni minbarra dawk imsemmija f'dan ir-Regolament u minn organizzazzjonijiet oħra. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawn il-korpi u l-organizzazzjonijiet u dawk involuti fl-ESS biex jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji.

(43) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas integrat għall-istatistika Ewropea aggregata relatata mal-input u l-output tal-attivitajiet agrikoli, kif ukoll l-użu intermedju ta' dan l-output fl-agrikoltura, u l-ġbir u l-ipproċessar tiegħu.

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([18]) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

([19]) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

([20]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet ta' "azjenda agrikola", "unità agrikola tal-art komuni", "unità ta' bhejjem" u "erja agrikola utilizzata", kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (a), (b), (d), u (e), tar-Regolament (UE) 2018/1091 rispettivament.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "attività agrikola" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi mwettqa fl-agrikoltura bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-gruppi A.01.1, A.01.2, A.01.3, A.01.4, A.01.5 jew fil-kamp ta' applikazzjoni taż-"żamma tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" tal-grupp A.01.6 fit-territorju ekonomiku tal-Unjoni, jew bħala l-attività primarja tagħha jew dik sekondarja; rigward l-attivitajiet tal-klassi A.01.49, huma inklużi biss l-attivitajiet ta' "Trobbija u tnissil ta' annimali semidomestiċi jew annimali ħajjin oħra" bl-eċċezzjoni tat-trobbija tal-insetti, u "Trobbija ta' naħal u produzzjoni ta' għasel u xemgħa tan-naħal";

(2) "intrapriża tal-ħalib" tfisser intrapriża jew azjenda agrikola li tixtri ħalib jew, f'ċerti każijiet, prodotti tal-ħalib, biex tibdilhom fi prodotti tal-ħalib; hija tinkludi wkoll intrapriżi li jiġbru l-ħalib jew il-krema biex jittrasferuhom kompletament jew parzjalment, mingħajr ipproċessar, lil intrapriżi oħra tal-ħalib;

(3) "biċċerija" tfisser intrapriża rreġistrata u approvata uffiċjalment li għandha l-permess għall-qtil u t-tlestija tal-annimali, li l-laħam tagħhom hu maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(4) "mafqas" tfisser intrapriża għall-inkubazzjoni tal-bajd, għat-tifqis u għall-provvista tal-flieles;

(5) "unità ta' osservazzjoni" tfisser entità identifikabbli li dwarha tista' tinkiseb *data*;

(6) "dominju" tfisser sett jew ħafna settijiet tad-*data* li jkopru suġġetti partikolari;

(7) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni; kull suġġett ikopri suġġett dettaljat wieħed jew aktar;

(8) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni relatati ma' suġġett; kull suġġett dettaljat ikopri varjabbli jew aktar minn wieħed;

(9) "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti" tfisser prodotti, fil-forma li fiha jiġu fornuti lill-utent, li jikkonsistu minn, jew li fihom, sustanzi attivi, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, aġenti protettivi, kif imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (a) ta' dak ir-Regolament, jew sustanzi sinerġiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (b) ta' dak ir-Regolament, u maħsuba għal wieħed mill-użi deskritti fl-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament;

(10) "sett tad-*data*" tfisser varjabbli aggregat wieħed jew ħafna organizzati f'forma strutturata;

(11) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni li tista' tassumi aktar minn sett wieħed ta' valuri;

(12) "*data* verifikata minn qabel" tfisser *data* verifikata mill-Istati Membri, abbażi ta' regoli komuni miftiehma ta' validazzjoni, kull meta disponibbli;

(13) "*data* ad hoc" tfisser *data* ta' interess partikolari għall-utenti f'mument speċifiku iżda li mhix inkluża fis-settijiet tad-*data* regolari;

(14) "*data* amministrattiva" tfisser *data* ġġenerata minn sors mhux statistiku, li normalment tinżamm minn korp pubbliku jew privat, li l-għan ewlieni tagħha mhuwiex li tipprovdi statistika;

(15) "metadata" tfisser informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintuża u tiġi interpretata l-istatistika u li tiddeskrivi d-*data* b'mod strutturat;

(16) "utent professjonali" tfisser kwalunkwe persuna li tuża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti waqt it-twettiq tal-attivitajiet professjonali tagħha, inkluż operaturi, tekniċi, impjegaturi u persuni li jaħdmu għal rashom, fis-settur tal-biedja.

([21]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tal-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 3*

**Popolazzjoni statistika u unitajiet ta' osservazzjoni**

1. Il-popolazzjoni statistika li trid tiġi deskritta għandha tikkonsisti minn unitajiet statistiċi bħal azjendi agrikoli, unitajiet agrikoli tal-art komuni, intrapriżi li jipprovdu prodotti u servizzi relatati mal-attivitajiet agrikoli jew li jixtru jew jiġbru prodotti minn attivitajiet agrikoli, u intrapriżi li jipproċessaw dawk il-prodotti agrikoli, speċjalment imfaqas, intrapriżi tal-ħalib u biċċeriji.

2. L-unitajiet ta' osservazzjoni li jridu jiġu rrappreżentati fil-qafas statistiku għandhom ikunu l-unitajiet statistiċi msemmija fil-paragrafu 1 u, skont l-istatistika li trid tiġi rrappurtata, dawn li ġejjin:

(a) art użata għal attività agrikola;

(b) annimali użati għal attività agrikola;

(c) importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' prodotti minn attivitajiet agrikoli minn intrapriżi mhux agrikoli;

(d) tranżazzjonijiet u flussi ta' fatturi ta' produzzjoni, prodotti u servizzi lejn u minn attivitajiet agrikoli.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti ta' kopertura**

1. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni statistika li tiddeskrivi.

2. Għad-dominju tal-istatistika tal-produzzjoni tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), id-*data* għandha tkopri 95 % tal-unitajiet tal-bhejjem ta' kull Stat Membru u l-attivitajiet jew l-outputs relatati.

3. Għad-dominju tal-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), id-*data* għandha tkopri 95 % tal-erja agrikola utilizzata totali, għajr il-ġonna kulinari, ta' kull Stat Membru u l-volumi ta' produzzjoni relatati.

4. Għas-suġġett tan-nutrijenti fil-fertilizzanti għall-agrikoltura msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (d)(i), ta' dan ir-Regolament, id-*data* għandha tkopri l-prodotti fertilizzanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) u 95 % tal-erja agrikola totali utilizzata, minbarra l-ġonna kulinari, ta' kull Stat Membru u l-volumi ta' produzzjoni relatati.

5. Għad-dominju tal-istatistika dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (e), il-kopertura għandha tkun kif ġej:

(a) għas-suġġett dettaljat tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq kif imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, id-*data* għandha tkopri l-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(b) għas-suġġett dettaljat tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura kif imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, id-*data* għandha tkopri mill-inqas 85 % tal-użu f'attività agrikola minn utenti professjonali kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/128/KE, f'kull Stat Membru. Id-*data* minn kull Stat Membru għandha tirrigwarda lista ta' għelejjel li jkun fihom parti komuni għall-Istati Membri kollha. Dik il-parti komuni, flimkien mal-bwar permanenti, għandha tkopri mill-inqas 75 % tal-erja agrikola totali utilizzata fil-livell tal-Unjoni. Hekk kif issir applikabbli l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jittrażmettu r-rekords tagħhom dwar l-użu ta' tali prodotti f'format elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, il-kopertura tal-użu f'attività agrikola għandha tiżdied għal 95 %, li tibda mis-sena ta' referenza wara d-data li fiha dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ssir applikabbli.

([22]) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1).

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti ta' kopertura msemmija fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu. Fil-każ li dawk l-ispeċifikazzjonijiet jiġu aġġornati, il-Kummissjoni għandha tqis ix-xejriet ekonomiċi u tekniċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti tad-data regolari**

1. L-istatistika relatata mal-input u l-output tal-attivitajiet agrikoli għandha tkopri d-dominji u s-suġġetti li ġejjin:

(a) statistika dwar il-produzzjoni tal-annimali

(i) bhejjem u laħam,

(ii) bajd u flieles,

(iii) ħalib u prodotti tal-ħalib;

(b) statistika dwar il-produzzjoni tal-għelejjel

(i) erja tal-uċuħ tar-raba' u produzzjoni,

(ii) bilanċi tal-għelejjel,

(iii) bwar;

(c) statistika dwar il-prezzijiet agrikoli

(i) indiċijiet tal-prezzijiet agrikoli,

(ii) prezzijiet assoluti tal-input,

(iii) prezzijiet u kirjiet tal-art agrikola;

(d) statistika dwar in-nutrijenti

(i) Nutrijenti fil-fertilizzanti għall-agrikoltura,

(ii) bilanċi tan-nutrijenti;

(e) statistika dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(i) prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Is-suġġetti dettaljati, il-frekwenzi ta' trażmissjoni u l-perjodi ta' referenza korrispondenti tagħhom kif ukoll id-dimensjonijiet organiċi u reġjonali tagħhom għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness.

3. Id-*data* għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fil-forma ta' settijiet tad-*data* aggregati.

4. Id-*data* dwar il-produzzjoni u l-prodotti organiċi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/848 għandha tiġi integrata fis-settijiet tad-*data*.

5. Id-*data* reġjonali għandha tiġi pprovduta fil-livell ta' NUTS2 kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003. Bħala eċċezzjoni dik id-*data* tista' tiġi pprovduta biss mill-unitajiet territorjali NUTS 1 għall-Ġermanja.

6. Meta varjabbli jkollu prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-valuri ta' dak il-varjabbli jistgħu jiġu esklużi mis-settijiet tad-*data* trażmessi, jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun debitament iġġustifika l-esklużjoni tiegħu lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

7. L-informazzjoni rilevanti tal-prezzijiet tal-input u l-output agrikoli, inkluż il-karatteristiċi u l-piżijiet tal-prodotti u s-servizzi, għandha tinġabar mill-Istati Membri biex jiġu kkompilati indiċijiet tal-prezzijiet komparabbli u għall-varjabbli meħtieġa għall-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura koperti mir-Regolament (KE) Nru 138/2004.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 li jemendaw, sabiex iżidu, iħassru jew jimmodifikaw, is-suġġetti dettaljati, inkluża d-deskrizzjoni tagħhom, kif stipulat fl-Anness.

Meta teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:

(a) l-atti delegati jkunu debitament ġustifikati u ma jimponux piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

(b) fuq perjodu ta' ħames snin konsekuttivi, mhux aktar minn erba' suġġetti dettaljati huma emendati, li minnhom mhux aktar minn wieħed huwa ġdid;

(c) jitnedew, fejn meħtieġ, studji ta' fattibbiltà kif stabbiliti fl-Artikolu 11 u r-riżultati tagħhom jitqiesu kif xieraq.

9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 li jemendaw il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u l-applikabbiltà tad-dimensjonijiet tas-suġġetti dettaljati kif stipulat fl-Anness.

Meta teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:

(a) l-atti delegati jkunu debitament ġustifikati u ma jimponux piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

(b) jitnedew studji ta' fattibbiltà kif stipulat fl-Artikolu 11, u r-riżultati tagħhom jitqiesu kif xieraq.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi s-settijiet tad-*data* li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tad-*data* li trid tiġi pprovduta, meta xieraq:

(a) il-lista tal-varjabbli;

(b) id-deskrizzjoni tal-varjabbli, inkluż:

  (i) il-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni,

  (ii) l-unità ta' kejl għall-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni,

  (iii) id-dimensjonijiet organiċi u reġjonali għall-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni;

  varjabbli jingħadd bħala kombinazzjoni ta' karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni mal-unità ta' kejl korrispondenti u waħda mid-dimensjonijiet tagħha;

(c) l-unitajiet ta' osservazzjoni;

(d) ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni;

(e) ir-regoli metodoloġiċi;

(f) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*, filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ biex tkun prodotta *data* nazzjonali li tikkonforma mal-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-ħtieġa li jiġu minimizzati l-piż u l-ispejjeż amministrattivi fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti; l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* ma għandhomx jiġu modifikati qabel l-1 ta' Jannar 2030.

  Meta l-Kummissjoni tidentifika l-ħtieġa li timmodifika l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*, hija għandha tniedi studji ta' fattibbiltà kif stipulat fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u r-riżultati ta' dawk l-istudji ta' fattibbiltà għandhom jitqiesu kif xieraq. Meta jiġu mmodifikati l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*, dawk l-iskadenzi ma għandhomx jitnaqqsu b'aktar minn 20 % tal-jiem li jisseparaw it-tmiem tal-perjodu ta' referenza mill-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data* kif stipulat fl-ewwel att ta' implimentazzjoni adottat skont dan il-paragrafu, sakemm it-tnaqqis tal-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data* ma jkunx dovut biss għall-introduzzjoni ta' approċċ innovattiv jew l-użu ta' sorsi ta' *data* diġitali ġodda, bħall-osservazzjoni tad-Dinja jew il-big *data*, disponibbli fl-Istati Membri kollha.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

11. Meta l-Kummissjoni tkun adottat att delegat skont il-paragrafu 8 jew 9, ħlief att delegat li jemenda d-dimensjoni organika, l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 10 jista' jimmodifika, jissostitwixxi jew iżid total massimu ta' 90 varjabbli fuq perjodu ta' ħames snin konsekuttivi. Madankollu, dak il-limitu massimu ma għandux japplika għal varjabbli relatati mad-dominju tal-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

12. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* verifikata minn qabel u l-metadata relatata b'format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (il-Eurostat) għal kull sett tad-*data*. Is-servizzi tal-punt uniku ta' dħul għandhom jintużaw biex jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti tad-data ad hoc**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies neċessarju għall-fini li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:

(a) is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati relatati mad-dominji speċifikati fl-Artikolu 5 li jridu jiġu pprovduti fil-ġbir tad-*data* ad hoc u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;

(b) il-perjodi ta' referenza.

2. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-ħtiġijiet tad-*data*, tivvaluta l-fattibbiltà tal-ġbir tad-*data* meħtieġa, billi tuża l-input minn esperti rilevanti, u għandha tiżgura li ma jiġi impost l-ebda piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew mis-sena ta' referenza 2024 u b'minimu ta' sentejn bejn kull ġbir ta' *data* ad hoc, li jibdew mill-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data* tal-aħħar ġbir ta' *data* ad hoc.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi:

(a) lista tal-varjabbli, li ma taqbiżx il-50 varjabbli;

(b) id-deskrizzjoni tal-varjabbli, inklużi dawn kollha li ġejjin:

    (i) il-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni,

    (ii) l-unità ta' kejl għall-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni,

    (iii) id-dimensjonijiet organiċi u reġjonali għall-karatteristiċi tal-unità ta' osservazzjoni;

    varjabbli jingħadd bħala kombinazzjoni ta' karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni mal-unità ta' kejl korrispondenti u waħda mid-dimensjonijiet tagħha;

(c) ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni;

(d) l-iskadenzi biex tiġi trażmessa d-*data*;

(e) l-unitajiet ta' osservazzjoni;

(f) id-deskrizzjoni tal-perjodu ta' referenza kif stipulat fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 1.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 7*

**Frekwenza ta' trażmissjoni tas-settijiet tad-data**

1. Il-frekwenza ta' trażmissjoni tas-settijiet tad-*data* għandha tkun kif stipulat fl-Anness. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw kull frekwenza ta' trażmissjoni f'aktar dettall.

2. Stat Membru jista' jiġi eżentat milli jibgħat *data* speċifika bil-frekwenzi ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Anness għal varjabbli predefiniti fil-każ li l-impatt tal-Istat Membru fuq it-total tal-UE ta' dawk il-varjabbli jkun limitat.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* u l-frekwenzi ta' trażmissjoni kkonċernati, il-varjabbli u l-limiti rilevanti li abbażi tagħhom jista' jiġi applikat l-ewwel subparagrafu. Dawk il-limiti għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li l-applikazzjoni tagħhom ma tnaqqasx l-informazzjoni dwar it-total mistenni tal-UE tal-varjabbli korrispondenti b'aktar minn 5 %. Il-limiti għandhom jiġu riveduti mill-Kummissjoni (il-Eurostat) biex ikunu jikkorrispondu max-xejriet tat-totali tal-UE.

3. Għall-istatistika tal-produzzjoni, Stat Membru jista' jiġi eżentat mit-trażmissjonijiet ta' *data* speċifika għal varjabbli predefiniti fil-każ li l-impatt tal-varjabbli jkun limitat fir-rigward tal-produzzjoni agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-limiti għal dawk il-varjabbli.

4. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 8*

**Sorsi ta' data u metodi**

1. Biex tinkiseb statistika relatata mal-input u l-output tal-attivitajiet agrikoli, l-Istati Membri għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi jew il-metodi tad-*data* li ġejjin, sakemm id-*data* tippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 10:

(a) stħarriġiet statistiċi jew metodi oħra tal-ġbir tad-*data* statistika;

(b) is-sorsi ta' *data* amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) sorsi ta' *data* amministrattiva oħra bbażati fuq il-liġi nazzjonali, sorsi, metodi jew approċċi innovattivi oħra, bħal għodod diġitali u sensuri remoti.

2. Fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe *data* mis-sorsi li ġejjin:

(a) is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]), is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bovini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]), is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]), ir-reġistru tal-vinji implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]), u r-reġistri tal-biedja organika stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jew kwalunkwe *data* amministrattiva rilevanti ta' kwalità adegwata għall-finijiet ta' statistika kif deskritt fl-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament, definit fil-liġi tal-Unjoni;

(b) ir-reġistri miżmuma f'format elettroniku u kif imsemmi fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009; jew

(c) kwalunkwe sors ta' *data* amministrattiva rilevanti ieħor dment li tali *data* tippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

([23]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

([24]) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

([25]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([26]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

3. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw is-sorsi, il-metodi jew l-approċċi innovattivi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c) għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) tul is-sena ta' qabel is-sena ta' referenza li matulha se jintużaw is-sors, il-metodu jew l-approċċ innovattiv, u għandhom jipprovdu dettalji dwar il-kwalità tad-*data* miksuba.

4. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament għandu jkollhom id-dritt jaċċessaw u jużaw, minnufih u mingħajr ħlas, *data*, inkluż *data* individwali dwar intrapriżi u azjendi agrikoli f'rekords amministrattivi kkompilati fit-territorju nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-awtoritajiet nazzjonali u s-sidien tar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa għal dan l-aċċess. Dak l-aċċess għandu jingħata wkoll meta l-awtorità kompetenti tkun iddelegat kompiti lil korpi privati jew semipubbliċi, li jridu jitwettqu f'isimha.

*Artikolu 9*

**Perjodu ta' referenza**

1. L-informazzjoni miġbura fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandha tirreferi għal perjodu ta' referenza uniku li jkun komuni għall-Istati Membri kollha permezz ta' referenza għas-sitwazzjoni tul perjodu taż-żmien speċifikat.

2. Il-perjodu ta' referenza għal kull suġġett dettaljat għandu jkun kif speċifikat fl-Anness. L-ewwel perjodi ta' referenza għandhom jibdew fis-sena 2025.

3. Għas-suġġett tal-indiċijiet tal-prezzijiet tal-agrikoltura msemmija fil-punt (c)(i) tal-Artikolu 5(1), l-Istati Membri għandhom, kull ħames snin, jibbażaw mill-ġdid l-indiċijiet billi jużaw bħala snin bażi s-snin li jintemmu b'0 jew 5.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-perjodi ta' referenza f'aktar dettall. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 10*

**Ir-rekwiżiti tal-kwalità u r-rappurtar tal-kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* u l-metadata trażmessa.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* miksuba bl-użu tas-sorsi u l-metodi stabbiliti fl-Artikolu 8 tagħti stimi preċiżi dwar il-popolazzjoni statistika definita fl-Artikolu 3 fil-livell nazzjonali, u, meta meħtieġ, fil-livell reġjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* u l-metadata trażmessa lilha b'mod trasparenti u verifikabbli.

5. Għall-fini tal-paragrafu 4, kull Stat Membru għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (il-Eurostat), għall-ewwel darba sat-30 ta' Ġunju 2028, u mbagħad kull tliet snin, rapporti ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċessi statistiċi għas-settijiet tad-*data* trażmessi tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari:

(a) metadata li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif inkisbu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' kopertura kif stabbiliti fl-Artikolu 4, inkluż l-iżvilupp u l-aġġornament tagħhom.

6. B'deroga mill-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għas-suġġett tal-indiċijiet tal-prezzijiet agrikoli msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (c) (i), ir-rapporti tal-kwalità għandhom jintbagħtu kull ħames snin flimkien mal-piżijiet u l-indiċijiet ibbażati mill-ġdid, kif ukoll ir-rapporti metodoloġiċi separati korrispondenti. L-ewwel trażmissjoni għar-rapport tal-kwalità dwar is-suġġett tal-indiċijiet tal-prezzijiet agrikoli ma għandhiex tkun qabel il-31 ta' Diċembru 2028.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti dwar il-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) u ma għandhomx jimponu piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

8. L-Istati Membri għandhom, meta meħtieġ, jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidliet rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kwalità tad-*data* trażmessa.

9. Meta jintalbu mill-Kummissjoni (il-Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tad-*data* tal-istatistika.

*Artikolu 11*

**Studji ta' fattibbiltà u studji pilota**

1. F'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u fejn jiġu identifikati rekwiżiti tad-*data* regolari ġodda jew il-ħtieġa għal titjib kbir fir-rekwiżiti tad-*data* regolari attwali, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tniedi studji ta' fattibbiltà sabiex tevalwa, fejn meħtieġ:

(a) id-disponibbiltà u l-kwalità ta' sorsi ta' *data* ġodda xierqa;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tekniki statistiċi ġodda;

(c) l-impatt finanzjarju u l-piż fuq dawk li jwieġbu.

2. F'kull studju ta' fattibbiltà partikolari, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta jekk l-istatistika l-ġdida tistax tiġi prodotta bl-użu tal-informazzjoni disponibbli fis-sorsi amministrattivi rilevanti fil-livell tal-Unjoni u għandha ttejjeb l-użu ta' *data* eżistenti f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Fi studju ta' fattibbiltà partikolari, il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista', fejn meħtieġ, tniedi studji pilota, li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri. L-objettiv ta' dawk l-istudji pilota għandu jkun li jittestjaw l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda fl-Istati Membri b'metodi differenti ta' produzzjoni statistika billi jwettqu dik l-implimentazzjoni fuq skala iżgħar.

4. Il-Kummissjoni (il-Eurostat), f'kooperazzjoni ma' esperti mill-Istati Membri u l-utenti ewlenin tas-settijiet tad-*data*, għandha tevalwa r-riżultati tal-istudji tal-fattibbiltà u, fejn applikabbli, tal-istudji pilota, akkumpanjati, fejn xieraq, minn proposti għall-introduzzjoni ta' rekwiżiti tad-*data* regolari ġodda jew titjib imsemmi fil-paragrafu 1. Wara dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar is-sejbiet tal-istudji ta' fattibbiltà u dawk pilota. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu pubbliċi.

5. Waqt it-tħejjija ta' att delegat imsemmi fl-Artikolu 5(8) jew (9), il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq ir-riżultati tal-istudji ta' fattibbiltà u dawk pilota, b'mod partikolari l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda tad-*data* fl-Istati Membri kollha.

*Artikolu 12*

**Disseminazzjoni tar-riżultati**

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha xxerred online u mingħajr ħlas id-*data* trażmessa lilha f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha xxerred, b'rispett sħiħ għall-kunfidenzjalità kummerċjali u statistika, statistika aggregata, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dwar prodotti mediċinali veterinarji derivati minn *data* prevista fl-Artikolu 55(2) u l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) 2019/6.

*Artikolu 13*

**Kontribuzzjoni tal-Unjoni**

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tagħti għotjiet mill-Programm tas-Suq Uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]) u f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) lill-NSIs u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 biex:

(a) jiġu koperti l-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data* ad hoc;

(b) tinbena l-kapaċità għall-użu ta' sorsi amministrattivi biex tinġabar statistika meħtieġa minn dan ir-Regolament;

(c) jitwettaq stħarriġ kampjunarju biex tinġabar *data* dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura għas-sena ta' referenza 2026;

(d) jiġu żviluppati metodoloġiji u approċċi innovattivi biex jiġu adattati sistemi ta' ġbir ta' *data*, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq id-diġitalizzazzjoni, għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(e) jitwettqu tal-istudji ta' fattibbiltà u pilota msemmija fl-Artikolu 11;

(f) jiġu koperti l-ispejjeż tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi biex jitnaqqsu l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fl-ambitu ta' dan l-Artikolu ma għandhiex taqbeż il-95 % tal-kostijiet eliġibbli.

3. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit skont ir-regoli tal-Programm tas-Suq Uniku bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament. L-awtorità baġitarja għandha tiddeċiedi l-approprjazzjoni disponibbli għal kull sena.

*Artikolu 14*

**Reġim tranżizzjonali għal data dwar is-suġġett dettaljat tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura**

1. Għas-snin 2025, 2026 u 2027, ir-regoli tranżitorji li ġejjin għandhom japplikaw għas-suġġett dettaljat tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura kif imsemmi fl-Anness:

(a) b'deroga mill-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 9(2), għandu jkun hemm trażmissjoni waħda biss ta' *data* għas-sena ta' referenza 2026;

(b) b'deroga mill-Artikolu 4(5), il-punt (b), id-*data* għandha tkopri lista komuni ta' għelejjel għall-Istati Membri kollha li tipprovdi informazzjoni dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'appoġġ għall-politiki rilevanti tal-Unjoni; dik il-lista komuni ta' għelejjel għandha, flimkien mal-bwar permanenti, tkopri mill-inqas 75 % tal-erja agrikola utilizzata fil-livell tal-Unjoni.

([27]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, il-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

([28]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti ta' kopertura msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

2. Mis-sena ta' referenza 2028 'il quddiem, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jżommu rekords dwar l-użu ta' tali prodotti f'format elettroniku, li huwa applikabbli 12-il xahar qabel il-bidu ta' sena ta' referenza li għaliha għandha tiġi trażmessa d-*data*, japplika dan li ġej:

(a) b'deroga mill-Artikolu 7(1), il-frekwenza tat-trażmissjoni għandha tkun kull sentejn;

(b) b'deroga mill-Artikolu 4(5), il-punt (b), ir-regoli tranżizzjonali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għandhom ikomplu japplikaw.

*Artikolu 15*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti minn miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu u, meta jkun xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandhom ikollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-subkuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([30]) bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjati mill-programm.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu t-tali awditi u investigazzjonijiet, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

*Artikolu 16*

**Derogi**

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew tal-miżuri ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skontu tkun teħtieġ adattamenti maġġuri ta' sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi lill-Istati Membri kkonċernati għal perjodu massimu ta' tliet snin. M'għandha tingħata ebda deroga mir-regoli tranżizzjonali għas-suġġett dettaljat tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 14(1).

([29]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([30]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal din id-deroga lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat, li tispjega liema adattamenti maġġuri huma meħtieġa għas-sistema nazzjonali tal-istatistika li jipprovdu kronoloġija stmata għal dawn l-adattamenti.

L-impatt tad-derogi mogħtija fl-ambitu ta' dan l-Artkolu dwar il-komparabbiltà tad-*data* tal-Istati Membri jew fuq il-kalkolu tal-aggregati Ewropej fil-ħin u rappreżentattivi meħtieġa għandu jinżamm għal minimu. Fl-għoti tad-deroga għandu jitqies il-piż fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri mill-Kummissjoni.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

*Artikolu 17*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(8) u (9) u l-Artikolu 6(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-27 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5(8) u (9) u fl-Artikolu 6(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(8) u (9) u Artikolu 6(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 18*

**Rappurtar**

Sal-31 ta' Diċembru 2029 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 19*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 20*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 617/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 617/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3, 4 u 5 huma mħassra;

(2) l-Artikolu 11 huwa mħassar;

(3) l-Annessi III u IV huma mħassra.

*Artikolu 21*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva 96/16/KE huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2025 mingħajr preġudizzju għall-obbligi stipulati f'dawk l-atti legali li jikkonċernaw it-trażmissjoni ta' *data* u metadata, inklużi rapporti dwar il-kwalità, fir-rigward ta' perjodi ta' referenza li jaħbtu, kollha kemm huma jew parti minnhom, qabel dik id-data.

2. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-23 ta' Novembru 2022.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK

*ANNESS*

DOMINJI, SUĠĠETTI U SUĠĠETTI DETTALJATI, U FREKWENZI TAT-TRAŻMISSJONI, PERJODI TA' REFERENZA U DIMENSJONIJIET GĦAL KULL SUĠĠETT DETTALJAT

(a) Statistika dwar il-produzzjoni tal-annimali

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Bhejjem u laħam | Popolazzjoni tal-bhejjem<br>Id-*data* għandha tkopri l-għadd ta' annimali miżmuma minn azjendi agrikoli fit-territorju ta' Stat Membru fid-data ta' referenza jew bħala medja matul il-perjodu ta' referenza. | Darbtejn fis-sena | Data fil-perjodu Mejju/Ġunju | | |
| | | | Data fil-perjodu Novembru/ Diċembru | Applikab-bli | Applikabbli |
| | | Kull sena | Data fil-perjodu Novembru/ Diċembru | Applikab-bli | Applikabbli |
| | | | Sena | Applikab-bli | Applikabbli |
| | | Tliet darbiet kull għaxar snin | Sena | | |
| | Produzzjoni tal-laħam<br>Id-*data* għandha tkopri l-piżijiet tal-karkassi u n-numri tal-annimali maqtula fit-territorju ta' Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza, kemm jekk fil-biċċeriji kif ukoll jekk le, u li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem. | Kull xahar | Xahar | | |
| | | Kull sena | Sena | Applikab-bli | |
| | Konsenja tal-annimali<br>Id-*data* għandha tkopri t-tbassir tal-produzzjoni indiġena grossa (GIP), jiġifieri n-numru ta' annimali mistennija li jiġu kkonsenjati mill-qafas ta' azjendi agrikoli ta' Stat Membru, jew barra mill-pajjiż jew lill-biċċeriji fl-Istat Membru. | Darbtejn fis-sena | Erba' trimestri | | |
| | | Darbtejn fis-sena | Tliet nofs snin | | |
| | | Kull sena | Żewġ nofs snin | | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Bajd u flieles | Bajd għall-konsum<br>Id-*data* għandha tkopri l-għadd ta' bajd għall-konsum miġbur fl-azjendi agrikoli fi Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza. Dak il-bajd jista' jiġi kkonsenjat fiċ-ċentri tal-ippakkjar, mibjugħ direttament lill-konsumaturi jew lill-industrija agroalimentari, ikkonsmat fl-azjenda agrikola jew mitluf wara li jitlaq mill-azjenda agrikola. | Kull sena | Sena | Applikab-bli | |
| | | Tliet darbiet kull għaxar snin | Sena | Applikab-bli | |
| | Bajd għat-tifqis u flieles tat-tjur tal-irziezet<br>Id-*data* għandha tkopri n-numru ta' bajd imqiegħed fl-inkubazzjoni u n-numru ta' flieles prodotti fl-imfaqas ta' Stat Membru b'kapaċità ta' aktar minn 1 000 bajda u matul il-perjodu ta' referenza, kif ukoll in-numru ta' flieles importati lejn jew esportati minn dak l-Istat Membru. | Kull xahar | Xahar | | |
| | Struttura tal-imfaqas<br>Id-*data* għandha tkopri l-istruttura tal-imfaqas, deskritta min-numru ta' imfaqas fi Stat Membru u l-kapaċità tagħhom imqassma skont il-klassijiet tal-kapaċità matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Ħalib u prodotti tal-ħalib | Ħalib prodott u użat fl-azjendi agrikoli<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantità ta' ħalib mill-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż u l-bufli prodotti, u l-kwantitajiet ta' prodotti tal-ħalib użati direttament (mhux ikkonsenjati lil intrapriża tal-ħalib fl-Istat Membru), mill-azjendi agrikoli ta' Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | Applikabbli | Applikabbli |
| | Disponibbiltajiet tal-ħalib għas-settur tal-ħalib<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantità ta' ħalib miġbura mill-impriżi tal-ħalib ta' Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza minn azjendi agrikoli, kemm jekk jinsabu f'dak l-Istat Membru kif ukoll jekk le. Huma għandhom ikopru wkoll il-kwantità ta' ħalib u materjali tal-ħalib disponibbli għas-settur tal-ħalib, bħall-kwantitajiet ta' ħalib miġbur, ta' ħalib u materjali tal-ħalib importati, u ta' prodotti oħra tal-ħalib miġbura minn azjendi agrikoli, mill-intrapriżi tal-ħalib ta' Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | Applikabbli | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| | Użi ta' ħalib u materjali tal-ħalib mis-settur tal-ħalib u prodotti li jirriżultaw minnhom<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantitajiet ta' ħalib sħiħ u xkumat użati mill-intrapriżi tal-ħalib ta' Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza għall-ipproċessar tad-diversi prodotti tal-ħalib jew, fil-każ ta' materjal tal-ħalib, tal-kwantitajiet ta' ħalib sħiħ u ekwivalenti ta' ħalib xkumat. Dawk il-kwantitajiet jistgħu jitkejlu jew jiġu stmati direttament abbażi tal-kontenut ta' xaħam tal-ħalib u ta' proteini tal-ħalib tal-prodotti tal-ħalib (output) jew fuq il-kontenut ta' xaħam tal-ħalib u ta' proteini tal-ħalib tal-materjali tal-ħalib (input). | Kull sena | Sena | Applikab-bli | |
| | Użi ta' kull xahar ta' ħalib tal-baqar mis-settur tal-ħalib<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantitajiet ta' prodotti tal-ħalib (jew ta' butir ekwivalenti, fil-każ ta' butir totali u prodotti tal-ħalib sofor oħra) ipproċessati mill-ħalib tal-baqar li kienu prodotti mill-intrapriżi tal-ħalib fi Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza, esklużi l-materjali tal-ħalib. | Kull xahar | Xahar | | |
| | Struttura tal-intrapriżi tal-ħalib<br>Id-*data* għandha tkopri l-għadd ta' intrapriżi tal-ħalib fi Stat Membru li jopera fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza, ikklassifikati skont il-volumi tal-prodotti rilevanti miġbura, ittrattati jew prodotti. | Tliet darbiet kull għaxar snin | Sena | | |

(b) Statistika dwar il-produzzjoni tal-għelejjel

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta’ referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Erja tal-għelejjel u produzz-joni | Raba’ li jinħadem u bwar permanenti<br>Id-*data* għandha tkopri stimi bikrija u statistika finali dwar l-erjas, il-produzzjoni u r-rendiment tar-raba’ li jinħadem u tal-bwar permanenti, imkabbra biex jinħasdu prinċipalment fil-perjodu ta’ referenza, fl-azjendi agrikoli fl-Istati Membri. | Subannwali | Sena | | |
| | | Kull sena | Sena | Applikab-bli | Applikabbli |
| | Ortikultura għajr l-għelejjel permanenti<br>Id-*data* għandha tkopri stimi bikrija u statistika finali dwar l-erjas, il-produzzjoni u r-rendiment tal-għelejjel ortikulturali mkabbra biex jinħasdu fil-perjodu ta’ referenza fl-azjendi agrikoli fl-Istati Membri. | Subannwali | Sena | | |
| | | Kull sena | Sena | Applikab-bli | |
| | Għelejjel permanenti<br>Id-*data* għandha tkopri stimi bikrija u statistika finali dwar l-erjas, il-produzzjoni u r-rendiment tal-għelejjel agrikoli permanenti mkabbra biex jinħasdu prinċipalment fil-perjodu ta’ referenza fl-azjendi agrikoli fl-Istati Membri. | Subannwali | Sena | | |
| | | Kull sena | Sena | Applikab-bli | Applikabbli |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Bilanċi tal-għelejjel | Bilanċi taċ-ċereali<br>Id-*data* għandha tkopri l-provvisti, l-użi u l-ħażniet taċ-ċereali ewlenin u l-ewwel livell tal-prodotti li jirriżultaw fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | | |
| | Bilanċi taż-żrieragħ taż-żejt<br>Id-*data* għandha tkopri l-provvisti, l-użi u l-ħażniet taż-żrieragħ taż-żejt ewlenin fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | | |
| Mergħat | Ġestjoni ta' mergħat<br>Id-*data* għandha tkopri l-erjas ta' mergħat permanenti u temporanji klassifikati bl-età, il-kopertura u l-ġestjoni fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' referenza. | Tliet darbiet kull għaxar snin | Sena | | |

(c) Statistika dwar il-prezzijiet agrikoli

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Indiċijiet dwar il-prezzijiet agrikoli | Indiċijiet bikrin u miksuba<br>Id-*data* għandha tipprovdi l-indiċijiet tal-prezzijiet agrikoli li jirrappreżentaw il-bidliet fil-prezzijiet assoluti tal-prodotti agrikoli u l-inputs fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' referenza, meta mqabbla mas-sena bażi,. | Trimestrali | Trimestru | | |
| | | Kull sena | Sena | | |
| | Ponderazzjonijiet u indiċijiet ibbażati mill-ġdid<br>Id-*data* meħtieġa biex l-indiċijiet bikrin u miksuba ikunu jistgħu jerġgħu jiġu bbażati | Kull ħames snin | Trimestru | | |
| | | | Sena | | |
| | | | | | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Prezzijiet tal-input assoluti | Fertilizzanti<br>Is-sett tad-*data* għandu jkopri l-prezzijiet medji tax-xiri għall-prodotti fertilizzanti u l-valuri ta' ponderazzjoni tal-pajjiż relatati. | Kull sena | Sena | | |
| | | Kull ħames snin ([1]) | Sena | | |
| | Għalf<br>Is-sett tad-*data* għandu jkopri l-prezzijiet tax-xiri għall-prodotti fertilizzanti u l-valuri ta' ponderazzjoni tal-pajjiż relatati. | Kull sena | Sena | | |
| | | Kull ħames snin ([1]) | Sena | | |
| | Enerġija<br>Is-sett tad-*data* għandu jkopri l-prezzijiet tax-xiri għall-prodotti fertilizzanti u l-valuri ta' ponderazzjoni tal-pajjiż relatati. | Kull sena | Sena | | |
| | | Kull ħames snin ([1]) | Sena | | |
| Prezzijiet u kirjiet tal-art agrikola | Prezzijiet tal-art agrikola<br>Is-sett tad-*data* għandu jkopri l-prezz medju tal-bejgħ tal-art agrikola kif rifless fit-tranżazzjonijiet fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | | |
| | Kirjiet tal-art agrikola<br>Is-sett tad-*data* għandu jkopri l-prezz medju tal-kera għall-art agrikola fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' referenza. | Kull sena | Sena | | |

([1]) Dan jirreferi għall-frekwenza tat-trażmissjoni tal-valuri ta' ponderazzjoni tal-pajjiżi relatati.

(d) Statistika dwar in-nutrijenti

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Nutrijenti fil-fertilizzanti għall-agrikoltura | Fertilizzanti inorganiċi għall-agrikoltura<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantitajiet tan-nutrijenti fil-fertilizzanti inorganiċi użati fl-agrikoltura matul il-perjodu ta' referenza fi Stat Membru. | Kull sena | Sena | | |
| | Fertilizzanti organiċi għall-agrikoltura<br>Id-*data* għandha tkopri l-fertilizzanti organiċi (eskluż id-demel tal-annimali) użati fl-agrikoltura matul il-perjodu ta' referenza fi Stat Membru u l-koeffiċjenti rispettivi tal-kontenut tan-nutrijenti. | Kull tliet snin | Sena | | |
| Bilanċi tan-nutrijenti | Koeffiċjenti tal-kontenuti tan-nutrijenti tal-għelejjel u tal-foraġġ<br>Id-*data* għandha tkopri l-koeffiċjenti tal-kontenut tan-nutrijenti li jirrappreżentaw l-ammont medju ta' nutrijenti f'tunnellata ta' prodott maħsud ta' għalla. | Kull ħames snin | Sena | | |
| | Volumi tar-residwi tal-għelejjel u koeffiċjenti tal-kontenut tan-nutrijenti<br>Id-*data* għandha tkopri l-kwantitajiet annwali medji tar-residwi tal-għelejjel u l-koeffiċjenti rispettivi tal-kontenut tan-nutrijenti. | Kull ħames snin | Sena | | |
| | Koeffiċjenti tal-iffissar bijoloġiku tan-nitroġenu<br>Id-*data* għandha tkopri l-koeffiċjenti tal-iffissar tan-nitroġenu bijoloġiku għal għelejjel leguminużi u taħlit ta' ħaxix tal-legumi. | Kull ħames snin | Sena | | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| | Koeffiċjenti tad-depożizzjoni tan-nitroġenu atmosferiku<br>Id-*data* għandha tkopri l-koeffiċjenti tad-depożizzjoni tan-nitroġenu atmosferiku għal kull ettaru ta' erja agrikola utilizzata. | Kull ħames snin | Sena | | |
| | Koeffiċjenti tal-kontenut tan-nutrijenti taż-żerriegħa<br>Id-*data* għandha tkopri l-koeffiċjenti tal-kontenut tan-nutrijenti fiż-żrieragħ għal kull ettaru ta' żona mħawla. | Kull ħames snin | Sena | | |
| | Koeffiċjenti tal-eskrement tan-nutrijenti tal-bhejjem<br>Id-*data* għandha tkopri l-koeffiċjenti tan-nutrijenti mneħħija mill-annimali użati għall-attività agrikola. | Kull ħames snin | Sena | | |
| | Volumi tal-irtirar tad-demel tal-bhejjem u koeffiċjenti tal-kontenut tan-nutrijenti<br>Id-*data* għandha tkopri l-irtirar annwali medju tad-demel u l-koeffiċjenti rispettivi tal-kontenut tan-nutrijenti. | Kull ħames snin | Sena | | |

(e) Statistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq<br>Id-*data* għandha tkopri s-sustanzi attivi kollha fil-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq fi Stat Membru matul il-perjodu ta' referenza, inklużi dawk li jitqiegħdu fis-suq taħt permess kummerċjali parallel u/jew taħt awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza. | Kull sena | Sena | | |

| Suġġett | Suġġetti dettaljati | Frekwenzi tat-trażmissjoni | Perjodi ta' referenza | Dimensjonijiet | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Biedja organika | Livell reġjonali |
| | Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura<br>Id-*data* għandha tkopri l-erjas tal-għelejjel f'azjendi agrikoli fi Stat Membru ttrattat bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-kwantitajiet tas-sustanzi attivi kollha użati matul il-perjodu ta' referenza, inklużi dawk użati taħt awtorizzazzjoni ta' emerġenza.. | Kull sena | Sena | Applikab-bli | |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2022/2380 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Novembru 2022**

**li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Wieħed mill-objettivi tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) huwa li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Skont l-Artikolu 3(3), punt (a), ta' dik id-Direttiva, wieħed mir-rekwiżiti essenzjali li jrid jikkonforma miegħu t-tagħmir tar-radju huwa li dan ikun kompatibbli mal-aċċessorji, b'mod partikolari maċ-ċarġers komuni. F'dak ir-rigward, id-Direttiva 2014/53/UE tindika li l-interoperabbiltà bejn it-tagħmir tar-radju u l-aċċessorji bħaċ-ċarġers tissimplifika l-użu tat-tagħmir tar-radju u tnaqqas l-iskart u l-ispejjeż bla bżonn u li l-iżvilupp ta' ċarġer komuni għal kategoriji jew klassijiet partikolari ta' tagħmir tar-radju huwa meħtieġ, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-konsumaturi u utenti finali oħra.

(2) Mill-2009, saru sforzi fil-livell tal-Unjoni biex tiġi limitata l-frammentazzjoni tal-interfaċċi tas-suq tal-iċċarġjar għall-mowbajls u għal oġġetti simili tat-tagħmir tar-radju. Għalkemm inizjattivi volontarji reċenti żiedu l-livell ta' konverġenza tal-apparati tal-iċċarġjar, li huma l-parti tal-provvista tal-enerġija esterna taċ-ċarġers, u naqsu l-għadd ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar differenti disponibbli fis-suq, dawk l-inizjattivi ma jissodisfawx bis-sħiħ l-objettivi tal-politika tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-konvenjenza tal-konsumatur, biex jitnaqqas l-iskart elettroniku (e-skart), u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq għall-apparati tal-iċċarġjar.

(3) L-Unjoni hija impenjata li tagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi billi timxi lejn ekonomija nadifa u ċirkolari permezz tal-introduzzjoni ta' inizjattivi bħad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u aktar reċentement permezz tal-introduzzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif stabbilit mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019. Din id-Direttiva għandha l-għan li tnaqqas l-e-skart iġġenerat mill-bejgħ ta' tagħmir tar-radju u li tnaqqas l-estrazzjoni ta' materja prima u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ iġġenerati mill-produzzjoni, mit-trasport u mir-rimi ta' ċarġers, u b'hekk tippromwovi ekonomija ċirkolari.

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 82.

([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2022.

([3]) Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

([4]) Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni, kif stabbilit mill-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Marzu 2020, ippreveda inizjattivi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti, fejn poġġa d-disinn tagħhom fil-mira tiegħu, filwaqt li ppromwova l-proċessi tal-ekonomija ċirkolari, rawwem il-konsum sostenibbli, u mmira li jiġi żgurat li r-riżorsi użati jinżammu fl-ekonomija tal-Unjoni għall-aktar żmien possibbli.

(5) Il-Kummissjoni lestiet valutazzjoni tal-impatt, li wriet li s-suq intern ma huwiex qed jisfrutta l-potenzjal sħiħ tiegħu peress li l-frammentazzjoni kontinwa tas-suq għall-interfaċċi tal-iċċarġjar u għall-protokolli ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar għal mowbajls u tagħmir tar-radju simili ieħor qed jirriżulta f'nuqqas ta' konvenjenza tal-konsumatur u f'żieda fl-e-skart.

(6) L-interoperabbiltà bejn tagħmir tar-radju u aċċessorji bħal ċarġers hija mxekkla peress li hemm interfaċċi tal-iċċarġjar differenti għal ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju li jużaw iċċarġjar bil-fili bħal mowbajls li jinżammu fl-idejn, tablets, kameras diġitali, kuffji jew headsets, consoles tal-logħob bil-vidjo li jinżammu fl-idejn, speakers portabbli, qarrejja elettroniċi, tastieri, mice, sistemi ta' navigazzjoni portabbli, earbuds u laptops. Barra minn hekk, hemm diversi tipi ta' protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar rapidu li għalihom mhux dejjem ikun garantit livell minimu ta' prestazzjoni. B'riżultat ta' dan, hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni biex jiġi promoss grad komuni ta' interoperabbiltà u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-karatteristiċi tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju lill-konsumaturi u utenti finali oħra. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti xierqa fid-Direttiva 2014/53/UE rigward il-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, l-interfaċċa tal-iċċarġjar, jiġifieri r-reċipjent tal-iċċarġjar, ta' ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi u utenti finali oħra dwar il-karatteristiċi tal-iċċarġjar ta' dawk il-kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju, bħall-informazzjoni dwar l-enerġija minima u massima meħtieġa biex tiċċarġja t-tagħmir tar-radju. L-enerġija minima jenħtieġ li tesprimi s-somma tal-enerġija meħtieġa mit-tagħmir tar-radju biex jibqa' jaħdem u l-enerġija minima meħtieġa mill-batterija tiegħu biex tibda tiċċarġja. L-enerġija massima jenħtieġ li tesprimi s-somma tal-enerġija meħtieġa mit-tagħmir tar-radju biex jibqa' jaħdem u l-enerġija meħtieġa biex tinkiseb il-veloċità massima tal-iċċarġjar.

(7) In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar jista' jwassal għal differenzi sostanzjali bejn il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet jew il-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-interoperabbiltà tal-mowbajls u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju bl-apparat tal-iċċarġjar tagħhom, u rigward il-provvista ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparat tal-iċċarġjar.

(8) Id-daqs tas-suq intern fil-mowbajls rikarikabbli u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju, il-proliferazzjoni ta' tipi differenti ta' apparati tal-iċċarġjar għal tali tagħmir tar-radju, in-nuqqas ta' interoperabbiltà bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar u l-kummerċ transfruntier sinifikanti ta' dawk il-prodotti jitolbu azzjoni leġiżlattiva aktar b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni aktar milli azzjoni fil-livell nazzjonali jew inkella miżuri volontarji, sabiex jinkiseb il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, filwaqt li tiġi żgurata l-konvenjenza tal-konsumatur u jitnaqqas l-iskart ambjentali.

(9) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar jiġu armonizzati għal kategoriji jew għal klassijiet speċifiċi ta' tagħmir tar-radju rikarikabbli permezz ta' ċċarġjar bil-fili. Jeħtieġ ukoll li tiġi pprovduta l-bażi għall-adattament għal kwalunkwe progress xjentifiku u teknoloġiku futur jew żviluppi tas-suq, li ser jiġu mmonitorjati kontinwament mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-armonizzazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u tal-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar jenħtieġ li fil-futur titqies ukoll fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor għajr l-iċċarġjar bil-fili inkluż l-iċċarġjar permezz tal-mewġ tar-radju (iċċarġjar mingħajr fili). Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' kategoriji jew klassijiet addizzjonali ta' tagħmir tar-radju li jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili jenħtieġ li tiġi kkunsidrata b'mod sistematiku fil-kuntest tal-adattament futur tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar armonizzati, dment li l-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar armonizzati għal tali kategoriji jew klassijiet addizzjonali ta' tagħmir tar-radju tkun teknikament fattibbli. L-armonizzazzjoni jenħtieġ li tindirizza l-objettivi li tiġi żgurata l-konvenjenza tal-konsumatur, jitnaqqas l-iskart ambjentali, u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq fost interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar differenti kif ukoll fost kwalunkwe inizjattiva fil-livell nazzjonali, li tista' tikkawża ostakli għall-kummerċ fis-suq intern. L-adattament futur tal-armonizzazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokoll tal-komunikazzjoni tal–iċċarġjar jenħtieġ li jkompli jindirizza dawk l-objettivi billi jiżgura li jinkorpora l-aktar soluzzjonijiet tekniċi xierqa għall-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għal kwalunkwe mezz ta' ċċarġjar. Is-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar armonizzati jenħtieġ li jirriflettu l-aktar kombinazzjoni xierqa li jiksbu l-aċċettazzjoni tas-suq kif ukoll li jilħqu l-objettivi li tiġi żgurata

l-konvenjenza tal-konsumatur, li jitnaqqas l-iskart ambjentali, u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq. L-istandards tekniċi rilevanti li jissodisfaw dawk l-objettivi u li ġew żviluppati fil-livell Ewropew jew internazzjonali jenħtieġ li jintużaw primarjament għall-għażla ta' tali soluzzjonijiet tal-iċċarġjar. F'każijiet eċċezzjonali fejn ikun hemm il-ħtieġa li tiġi introdotta, miżjuda jew modifikata speċifikazzjoni teknika eżistenti fin-nuqqas ta' standards Ewropej jew internazzjonali disponibbli pubblikament li jissodisfaw dawk l-objettivi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, dment li dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ġew żviluppati f'konformità mal-kriterji ta' ftuħ, kunsens u trasparenza, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' newtralità u stabbiltà, kif imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Il-partijiet ikkonċernati settorjali rilevanti kollha rrappreżentati fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar it-Tagħmir tar-Radju jeħtieġ li jkunu involuti fil-proċess matul l-adattament tas-soluzzjonijiet armonizzati tal-iċċarġjar.

(10) Madankollu, armonizzazzjoni bħal din ma tkunx kompluta, jekk ma tkunx ikkombinata ma' rekwiżiti dwar il-bejgħ ikkombinat ta' tagħmir tar-radju u ċ-ċarġers tiegħu, u rigward l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi u utenti finali oħra. Frammentazzjoni tal-approċċi fost l-Istati Membri fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kategoriji jew tal-klassijiet tat-tagħmir tar-radju kkonċernat u l-apparat tal-iċċarġjar tagħhom tfixkel il-kummerċ transfruntier f'dawk il-prodotti, pereżempju billi tobbliga lill-operaturi ekonomiċi jippakkjaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom skont l-Istat Membru, li fih għandhom jiġu fornuti l-prodotti. Dak min-naħa tiegħu jirriżulta f'aktar inkonvenjent għall-konsumaturi u jiġġenera e-skart bla bżonn u b'hekk jikkumpensa għall-benefiċċji li jirriżultaw mill-armonizzazzjoni tal-interfaċċa tal-iċċarġjar u l-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu imposti rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-konsumaturi u utenti finali oħra ma jkunux obbligati jixtru apparat ġdid għall-iċċarġjar kull darba li jixtru mowbajl ġdid jew oġġett simili ta' tagħmir tar-radju. Is-separazzjoni tal-bejgħ tal-apparati tal-iċċarġjar mill-bejgħ tat-tagħmir tar-radju tipprovdi għażliet sostenibbli, disponibbli, attraenti u konvenjenti għall-konsumaturi u utenti finali oħra. Abbażi tal-esperjenza tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti, ix-xejriet emerġenti tas-suq u l-iżviluppi teknoloġiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra estensjoni tar-rekwiżit relatat mal-provvista tal-apparat tal-iċċarġjar flimkien mat-tagħmir tar-radju għall-kejbils u/jew l-introduzzjoni ta' separazzjoni obbligatorja sabiex jiġi żgurat li jitwettqu bl-aktar mod effettiv l-objettivi tal-iżgurar tal-konvenjenza tal-konsumatur u tat-tnaqqis tal-iskart ambjentali. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-rekwiżiti, il-konsumaturi u utenti finali oħra jenħtieġ li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi tal-iċċarġjar meta jixtru mowbajl jew oġġett simili ta' tagħmir tar-radju. Pittogramma ddedikata tippermetti lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra jiddeterminaw jekk apparat tal-iċċarġjar huwiex inkluż mat-tagħmir tar-radju jew le qabel dan jinxtara. Il-pittogramma jenħtieġ li tintwera fil-każ tal-forom kollha ta' provvista, inkluż permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

(11) Huwa teknikament fattibbli li l-USB tat-Tip-C jiġi definit bħala r-reċipjent tal-iċċarġjar komuni għall-kategoriji jew għall-klassijiet rilevanti tat-tagħmir tar-radju, b'mod partikolari minħabba li huma diġà kapaċi jintegraw tali reċipjent. It-teknoloġija tal-USB tat-Tip-C, li tintuża globalment, ġiet adottata fil-livell tal-istandardizzazzjoni internazzjonali u ġiet trasposta fis-sistema Ewropea mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) skont is-serje tal-Istandard Ewropew EN IEC 62680-1-3:2021 Interfaċċi tal-universal serial bus għad-data u l-elettriku - Parti 1-3: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tal-Kejbil u tal-Konnettur tal-USB tat-Tip-C®'.

(12) Il-USB tat-Tip-C hija teknoloġija li diġà hija komuni għal ħafna kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju peress li tipprovdi ċċarġjar u trasferiment tad-data ta' kwalità għolja. Ir-reċipjent tal-iċċarġjar tal-USB tat-Tip-C, meta kkombinat mal-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar tal-Kunsinna tal-Enerġija tal-USB, ikun kapaċi jipprovdi sa 100 Watt ta' enerġija u għalhekk iħalli biżżejjed spazju għal aktar żvilupp ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar rapidu, filwaqt li jippermetti wkoll lis-suq jipprovdi għal apparati ta' livell baxx li ma jeħtiġux iċċarġjar rapidu. Il-mowbajls u tagħmir tar-radju simili li jappoġġaw l-iċċarġjar rapidu jistgħu jinkorporaw il-karatteristiċi tat-Twassil tal-Enerġija tal-USB kif deskritti fl-Istandard Ewropew EN IEC 62680-1-2:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-data u l-elettriku – Parti 1-2: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB". L-ispeċifikazzjonijiet tal-USB huma soġġetti għal żvilupp kontinwu. F'dan ir-rigward, il-Forum tal-Implimentaturi tal-USB żviluppa

([5]) Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

verżjoni aġġornata tal-ispeċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB, li tippermetti li jiġu appoġġati potenzi sa 240 Watt. Saru wkoll adattamenti għall-ispeċifikazzjoni USB tat-Tip C, li ser jestendu r-rekwiżiti għall-konnetturi u l-kejbils biex jakkomodaw potenzi sa 240 Watt. Dan ser jippermetti li t-tagħmir tar-radju li jeħtieġ tali livelli ta' potenza jiġi kkunsidrat għal inklużjoni potenzjali fil-lista ta' tagħmir tar-radju kopert minn din id-Direttiva.

(13) Fir-rigward tal-iċċarġjar b'mezzi oħrajn għajr l-iċċarġjar bil-fili, jistgħu jiġu żviluppati soluzzjonijiet diverġenti fil-futur, li jista' jkollhom impatti negattivi fuq l-interoperabbiltà, fuq il-konvenjenza tal-konsumatur u fuq l-ambjent. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi fuq tali soluzzjonijiet f'dan l-istadju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tieħu azzjoni lejn il-promozzjoni u l-armonizzazzjoni ta' tali soluzzjonijiet biex tevita l-frammentazzjoni futura tas-suq intern.

(14) Id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata sabiex tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar. Il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju koperti speċifikament mid-dispożizzjonijiet il-ġodda jenħtieġ li jiġu spjegati aktar fid-dettall f'anness ġdid għal dik id-Direttiva. F'dawk il-kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju, huwa kkonċernat biss tagħmir tar-radju b'batterija rikarikabbli inkorporata jew li tista' titneħħa. Fir-rigward tal-kameras diġitali, it-tagħmir tar-radju kkonċernat huwa kwalunkwe kamera tar-ritratti diġitali u tal-vidjo inkluż kameras tal-azzjoni. Il-kameras diġitali ddisinjati esklużivament għas-settur awdjoviżiv jew għas-settur tas-sigurtà u s-sorveljanza jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jintegraw is-soluzzjoni armonizzata tal-iċċarġjar. Fir-rigward tal-earbuds, it-tagħmir tar-radju interessat jitqies flimkien mal-kaxxetta jew il-kaxxa tal-iċċarġjar iddedikati tiegħu, peress li l-earbuds rarament jew qatt ma jiġu dissoċjati mill-kaxxetta jew il-kaxxa tal-iċċarġjar tagħhom minħabba d-daqs u l-forma speċifiċi tagħhom. Il-kaxxetta jew il-kaxxa tal-iċċarġjar għal dak it-tip speċifiku ta' tagħmir tar-radju ma jitqiesx bħala parti mill-apparat tal-iċċarġjar. Fir-rigward tal-laptops, it-tagħmir tar-radju kkonċernat huwa kwalunkwe kompjuter li huwa portabbli, inkluż laptops, notebooks, ultraportables, ibridi jew convertibles u netbooks.

(15) Id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata wkoll sabiex jiġu introdotti rekwiżiti fir-rigward tal-provvista ta' ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparati tal-iċċarġjar. Il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju kkonċernat, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet relatati mas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar, jenħtieġ li jiġu speċifikati f'anness ġdid għal dik id-Direttiva.

(16) Id-Direttiva 2014/53/UE tipprevedi li l-informazzjoni tiġi inkluża fl-istruzzjonijiet li jakkumpanjaw it-tagħmir tar-radju u, għalhekk, jenħtieġ li jiddaħħlu rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali fl-artikolu rilevanti ta' dik id-Direttiva. Il-kontenut tar-rekwiżiti l-ġodda jenħtieġ li jiġi speċifikat fl-anness il-ġdid għal dik id-Direttiva. Ċertu informazzjoni jenħtieġ li tingħata fil-format viżivi għall-forom kollha ta' provvista, inkluż permezz tal-bejgħ mill-bogħod. Tikketta ddedikata li tindika l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u l-apparati tal-iċċarġjar kompatibbli tippermetti lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra jiddeterminaw l-aktar apparat tal-iċċarġjar xieraq meħtieġ biex jiċċarġjaw it-tagħmir tar-radju tagħhom. Sabiex jiġi pprovdut sors ta' referenza utli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tar-radju, jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll l-informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u l-apparati tal-iċċarġjar kompatibbli fl-istruzzjonijiet u fl-informazzjoni dwar is-sikurezza li jakkumpanjaw it-tagħmir tar-radju. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawk ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jiġu adattati fil-futur sabiex tiġi riflessa kwalunkwe bidla fir-rekwiżiti tat-tikkettar, b'mod partikolari għall-apparati tal-iċċarġjar, li tista' tiġi introdotta skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni, b'mod partikolari, jenħtieġ li jirriflettu l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet armonizzati tal-iċċarġjar u jenħtieġ li jiġu adattati kif xieraq. F'dak il-kuntest, tista' tiġi kkunsidrata wkoll l-inklużjoni ta' sistema ta' kodiċijiet tal-kulur.

(17) Meta jitqies li l-importaturi u d-distributuri jistgħu wkoll ifornu tagħmir tar-radju direttament lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal obbligi identiċi għal dawk applikabbli għall-manifatturi fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jew murija. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha jkunu meħtieġa jissodisfaw l-obbligu fir-rigward tal-pittogramma li tindika jekk apparat tal-iċċarġjar huwiex inkluż mat-tagħmir tar-radju jew le meta jagħmlu t-tagħmir tar-radju disponibbli lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra, L-importaturi u

([6]) Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

d-distributuri jistgħu joffru pakketti, li jinkludu t-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar tiegħu, anki meta tali tagħmir tar-radju jiġi fornut mingħajr apparat tal-iċċarġjar mill-manifattur, dment li l-importaturi u d-distributuri joffru wkoll lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra l-possibbiltà li jakkwistaw it-tagħmir tar-radju mingħajr ebda apparat tal-iċċarġjar.

(18) Id-Direttiva 2014/53/UE tistabbilixxi l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li din tiġi emendata sabiex jiżdiedu referenzi għal rekwiżiti essenzjali ġodda. Il-manifatturi jenħtieġ li għaldaqstant ikollhom l-għażla li jużaw proċedura ta' kontroll tal-produzzjoni intern sabiex juru l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali l-ġodda.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq ikollhom il-mezzi proċedurali biex jinfurzaw il-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda rigward l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar armonizzati kif ukoll dawk rigward il-provvista tat-tagħmir tar-radju soġġett għal tali armonizzazzjoni, lid-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li jiġu adattati skont dan. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi inkluża referenza espliċita għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali, li jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u mal-apparati tal-iċċarġjar kompatibbli. Meta jitqies li dawk id-dispożizzjonijiet il-ġodda huma rigward l-aspetti tal-interoperabbiltà, l-objettiv huwa li jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti dwar jekk il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 2014/53/UE tistax tiġi attivata wkoll fir-rigward tat-tagħmir tar-radju, li ma jippreżentax riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku.

(20) Id-Direttiva 2014/53/UE tistabbilixxi l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità formali. Peress li din id-Direttiva tintroduċi rekwiżiti ġodda applikabbli għal ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju, id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata sabiex tippermetti l-infurzar effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq tal-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda.

(21) Id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ ukoll li tiġi emendata sabiex jiġu aġġustati r-referenzi li jinsabu fiha għar-rekwiżiti l-ġodda introdotti b'din id-Direttiva.

(22) Huwa neċessarju li tiġi żgurata l-interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar għal tali tagħmir tar-radju u biex jiġi indirizzat kwalunkwe żvilupp futur tas-suq, bħall-introduzzjoni ta' kategoriji jew klassijiet ġodda ta' tagħmir tar-radju li fir-rigward tagħhom iseħħ grad sinifikanti ta' frammentazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, u kwalunkwe żvilupp fit-teknoloġija tal-iċċarġjar. Huwa neċessarju wkoll li jiġu riflessi emendi futuri għar-rekwiżiti tat-tikkettar, bħal dawk għall-apparati u l-kejbils tal-iċċarġjar, jew progress teknoloġiku ieħor. Is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ għalhekk li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-kategoriji jew tal-klassijiet tat-tagħmir tar-radju u l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għal kull wieħed u waħda minnhom u fir-rigward tal-emendar tar-rekwiżiti tal-informazzjoni rigward l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([7]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(23) Għalhekk, id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(24) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jipproċedu bl-adattamenti meħtieġa għat-tagħmir tar-radju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li huma għandhom l-intenzjoni li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni,

---

([7]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/53/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tagħmir tar-radju jkun kompatibbli mal-aċċessorji għajr l-apparati tal-iċċarġjar għall-kategoriji jew il-klassijiet ta' tagħmir tar-radju, speċifikati fil- Parti I tal-Anness Ia, li huma speċifikament imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;"

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. It-tagħmir tar-radju li jaqa' fil-kategoriji jew fil-klassijiet speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness Ia, għandu jinbena b'tali mod li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar stipulati f'dak l-Anness għall-kategorija jew għall-klassi rilevanti ta' tagħmir tar-radju.

Fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Parti I tal-Anness Ia fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku jew żviluppi tas-suq, sabiex tiżgura interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparati tal-iċċarġjar tiegħu, kif ukoll biex ittejjeb il-konvenjenza tal-konsumatur, biex tnaqqas l-iskart ambjentali u biex tevita l-frammentazzjoni tas-suq, billi:

(a) timmodifika, iżżid jew tneħħi kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju;

(b) timmodifika, iżżid jew tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż ir-referenzi u d-deskrizzjonijiet, fir-rigward tar-reċipjent(i) tal-iċċarġjar u l-protokoll(i) tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, għal kull kategorija jew klassi ta' tagħmir tar-radju kkonċernata.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kontinwament l-iżviluppi tas-suq, il-frammentazzjoni tas-suq u l-progress teknoloġiku bil-ħsieb li jiġu identifikati kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili li l-inklużjoni tagħhom fil-Parti I tal-Anness Ia twassal għal konvenjenza sinifikanti tal-konsumatur u tnaqqis tal-iskart ambjentali.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il- valutazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għall-ewwel darba sat-28 ta' Diċembru 2025 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, u għandha tadotta atti delegati skont it-tieni subparagrafu, il-punt (a), kif xieraq.

Fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' mezzi li ma humiex l-iċċarġjar bil-fili, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Parti I tal-Anness Ia fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku jew żviluppi tas-suq sabiex tiżgura l-interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparati tal-iċċarġjar tiegħu, kif ukoll biex ittejjeb il-konvenjenza tal-konsumatur, biex tnaqqas l-iskart ambjentali u biex tevita l-frammentazzjoni tas-suq billi:

(a) tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju;

(b) tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż ir-referenzi u d-deskrizzjonijiet, fir-rigward tal-interfaċċa/i tal-iċċarġjar u tal-protokoll(i) tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, għal kull kategorija jew klassi ta' tagħmir tar-radju kkonċernata.

Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, u sat-28 ta' Diċembru 2024, titlob organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interfaċċa/i tal-iċċarġjar u għall-protokoll (i) tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' mezzi oħra għajr l-iċċarġjar bil-fili. F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 45(1) ta' din id-Direttiva. Ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-istandards armonizzati mitluba għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni, li għandha titwettaq mill-Kummissjoni, dwar l-istatus attwali tat-teknoloġiji tal-iċċarġjar mingħajr fili għat-tagħmir tar-radju, li tkopri b'mod partikolari l-iżviluppi tas-suq, il-penetrazzjoni tas-suq, il-frammentazzjoni tas-suq, il-prestazzjoni teknoloġika, l-interoperabbiltà, l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni tal-iċċarġjar.

Meta tħejji l-atti delegati msemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili kif ukoll fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' mezzi oħra għajr l-iċċarġjar bil-fili, il-Kummissjoni għandha tqis il-grad ta' aċċettazzjoni tas-suq tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jkunu qed jiġu kkunsidrati, il-konvenjenza tal-konsumatur li tirriżulta u l-livell ta' tnaqqis tal-iskart ambjentali u frammentazzjoni tas-suq li jista' jkunu mistennija minn tali speċifikazzjonijiet tekniċi. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li huma bbażati fuq standards Ewropej jew internazzjonali rilevanti disponibbli għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-objettivi stabbiliti fis-sentenza preċedenti. Madankollu, fejn tali standards Ewropej jew internazzjonali ma jeżistux, jew fejn il-Kummissjoni tiddetermina, abbażi ta' valutazzjoni teknika, li dawn ma jilħqux dawk l-objettivi bl-aħjar mod, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li jissodisfaw aħjar dawk l-objettivi.";

(2) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3a*

Il-possibbiltà għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra li jakkwistaw ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparat tal-iċċarġjar

1. Meta operatur ekonomiku joffri lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra l-possibbiltà li jakkwistaw it-tagħmir tar-radju msemmi fl-Artikolu 3(4) flimkien ma' apparat tal-iċċarġjar, l-operatur ekonomiku għandu joffri wkoll lill-konsumaturi u utenti finali oħra l-possibbiltà li jakkwistaw dak it-tagħmir tar-radju mingħajr ebda apparat tal-iċċarġjar.

2. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar jekk apparat tal-iċċarġjar huwiex inkluż jew le mat-tagħmir tar-radju msemmi fl-Artikolu 3(4) tintwera f'forma grafika bl-użu ta' pittogramma faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli kif stabbilit Parti III tal-Anness Ia, meta tali tagħmir tar-radju jkun disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra. Il-pittogramma għandha tiġi stampata fuq l-imballaġġ jew titwaħħal mal-imballaġġ bħala sticker. Meta t-tagħmir tar-radju jkun disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra, il-pittogramma għandha tintwera b'mod viżibbli u leġġibbli u, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, qrib l-indikazzjoni tal-prezz.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 sabiex temenda Parti III tal-Anness Ia„ bħala konsegwenza tal-emendi tal-Partijiet I u II ta' dak l-Anness, jew bħala komsegwenza ta' emendi futuri għar-rekwiżiti tat-tikkettar, jew fid-dawl tal-progress teknoloġiku, billi tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi kwalunkwe element grafiku jew testwali.";

(3) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li t-tagħmir tar-radju jkun akkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza. L-istruzzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni meħtieġa għall-użu tat-tagħmir tar-radju skont l-użu intiż tiegħu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-aċċessorji u il-komponenti, inkluż is-software, li jippermettu lit-tagħmir tar-radju jopera kif intiż. Tali struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, kif ukoll kull tip ta' tikkettar, għandhom ikunu ċari, jistgħu jinftiehmu u jintgħarfu.

Għandha tingħata wkoll l-informazzjoni li ġejja f'każ ta' tagħmir tar-radju li intenzjonalment jibgħat mewġ tar-radju:

(a) il-medda/meded tal-frekwenza li jaħdem fihom it-tagħmir tar-radju;

(b) il-potenza massima tal-frekwenza tar-radju trażmessa fil-medda/meded tal-frekwenza li jaħdem fihom it-tagħmir tar-radju.

Fil-każ ta' tagħmir tar-radju msemmi fl-Artikolu 3(4), l-istruzzjonijiet għandu jkollhom informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u l-apparati tal-iċċarġjar kompatibbli tat-tagħmir tar-radju, kif stabbilit fil-Parti II tal-Anness Ia,. Minbarra li tkun inkluża fl-istruzzjonijiet, meta l-manifatturi jagħmlu tali tagħmir tar-radju disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra, l-informazzjoni għandha tintwera wkoll fuq tikketta, kif stipulat fil-Parti IV tal-Anness Ia. It-tikketta għandha tiġi stampata fl-istruzzjonijiet u fuq l-imballaġġ jew titwaħħal fuq l-imballaġġ bħala sticker. Fin-nuqqas ta' imballaġġ, l-isticker bit-tikketta għandha titwaħħal fuq it-tagħmir tar-radju. Meta t-tagħmir tar-radju jkun disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra, it-tikketta għandha tintwera b'mod viżibbli u leġġibbli u, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, qrib l-indikazzjoni tal-prezz. Meta d-daqs jew in-natura tat-tagħmir tar-radju ma jippermettux mod ieħor, it-tikketta tista' tiġi stampata bħala dokument separat li jakkumpanja t-tagħmir tar-radju.

L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza msemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafu ta' dan il-paragarfu għandhom ikunu b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 sabiex temenda l-Partijiet II u IV tal-Anness Ia, bħala konsegwenza tal-emendi tal-Parti I ta' dak l-Anness, jew ta' emendi futuri għar-rekwiżiti tat-tikkettar, jew fid-dawl tal-progress teknoloġiku, billi tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi kwalunkwe dettall fir-rigward tal-informazzjoni, elementi grafiċi jew testwali kif stabbilit f'dan l-Artiklu.";

(4) fl-Artikolu 12(4), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Meta jagħmlu t-tagħmir tar-radju msemmi fl-Artikolu 3(4) disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra, l-importaturi għandhom jiżguraw li:

(a) tali tagħmir tar-radju juri, jew jiġi fornut, b'tikketta f'konformità mal-Artikolu 10(8), it-tielet subparagrafu;

(b) dik it-tikketta tintwera b'mod viżibbli u leġġibbli u, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, qrib l-indikazzjoni tal-prezz.";

(5) fl-Artikolu 13(2), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Meta jagħmlu t-tagħmir tar-radju msemmi fl-Artikolu 3(4) disponibbli għall-konsumaturi u utenti finali oħra, id-distributuri għandhom jiżguraw li:

(a) tali tagħmir tar-radju juri, jew jiġi fornut, b'tikketta f'konformità mal-Artikolu 10(8), it-tielet subparagrafu;

(b) dik it-tikketta tintwera b'mod viżibbli u leġġibbli u, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, qrib l-indikazzjoni tal-prezz.";

(6) fl-Artikolu 17(2), parti introduttorja, il-kliem "fl-Artikolu 3(1)" huma sostitwiti bil-kliem "fl-Artikolu 3(1) u (4)";

(7) L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Proċedura fil-livell nazzjonali għat-trattament ta' tagħmir tar-radju li jippreżenta riskju jew li ma jikkonformax mar-rekwiżiti essenzjali";

(b) il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li t-tagħmir tar-radju kopert minn din id-Direttiva jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħra ta' protezzjoni ta' interess pubbliku koperti mid-Direttiva, jew li ma jikkonformax ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti essenzjali applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3, dawn għandhom iwettqu valutazzjoni relatata mat-tagħmir tar-radju kkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.";

(8) fl-Artikolu 43, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt (f):

"(fa) il-pittogramma kif imsemmija fl-Artikolu 3a(2), jew it-tikketta kif imsemmija fl-Artikolu 10(8), ma tfasslitx b'mod korrett;

(fb) it-tikketta kif imsemmija fl-Artikolu 10(8) ma takkumpanjax it-tagħmir tar-radju kkonċernat;

(fc) il-pittogramma jew it-tikketta ma tkunx imwaħħla jew murija f'konformità mal-Artikolu 3a(2) jew l-Artikolu 10(8) rispettivament;";

(b) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(8), id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 10(9) jew l-informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-użu, msemmija fl-Artikolu 10(10), ma takkumpanjax it-tagħmir tar-radju;";

(c) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) ma hemmx konformità mal-Artikolu 3a(1) jew l-Artikolu 5.";

(9) L-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, is-sentenza li ġejja tiddaħħal wara l-ewwel sentenza:

"Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 3a (2) it-tieni subparagrafu u fl-Artikolu 10(8), il-ħames subparagrafu, għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-27 ta' Diċembru 2022";

(b) fil-paragrafu 3 l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 3a(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 10(8), il-ħames subparagrafu, tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

---

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan l li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 3a(2), it-tieni subparagraph, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2) jewl-Artikolu 10(8), il-ħames subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jinformaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(10) fl-Artikolu 47, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Sat-28 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-impatt tal-possibbiltà li jinxtara tagħmir tar-radju mingħajr ebda apparat tal-iċċarġjar u mingħajr kejbils, b'mod partikolari fir-rigward tal-konvenjenza tal-konsumatur, it-tnaqqis tal-iskart ambjentali, il-bidliet fl-imġiba u l-iżvilupp tal-prattiki tas-suq. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġislattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva biex tiġi introdotta separazzjoni obbligatorja tal-bejgħ tal-apparati u l-kejbils tal-iċċarġjar mill-bejgħ tat-tagħmir tar-radju.";

(11) it-test stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva jiddaħħal bħala Anness Ia.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-28 ta' Diċembru 2023, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih it-testi ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mit-28 ta' Diċembru 2024 għall-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju msemmija, fil-Parti I, punti 1.1. sa 1.12, tal-Anness Ia, u mit-28 ta' April 2026 għall-kategoriji jew għall-klassijiet tat-tagħmir tar-radju msemmija, fil-Parti I, punt 1.13, tal-Anness Ia.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strausburgu, it-23 ta' Novembru 2022.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | M. BEK |

*ANNESS*

*"ANNESS Ia*

SPEĊIFIKAZZJONIJIET U INFORMAZZJONI RELATATI MAL-IĊĊARĠJAR APPLIKABBLI GĦAL ĊERTI KATEGORIJI JEW KLASSIJIET TA' TAGĦMIR TAR-RADJU

PARTI I

**Speċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar**

1. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2 u 3 ta' din il-Parti taħt għandhom japplikaw għall-kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju li ġejjin:

   1.1. mowbajls li jinżammu fl-idejn;

   1.2. tablets;

   1.3. kameras diġitali;

   1.4. kuffji;

   1.5. headsets;

   1.6. consoles tal-logħob bil-vidjo li jinżammu fl-idejn;

   1.7. Speakers portabbli;

   1.8. qarrejja elettroniċi;

   1.9. tastieri;

   1.10. mice;

   1.11. sistemi ta' navigazzjoni portabbli;

   1.12. earbuds;

   1.13. laptops.

2. Sa fejn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili, il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju msemmija fil-punt 1 ta' din il-Parti għandhom:

   2.1. ikunu mgħammra bir-reċipjent USB tat-Tip-C, kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-3:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-data u l-elettriku - Parti 1-3: Jenħtieġ li l-komponenti komuni - "Speċifikazzjoni tal-Kejbils u l-Konnetturi USB tat-Tip-C®", u dak ir-reċipjent għandu jibqa' aċċessibbli u operattivi l-ħin kollu;

   2.2. ikunu kapaċi li jiġu ċċarġjati b'kejbils li jikkonformaw mal-istandard EN IEC 62680-1-3:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-data u l-enerġija - Parti 1-3: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tal-Kejbils u l-Konnetturi USB tat-Tip-C®".

3. Sa fejn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili b'vultaġġi ogħla minn 5 Volts, kurrenti ogħla minn 3 Amperes jew enerġija ogħla minn 15-il Watt, il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju msemmija fil-punt 1 ta' din il-Parti għandhom:

   3.1. jinkorporaw it-Twassil tal-Enerġija bil-USB, kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-2:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-data u l-elettriku - Parti 1-2: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB";

   3.2. jiżguraw li kwalunkwe protokoll addizzjonali tal-iċċarġjar jippermetti l-funzjonalità sħiħa tal-Konsenja tal-Potenza USB imsemmija fil-punt 3.1., irrispettivament mill-apparat tal-iċċarġjar użat.

PARTI II

**Informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u l-apparati tal-iċċarġjar kompatibbli**

Fil-każ ta' tagħmir tar-radju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi indikata f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(8), u tista' ssir disponibbli wkoll permezz ta' kodiċijiet QR jew soluzzjonijiet elettroniċi simili:

(a) fil-każ tal-kategoriji jew il-klassijiet kollha ta' tagħmir tar-radju li huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti I, deskrizzjoni tar-rekwiżiti tal-enerġija tal-apparati tal-iċċarġjar bil-fili li jistgħu jintużaw ma' dak it-tagħmir tar-radju, inkluż l-enerġija minima meħtieġa biex jiġi ċċarġjat it-tagħmir tar-radju, u l-enerġija massima meħtieġa biex it-tagħmir tar-radju jiġi ċċarġjat bil-veloċità massima tal-iċċarġjar espressa f'Watts billi jintwera t-test: "il-potenza mwassla miċ-ċarġer trid tkun bejn minimu [xx] Watts meħtieġa mit-tagħmir tar-radju, u massimu [yy] Watts biex tinkiseb il-veloċità massima tal-iċċarġjar". In-numru ta' Watts għandu rispettivament jesprimi l-enerġija minima meħtieġa mit-tagħmir tar-radju, u l-enerġija massima meħtieġa mit-tagħmir tar-radju biex tinkiseb il-veloċità massima tal-iċċarġjar;

(b) fil-każ ta' tagħmir tar-radju li huwa soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Parti I deskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju, sa fejn dan ikun jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz tal-iċċarġjar bil-fili b'vultaġġi ogħla minn 5 Volts jew kurrenti ogħla minn 3 amperes jew qawwa ogħla minn 15-il Watt, inkluża indikazzjoni li t-tagħmir tar-radju jappoġġa l-protokoll tal-iċċarġjar tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB billi juri t-test "USB PD fast charging" ["USB PD iċċarġjar rapidu"] u indikazzjoni ta' kwalunkwe protokoll ieħor tal-iċċarġjar appoġġat billi juri ismu f'format testwali.

PARTI III

**Pittogramma li tindika jekk l-apparat tal-iċċarġjar huwiex inkluż flimkien mat-tagħmir tar-radju jew le**

1. Il-pittogramma għandu jkollha l-formati li ġejjin:

   1.1. Jekk apparat tal-iċċarġjar jiġi inkluż mat-tagħmir tar-radju:



1.2. Jekk ma jiġi inkluż l-ebda apparat tal-iċċarġjar mat-tagħmir tar-radju:




2. Il-pittogramma tista' tvarja fl-apparenza(eż. fir-rigward tal-kulur, solidu jew vojt, ħxuna tal-linja), sakemm tibqa' viżibbli u leġġibbli. Jekk il-pittogramma tiċċekken jew titkabbar, għandhom jiġu rispettati l-proporzjonijiet stabbiliti fl-istampi fil-punt 1 ta' din il-Parti. Id-dimensjoni " a " msemmija fil-punt 1 ta' din il-Parti għandha tkun ikbar minn jew daqs 7 mm, irrispettivament mill-varjazzjoni.

PARTI IV

**Kontenut u format tat-tikketta**

1. It-tikketta għandu jkollha l-format li ġej:



2. L-ittri "XX" għandhom jiġu sostitwiti biċ-ċifra li tikkorrispondi għall-enerġija minima meħtieġa mit-tagħmir tar-radju biex jiċċarġja, li tiddetermina l-potenza minima li apparat tal-iċċarġjar jeħtieġ jipprovdi biex jiċċarġja t-tagħmir tar-radju. L-ittri "YY" għandhom jiġu sostitwiti biċ-ċifra li tikkorrispondi għall-enerġija massima meħtieġa mit-tagħmir tar-radju biex tinkiseb il-veloċità massima tal-iċċarġjar, li tiddetermina l-potenza li apparat tal-iċċarġjar jeħtieġ li tal-inqas jipprovdi biex tinkiseb dik il-veloċità massima tal-iċċarġjar. L-abbrevjazzjoni "USB PD" (USB Power Delivery [Twassil tal-Enerġija bil-USB]) għandha tiġi murija jekk it-tagħmir tar-radju jaċċetta dak il-protokoll ta' komunikazzjoni għall-iċċarġjar. "USB PD" huwa protokoll li jagħraf l-aktar twassil mgħaġġel tal-kurrent mill-apparat tal-iċċarġjar għat-tagħmir tar-radju mingħajr ma titqassar il-ħajja tal-batterija.

3. It-tikketta tista' tvarja fl-apparenza (eż. fir-riward tal-kulur, solidu jew vojt, ħxuna tal-linja), sakemm tibqa' viżibbli u leġġibbli. Jekk it-tikketta tiċċekken jew titkabbar, għandhom jinżammu l-proporzjonijiet stabbiliti fl-istampa fil-punt 1ta' din il-Parti. Id-dimensjoni " a " msemmija fil-punt 1 ta' din il-Parti għandha tkun ikbar minn jew daqs 7 mm, irrispettivament mill-varjazzjoni."

**DIRETTIVA (UE) 2022/2381 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Novembru 2022**

**dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-ugwaljanza hija valur fundatur tal-Unjoni u hija komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn tipprevali l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Skont l-Artikolu 3(3) TUE, l-Unjoni għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

(2) L-Artikolu 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill setgħat sabiex jadottaw miżuri mmirati biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet tal-impjiegi u x-xogħol.

(3) Bl-għan li tkun żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, l-Artikolu 157(4) TFUE jippermetti azzjoni pożittiva billi jippermetti lill-Istati Membri jżommu u jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmilha aktar faċli għas-sess li jkun sottorappreżentat biex ifittex attività vokazzjonali jew biex jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali. L-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") jipprevedi li hemm bżonn li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tiġi żgurata fl-oqsma kollha u li l-prinċipju tal-ugwaljanza ma jistax jipprevjeni ż-żamma jew l-adozzjoni ta' miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi favur is-sess sottorappreżentat.

(4) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-2017, jinkorpora fost il-prinċipji tiegħu l-ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-progressjoni tal-karriera.

(5) Il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol teħtieġ approċċ komprensiv, li jinkludi wkoll it-trawwim ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbilanċjat bejn il-ġeneri fi ħdan il-kumpanniji fil-livelli kollha, kif ukoll it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. L-iżgurar tal-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol huwa wkoll prerekwiżit ewlieni għat-tnaqqis tal-faqar fost in-nisa.

([1]) ĠU C 133, 9.5.2013, p. 68.

([2]) ĠU C 218, 30.7.2013, p. 33.

([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU C 436, 24.11.2016, p. 225) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-17 ta' Ottubru 2022 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2022 (ĠU C 433, 15.11.2022, p. 14).

(6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 84/635/KEE ([4]) rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu passi biex jiżguraw li l-azzjoni pożittiva tinkludi, sa fejn possibbli, azzjonijiet li għandhom effett fuq il-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fil-korpi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE ([5]) rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lis-settur privat biex iżid il-preżenza tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni, jew fi ħdan il-qafas, ta' pjanijiet ta' ugwaljanza u programmi ta' azzjoni pożittiva.

(7) Din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u li tikseb rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fost l-ogħla pożizzjonijiet maniġerjali billi tistabbilixxi sett ta' rekwiżiti proċedurali dwar l-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjoni ta' direttur abbażi tat-trasparenza u l-mertu.

(8) F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni ppreżentat diversi rapporti li janalizzaw is-sitwazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi. Hija inkoraġġiet lill-kumpanniji elenkati biex iżidu l-għadd ta' membri tas-sess sottorappreżentat fuq il-bordijiet tagħhom permezz ta' miżuri awtoregolatorji u biex jagħmlu impenji volontarji konkreti f'dak ir-rigward. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Marzu 2010 intitolata "Impenn imsaħħaħ għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel - Karta f'Isem il-Mara", il-Kummissjoni enfasizzat li n-nisa għad ma għandhomx aċċess sħiħ għall-qsim tas-setgħa u t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħajja politika u ekonomika u fis-setturi pubbliċi u privati, u rriaffermat l-impenn tagħha li tuża l-poteri tagħha biex tikseb rappreżentazzjoni aktar ġusta tan-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' setgħa fil-ħajja pubblika u fl-ekonomija. It-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet kien wieħed mill-prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015". Il-kisba ta' bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-politika hija waħda mill-prijoritajiet imniżżlin fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025".

(9) Fil-konklużjoni tiegħu tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), il-Kunsill irrikonoxxa li l-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma vitali għat-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-kompetittività. Huwa afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jtemm id-disparità bejn il-ġeneri bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment fi tliet oqsma ta' rilevanza kbira għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġifieri l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali. Huwa ħeġġeġ ukoll azzjoni għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha, sabiex isir użu sħiħ mit-talenti kollha. F'dak ir-rigward, l-użu sħiħ tat-talent, tal-għarfien u tal-ideat disponibbli kollha sseddaq id-diversità tar-riżorsi umani u ttejjeb il-prospetti tan-negozju.

(10) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (l-"Istrateġija Ewropa 2020"), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija prekondizzjoni għat-tisħiħ tat-tkabbir u għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi fl-Ewropa. L-Istrateġija Ewropa 2020 stabbiliet mira ewlenija li tintlaħaq rata ta' impjiegi minn tal-inqas 75 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena sal-2020. Huwa importanti li jittieħed impenn ċar favur l-eliminazzjoni tad-differenzi persistenti bejn il-ġeneri fil-pagi u li jsir sforz imsaħħaħ biex jiġu indirizzati l-ostakli kollha għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż il-fenomenu eżistenti tas-"saqaf tal-ħġieġ". Id-Dikjarazzjoni ta' Porto li ġiet iffirmata mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fit-8 ta' Mejju 2021 ([6]), laqgħet il-miri ewlenin il-ġodda tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta proposta mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali". Dak il-pjan ta' azzjoni jipprevedi li, sabiex jintlaħaq l-għan ġenerali ta' rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % fost il-popolazzjoni tal-Unjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena sal-2030, huwa neċessarju li jsir sforz biex id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas tal-inqas bin-nofs meta mqabbla mal-2019. It-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, b'mod partikolari fuq il-bordijiet, huwa mistenni li jkollu effett residwu pożittiv fuq l-impjieg ta' nisa fil-kumpanniji kkonċernati u fl-ekonomija kollha. Wara l-kriżi tal-COVID-19, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tmexxija inklużiva huma importanti aktar minn qatt qabel, f'konformità mal-ħtieġa li jsir użu sħiħ mir-riżerva ta' talent disponibbli, kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel. Ir-riċerka wriet li l-inklużjoni u d-diversità jiffaċilitaw l-irkupru u r-reżiljenza. Dawn huma ta' importanza vitali biex tiġi żgurata l-kompetittività ekonomika tal-Unjoni, biex tiġi inkoraġġuta l-innovazzjoni u jissaħħu l-kompetenzi professjonali fil-bordijiet tal-kumpanniji.

---

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 84/635/KEE tat-13 ta' Diċembru 1984 dwar il-promozzjoni ta' azzjoni pożittiva għan-nisa (ĠU L 331, 19.12.1984, p. 34).

([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 dwar is-sehem bilanċjat tan-nisa u l-irġiel fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet (ĠU L 319, 10.12.1996, p. 11).

([6]) https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/

(11) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar in-nisa u t-tmexxija tan-negozju, ħeġġeġ lill-kumpanniji biex jilħqu l-limitu kritiku ta' sehem femminili ta' 30 % fil-korpi maniġerjali sal-2015 u 40 % sal-2020. Hu stieden lill-Kummissjoni, jekk il-passi meħuda mill-kumpanniji u mill-Istati Membri jinstabu li huma inadegwati, li tipproponi leġiżlazzjoni sal-2012, inklużi kwoti. Ikun importanti li tali leġiżlazzjoni tiġi implimentata fuq bażi temporanja u li sservi bħala katalista għal bidla u għal riformi rapidi mfassla sabiex jiġu eliminati l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri u stereotipi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-ambitu ekonomiku. Il-Parlament Ewropew tenna dik is-sejħa għal-leġiżlazzjoni fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012 u tal-21 ta' Jannar 2021.

(12) Huwa importanti li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni imexxu bl-eżempju fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi, fost l-oħrajn, jistabbilixxu objettivi għal rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-politiki ta' reklutaġġ għall-pożizzjonijiet maniġerjali superjuri. Għalhekk, fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025" il-Kummissjoni enfasizzat li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ukoll bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' April 2022 intitolata "Strateġija ġdida dwar ir-Riżorsi Umani għall-Kummissjoni" il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment tagħha sal-2024. Il-Kummissjoni ser timmonitorja l-progress u tirrapporta regolarment f'dak ir-rigward fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni tkompli tikkondividi l-aħjar prattiki ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni u ser tirrapporta dwar is-sitwazzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' tmexxija f'dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji fuq is-sit web tagħha. Il-Parlament Ewropew, fid-deċiżjoni tal-Bureau tiegħu tat-13 ta' Jannar 2020, qabel li jistabbilixxi miri għall-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri u intermedji għall-2024. Il-Parlament Ewropew ser ikompli jissorvelja l-progress fil-livelli kollha tal-maniġment tiegħu u għandu l-għan li jmexxi bl-eżempju. Il-Kunsill ħa l-impenn, fl-Istrateġija tiegħu dwar id-Diversità u l-Inklużjoni 2021-2024, li jikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet maniġerjali tas-Segretarjat Ġenerali (SĠK) tiegħu b'marġni ta' bejn 45 u 55 % sa mhux aktar tard minn tmiem l-2026. Il-Pjan ta' Azzjoni tas-SĠK għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-Maniġment jistabbilixxi miżuri biex jinkiseb dan l-objettiv.

(13) Huwa importanti li l-kumpanniji u n-negozji jrawmu, jappoġġaw u jiżviluppaw it-talent femminili fil-livelli kollha u matul il-karrieri tagħhom, sabiex jiżguraw li n-nisa kkwalifikati jingħataw opportunitajiet biex ikollhom pożizzjonijiet fuq il-bordijiet u pożizzjonijiet maniġerjali.

(14) Sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (7), li tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, tipprevedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel permezz ta' liv tal-ġenituri, tal-paternità u tal-persuni li jindukraw, flimkien mal-liv tal-maternità eżistenti. Dik id-Direttiva tipprevedi wkoll id-dritt li jintalbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

(15) Il-ħatra tan-nisa bħala diretturi qed tiġi ostakolata b'diversi fatturi speċifiċi li jistgħu jingħelbu mhux biss permezz ta' regoli vinkolanti, iżda anke permezz ta' inizjattivi edukattivi u inċentivi li jinkoraġixxu prattika tajba. L-ewwel huwa essenzjali li tiżdied is-sensibilizzazzjoni fl-iskejjel tan-negozju u fl-universitajiet dwar il-benefiċċji li ġġib l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-kompetittività tal-kumpanniji. Huwa wkoll neċessarju li jitħeġġeġ it-tiġdid regolari tad-diretturi u li jiġu introdotti miżuri pożittivi li jippromwovu u jirrikonoxxu sforzi mill-Istati Membri u l-kumpanniji biex jadottaw approċċ aktar deċiżiv għal tali bidliet f'korpi prinċipali li jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi fil-livelli kollha.

(16) L-Unjoni għandha riżerva kbira ta' nisa bi kwalifiki għolja, li qiegħda tikber b'mod kostanti kif inhu kkonfermat mill-fatt li 60 % tal-gradwati mill-universitajiet huma nisa. Il-kisba tal-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet huwa essenzjali għal użu effiċjenti ta' dik ir-riżerva eżistenti, li huwa essenzjali għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi u ekonomiċi tal-Unjoni. Għalhekk, is-sottorappreżentanza tan-nisa fuq il-bordijiet hija opportunità mitlufa għall-ekonomiji tal-Istati Membri b'mod ġenerali u għall-iżvilupp u t-tkabbir tagħhom. Li nagħmlu użu sħiħ mir-riżerva eżistenti ta' talent femminili jtejjeb ukoll ir-rendiment fuq l-edukazzjoni kemm għall-individwi kif ukoll għas-settur pubbliku. Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-preżenza tan-nisa fuq il-bordijiet ittejjeb il-governanza korporattiva, minħabba li l-prestazzjoni tat-tim u l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet jissaħħu minn mentalità aktar diversa u kollettiva li tinkorpora firxa usa' ta' perspettivi. Bosta studji wrew li d-diversità twassal għal mudell tan-negozju aktar proattiv, deċiżjonijiet aktar ibbilanċjati u standards professjonali mtejba fuq il-bordijiet li jirriflettu aħjar ir-realtajiet tas-

(7) Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

soċjetà u l-ħtiġijiet tal-konsumatur. Din tinkoraġġixxi wkoll l-innovazzjoni. Bosta studji wrew ukoll li hemm relazzjoni pożittiva bejn id-diversità tal-ġeneri fl-ogħla livell maniġerjali u l-prestazzjoni finanzjarja u l-profitabbiltà ta' impriża, li jwassal għal tkabbir sostenibbli fit-tul sostanzjali. Il-kisba ta' bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet hija għalhekk ta' importanza vitali biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni f'ekonomija globalizzata u tkun toffri vantaġġ komparattiv fil-konfront ta' pajjiżi terzi.

(17) Iż-żieda tar-rappreżentanza tan-nisa fuq il-bordijiet mhux biss taffettwa n-nisa maħtura fuq il-bordijiet, iżda tikkontribwixxi wkoll sabiex jiġi attirat talent femminili lejn il-kumpannija u tiġi żgurata preżenza ikbar tan-nisa fil-livelli maniġerjali kollha u fil-forza tax-xogħol. Għalhekk, sehem akbar ta' nisa fuq il-bordijiet x'aktarx iħalli impatt pożittiv fuq it-tnaqqis kemm tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

(18) Minkejja evidenza tal-impatt ta' benefiċċju tal-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-kumpanniji nfushom u fuq l-ekonomija b'mod ġenerali, u minkejja l-liġi eżistenti tal-Unjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess u l-azzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni li jinkoraġġixxu l-awtoregolamentazzjoni, in-nisa jibqgħu ferm sottorappreżentati fl-ogħla korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanniji madwar l-Unjoni. L-istatistika turi li l-proporzjon ta' nisa involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet kummerċjali tal-ogħla livell għadu baxx ħafna. Jekk nofs ir-riżerva tat-talenti lanqas biss titqies għal pożizzjonijiet ta' tmexxija, il-proċess u l-kwalità tal-ħatriet infushom jistgħu jkunu kompromessi u dan jista' jżid n-nuqqas ta' fiduċja fl-istrutturi tal-poter imprenditorjali u jista' jwassal għal tnaqqis fl-użu effiċjenti tal-kapital uman disponibbli. Huwa importanti li l-kompożizzjoni tas-soċjetà tkun riflessa fedelment fit-teħid tad-deċiżjonijiet korporattivi u li jintuża l-potenzjal tal-popolazzjoni kollha tal-Unjoni. Skont l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, fl-2021, in-nisa kienu jirrappreżentaw medja ta' 30,6 % tal-membri tal-bordijiet fl-akbar kumpanniji elenkati u ta' 8,5 % biss tal-presidenti. Dak jindika sottorappreżentanza inġusta u diskriminatorja tan-nisa, u b'hekk idgħajjef b'mod ċar il-prinċipji tal-Unjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tan-nisa u tal-irġiel fl-oqsma tal-impjiegi u x-xogħol. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti u msaħħa miżuri biex jinkoraġġixxu l-progress fil-karriera għan-nisa fil-livelli kollha tal-maniġment, u għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li dak ikun il-każ fil-kumpanniji elenkati, minħabba r-responsabbiltà ekonomika u soċjali sinifikanti ta' tali kumpanniji. Barra minn hekk, huwa importanti li l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jmexxu bl-eżempju fir-rigward tar-rimedju tal-iżbilanċi eżistenti bejn il-ġeneri fil-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' maniġment proprja tagħhom.

(19) Il-proporzjon ta' nisa fuq il-bordijiet żdied bil-mod ħafna tul l-aħħar snin. Ir-rata ta' titjib varjat fost l-Istati Membri u wasslet għal riżultati diverġenti ħafna. Ġie nnotat progress ħafna iktar sinifikanti f'dawk l-Istati Membri fejn ġew introdotti miżuri vinkolanti. Dik id-diverġenza x'aktarx li tiżdied minħabba l-approċċi differenti ħafna biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkondividu informazzjoni dwar il-miżuri effettivi meħuda u l-politiki adottati fil-livell nazzjonali, u biex jiskambjaw l-aħjar prattiki, bil-għan li jiġi appoġġat il-progress madwar l-Unjoni biex tinkiseb rappreżentazzjoni aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet.

(20) Ir-regolamentazzjoni mferrxa u diverġenti jew in-nuqqas ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpanniji elenkati mhux biss twassal għal diskrepanzi fl-għadd ta' nisa fost id-diretturi mhux eżekuttivi u għal rati differenti ta' titjib madwar l-Istati Membri, iżda wkoll toħloq ostakli għas-suq intern billi timponi rekwiżiti diverġenti dwar il-governanza korporattiva fuq il-kumpanniji elenkati fl-Unjoni. Dawk id-differenzi fir-rekwiżiti legali u awtoregolatorji għall-kompożizzjoni tal-bordijiet jistgħu jwasslu għal komplikazzjonijiet prattiċi għall-kumpanniji elenkati li joperaw bejn il-fruntieri, b'mod partikolari meta jistabbilixxu sussidjarji jew f'fużjonijiet u akkwisti, u għall-kandidati għall-pożizzjonijiet ta' direttur.

(21) L-iżbilanċi bejn il-ġeneri fil-kumpanniji huma ikbar fil-livelli iktar superjuri. Barra dan, bosta minn dawk in-nisa li huma rrappreżentati fil-livell ta' maniġment superjuri jinsabu f'oqsma bħar-riżorsi umani u l-komunikazzjoni, filwaqt li huwa iktar probabbli li l-irġiel fil-livell superjuri jiġu impjegati fil-maniġment ġenerali jew maniġment operattiv fil-kumpannija. Billi r-riżerva ewlenija għar-reklutaġġ għall-pożizzjonijiet ta' direttur fil-parti l-kbira tagħha hija magħmula minn kandidati b'esperjenza f'maniġment superjuri, huwa ta' importanza vitali li l-għadd ta' nisa li javvanzaw għal dawn il-pożizzjonijiet maniġerjali fil-kumpanniji jiżdied.

(22) Wieħed mill-fatturi ewlenin li jippermetti li din id-Direttiva tkun implimentata b'mod korrett hija l-applikazzjoni effettiva tal-kriterji, li jkunu stabbiliti minn qabel u bi trasparenza sħiħa, għall-għażla tad-diretturi fejn il-kwalifiki, l-għarfien u l-ħiliet tal-kandidati jitqiesu fuq bażi ugwali, indipendenti mill-ġeneru tagħhom.

(23) In-nuqqas attwali ta' trasparenza fil-proċess tal-għażla u l-kriterji ta' kwalifika għall-pożizzjonijiet ta' direttur fil-parti l-kbira tal-Istati Membri jirrappreżenta ostaklu sinifikanti għal bilanċ akbar bejn il-ġeneri fost id-diretturi u jaffettwa b'mod negattiv kemm il-karrieri u l-libertà tal-moviment tal-kandidati u d-deċiżjonijiet tal-investituri. Tali nuqqas ta' trasparenza jwaqqaf lil kandidati potenzjali għal pożizzjonijiet ta' direttur milli japplikaw għal bordijiet fejn il-kwalifiki tagħhom ikunu l-aktar meħtieġa u milli jikkontestaw deċiżjonijiet ta' ħatra li jiddiskriminaw abbażi tal-ġeneru, u b'hekk ifixkel il-moviment ħieles tagħhom fi ħdan is-suq intern. Min-naħa l-oħra, l-investituri jista' jkollhom strateġiji ta' investiment li jirrikjedu li tingħata l-informazzjoni marbuta wkoll mal-għarfien espert u l-kompetenza tad-diretturi. Aktar trasparenza fil-kriterji dwar il-kwalifiki u l-proċedura tal-għażla għal diretturi tippermetti lill-investituri jevalwaw aħjar l-istrateġija kummerċjali tal-kumpannija u li jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Huwa importanti li l-proċess ta' ħatra fil-bordijiet ikun ċar u trasparenti u li l-kandidati jiġu vvalutati oġġettivament fuq il-merti individwali tagħhom, indipendenti mill-ġeneru tagħhom.

(24) Filwaqt li din id-Direttiva ma għandhiex l-għan li tarmonizza l-liġijiet nazzjonali dwar il-proċessi tal-għażla u l-kriterji ta' kwalifika għall-pożizzjonijiet ta' direttur fid-dettall, l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti minimi għall-kumpanniji elenkati mingħajr rappreżentazzjoni bilanċjata tal-ġeneri fir-rigward tal-għażla tal-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għal pożizzjonijiet ta' direttur abbażi ta' proċess tal-għażla definita b'mod ċar u valutazzjoni komparattiva objettiva tal-kwalifiki tagħhom f'termini ta' adegwatezza, kompetenza u prestazzjoni professjonali hija neċessarja bil-għan li jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri. Hija biss miżura vinkolanti fuq il-livell tal-Unjoni li tista' effettivament tgħin biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar l-Unjoni u jiġu evitati komplikazzjonijiet prattiċi fil-ħajja tan-negozju.

(25) Għalhekk l-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li żżid il-preżenza ta' nisa fuq il-bordijiet fl-Istati Membri kollha, sabiex jissaħħaħ it-tkabbir ekonomiku, titħeġġeġ il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ il-kompetittività tal-kumpanniji elenkati u biex tintlaħaq ugwaljanza effettiva bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol. Dak l-għan jenħtieġ li jintlaħaq billi jiġu stipulati rekwiżiti minimi fir-rigward ta' azzjoni pożittiva fil-forma ta' miżuri vinkolanti. Dawk il-miżuri vinkolanti għandhom l-għan li jiksbu objettiv kwantitattiv għall-kompożizzjoni tal-ġeneru tal-bordijiet, fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri u pajjiżi terzi li għażlu dak il-metodu jew metodu simili kisbu l-aħjar riżultati fit-tnaqqis tas-sottorappreżentazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi.

(26) Huwa importanti li kull kumpannija elenkata tiżviluppa politika dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, sabiex tinkiseb rappreżentanza tal-ġeneri aktar bilanċjata fil-livelli kollha. Tali politiki jistgħu jinkludu n-nomina ta' kandidat mara kif ukoll ta' kandidat raġel għal pożizzjonijiet ewlenin, skemi ta' mentoraġġ u gwida għall-iżvilupp tal-karriera għan-nisa, u strateġiji ta' riżorsi umani mfassla biex jinkoraġġixxu reklutaġġ varjat.

(27) Il-kumpanniji elenkati għandhom importanza ekonomika, viżibilità u impatt partikolari fis-suq kollu kemm hu. Tali kumpanniji jistabbilixxu standards għall-ekonomija usa' u l-prattiki tagħhom jista' jiġi mistenni li jiġu segwiti minn tipi oħra ta' kumpanniji. In-natura pubblika tal-kumpanniji elenkati tiġġustifika li huma jiġu rregolati aktar fl-interess pubbliku.

(28) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kumpanniji elenkati.

(29) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma tapplikax għal impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

(30) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istat Membru kompetenti biex jirregola l-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva jenħtieġ li jkun l-Istat Membru li fih il-kumpannija elenkata inkwistjoni jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha. Din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli nazzjonali li jiddeterminaw il-liġi applikabbli għall-kumpanniji għal kwistjonijiet mhux irregolati minn din id-Direttiva.

(31) Hemm diversi sistemi tal-istrutturi tal-bordijiet għal kumpanniji elenkati fl-Istati Membri, fejn id-distinzjoni prinċipali hi bejn sistema b'żewġ livelli b'kemm bord maniġerjali kif ukoll bord superviżorju u sistema unitarja li tikkombina l-funzjonijiet tal-maniġment u tas-sorveljanza f'bord uniku. Jeżistu wkoll sistemi mħallta, li jinvolvu aspetti taż-żewġ sistemi jew li jagħtu lill-kumpanniji għażla bejn mudelli differenti. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għas-sistemi eżistenti kollha tal-bordijiet fl-Istati Membri.

(32) Is-sistemi kollha tal-bordijiet jiddistingwu, *de jure* jew *de facto*, bejn id-diretturi eżekuttivi, li huma involuti fil-maniġment ta' kuljum tal-kumpannija, u d-diretturi mhux eżekuttivi li jwettqu funzjoni superviżorja u li mhumiex involuti fil-maniġment ta' kuljum tal-kumpannija elenkata. Din id-Direttiva timmira li ttejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fost iż-żewġ kategoriji ta' diretturi. Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiżdied il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-bordijiet u l-ħtieġa li jiġi mminimizzat l-indħil fil-maniġment ta' kuljum ta' kumpannija, din id-Direttiva tagħmel distinzjoni bejn dawk iż-żewġ kategoriji ta' direttur.

(33) F'bosta Stati Membri, ċertu proporzjon tad-diretturi mhux eżekuttivi jistgħu jew iridu, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, jinħatru jew jiġu eletti mill-ħaddiema tal-kumpanniji, mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati jew mit-tnejn. L-objettivi kwantitattivi stipulati f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw ukoll għal dawn id-diretturi. Madankollu, minħabba li xi diretturi mhux eżekuttivi huma r-rappreżentanti tal-impjegati, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mezzi biex jiġi żgurat li dawk l-objettivi jinkisbu, b'konsiderazzjoni xierqa għar-regoli speċifiċi għall-ħatra jew l-elezzjoni ta' rappreżentanti tal-impjegati kif stabbilit fil-liġi nazzjonali u b'rispett għal-libertà tal-votazzjoni fl-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-impjegati. Minħabba d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar il-kumpanniji tal-Istati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw l-objettivi kwantitattivi separatament għar-rappreżentanti tal-azzjonisti u għar-rappreżentanti tal-impjegati.

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jissoġġettaw lill-kumpanniji elenkati jew għall-objettiv li jkollhom bordijiet li fuqhom il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom tal-inqas 40 % ta' pożizzjonijiet ta' diretturi mhux eżekuttivi sat-30 ta' Ġunju 2026 jew, alternattivament, ladarba huwa importanti li l-kumpanniji elenkati jżidu l-proporzjon tas-sess sottorappreżentat fil-pożizzjonijiet kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għall-objettiv li jkollhom bordijiet li fuqhom il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom tal-inqas 33 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur sat-30 ta' Ġunju 2026, irrispettivament minn jekk ikunux eżekuttivi jew mhux eżekuttivi, bil-ħsieb li tiġi promossa rappreżentanza tas-sessi aktar ibbilanċjata fost id-diretturi kollha.

(35) L-objettivi li jkun hemm bordijiet li fuqhom il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom tal-inqas 40 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur mhux eżekuttiv jew tal-inqas 33 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur jikkonċernaw il-bilanċ globali bejn il-ġeneri fost id-diretturi u ma għandhomx ifixklu l-għażla konkreta ta' diretturi individwali minn riżerva wiesgħa ta' kandidati rġiel u nisa f'kull każ individwali. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma teskludi ebda kandidat partikolari għal pożizzjonijiet ta' direttur, u lanqas ma timponi xi diretturi individwali fuq il-kumpanniji elenkati jew l-azzjonisti. Id-deċiżjoni dwar id-diretturi xierqa għalhekk tibqa' tal-kumpanniji elenkati u tal-azzjonisti.

(36) Fid-dawl tax-xorta tagħhom, huwa xieraq li l-impriżi pubbliċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva iservu ta' mudell għas-settur privat. L-Istati Membri jeżerċitaw influwenza dominanti fuq kumpanniji pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE ([8]), li huma elenkati f'suq regolat. Minħabba din l-influwenza dominanti, l-Istati Membri għandhom l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex iġibu l-bidla meħtieġa aktar malajr.

(37) Id-determinazzjoni tal-għadd ta' pożizzjonijiet ta' direttur neċessarju biex jinkisbu l-objettivi stipulati f'din id-Direttiva tirrikjedi aktar speċifikazzjoni billi, minħabba d-daqs ta' bosta bordijiet, mhuwiex possibbli matematikament li tintlaħaq il-proporzjon eżatta ta' 40 % jew, fejn applikabbli, 33 %. Għaldaqstant, l-għadd ta' pożizzjonijiet ta' direttur neċessarju biex jinkisbu l-objettivi stipulati f'dan id-Direttiva jenħtieġ li jkun l-għadd l-eqreb għall-proporzjon ta' 40 % jew, fejn applikabbli, 33 %, u fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li ma jaqbiżx id-49 %.

([8]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti intrapriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

(38) Fil-ġurisprudenza ([9]) tagħha dwar l-azzjoni pożittiva u l-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni abbażi ta' sess, li huwa wkoll stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") aċċettat li l-prijorità f'ċerti każijiet tista' tingħata lis-sess sottorappreżentat fl-għażla għal impjieg jew promozzjoni, dment li l-kandidat mis-sess sottorappreżentat ikun ugwalment ikkwalifikat meta mqabbel mal-kompetitur tas-sess l-ieħor f'termini ta' adegwatezza, kompetenza u prestazzjoni professjonali, li l-prijorità ma tkunx awtomatika u bla kondizzjonijiet iżda tista' ma tingħatax jekk raġunijiet speċifiċi għal kandidat individwali tas-sess l-ieħor ixaqilbu l-bilanċ favur dak il-kandidat, u li l-applikazzjoni ta' kull kandidat tkun soġġetta għal valutazzjoni oġġettiva li tapplika b'mod speċifiku l-kriterji tal-għażla kollha għall-kandidati individwali.

(39) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk il-kumpanniji elenkati li fil-bordijiet tagħhom il-membri tas-sess sottorappreżentat għandhom inqas minn 40 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur mhux eżekuttiv jew inqas minn 33 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur, inkluż kemm diretturi eżekuttivi kif ukoll dawk mhux eżekuttivi kif applikabbli, jagħżlu l-iktar kandidati kkwalifikati għall-ħatra jew l-elezzjoni għal dawk il-pożizzjonijiet abbażi ta' valutazzjoni komparattiva tal-kwalifiki tal-kandidati billi japplikaw kriterji ċari, ifformulati b'mod newtrali u li mhumiex ambigwi stabbiliti qabel il-proċess tal-għażla, bil-għan li jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet. Eżempji ta' tipi ta' kriterji ta' għażla li l-kumpanniji elenkati jistgħu japplikaw jinkludu esperjenza professjonali f'kompiti maniġerjali jew ta' superviżjoni, esperjenza internazzjonali, multidixxiplinarità, tmexxija, ħiliet ta' komunikazzjoni, kapaċitajiet ta' networking u għarfien f'oqsma rilevanti speċifiċi bħall-finanzi, is-sorveljanza finanzjarja jew il-maniġment tar-riżorsi umani.

(40) Meta jintgħażlu l-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni ta' pożizzjonijiet ta' direttur, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-kandidat ugwalment ikkwalifikat tas-sess sottorappreżentat. Madankollu, tali prijorità ma għandhiex tikkostitwixxi preferenza awtomatika u bla kondizzjonijiet. Jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali fejn valutazzjoni oġġettiva dwar is-sitwazzjoni speċifika ta' kandidat ugwalment ikkwalifikat tas-sess l-ieħor tista' tieħu preċedenza fuq il-preferenza li, inkella, jkollha tingħata lill-kandidat tas-sess sottorappreżentat. Tali preċedenza ta' preferenza tista' sseħħ, pereżempju, fejn politiki ta' diversità usa' japplikaw fil-livell nazzjonali jew tal-kumpannija għall-għażla ta' diretturi. Il-preċedenza fuq l-applikazzjoni ta' azzjoni pożittiva jenħtieġ li madankollu tibqa' eċċezzjonali, tkun ibbażata fuq valutazzjoni skont il-każ u tkun debitament ġustifikata minn kriterji oġġettivi li, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li ma jiddiskriminawx kontra s-sess sottorappreżentat.

(41) Fi Stati Membri fejn ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva relatati mal-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni ta' pożizzjonijiet ta' direttur huma applikabbli, il-kumpanniji elenkati li fil-bordijiet tagħhom il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom tal-anqas 40 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur mhux eżekuttiv jew tal-anqas 33 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur, kif applikabbli, jenħtieġ li ma jkunux obbligati li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti.

(42) Il-metodi tal-għażla tal-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjonijiet ta' direttur ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor u minn kumpannija elenkata għal oħra. Dawn jistgħu jinvolvu l-preselezzjoni ta' kandidati li jiġu ppreżentati lill-assemblea tal-azzjonisti, pereżempju minn kumitat ta' nominazzjoni jew minn ditti ta' tiftix tal-eżekuttivi. Ir-rekwiżiti għall-għażla tal-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni ta' pożizzjonijiet ta' direttur jenħtieġ li jintlaħqu fi stadju xieraq tal-proċess tal-għażla skont il-liġi nazzjonali u l-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-kumpanniji elenkati kkonċernati, inkluż qabel l-elezzjoni ta' kandidat mill-azzjonisti, pereżempju meta titħejja lista mqassra. F'dak ir-rigward, din id-Direttiva tistabbilixxi l-istandards minimi biss għall-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjonijiet ta' direttur, u b'hekk tagħmel possibbli l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet previsti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bil-għan li jkun hemm ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jinkiseb l-objettiv ta' rappreżentazzjoni iktar bilanċjata ta' nisa u rġiel fil-bordijiet tal-kumpanniji elenkati. Din id-Direttiva ma tinterferixxix bla bżonn fil-maniġment ta' kuljum ta' kumpanniji elenkati, peress li dawn iżommu l-libertà li jagħżlu l-kandidati fuq il-bażi tal-kwalifiki jew ta' kunsiderazzjonijiet oġġettivi rilevanti oħra.

([9]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ottubru 1995, *Kalanke v Freie Hansestadt Bremen*, C-450/93, ECLI:EU:C:1995:322; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1997, *Marschall v Land Nordrhein-Westfalen*, C-409/95, ECLI:EU:C:1997:533; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2000, *Badeck u Oħrajn*, C-158/97, ECLI:EU:C:2000:163; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Lulju 2000, *Abrahamsson u Anderson*, C-407/98, ECLI:EU:C:2000:367.

(43) Fid-dawl tal-objettivi ta’ din id-Direttiva rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri, il-kumpanniji elenkati jenħtieġ li jkunu meħtieġa fuq talba ta’ kandidat għall-ħatra jew l-elezzjoni ta’ pożizzjoni ta’ direttur, li jinformaw lil dak il-kandidat bil-kriterji tal-kwalifiki li fuqhom l-għażla kienet ibbażata, il-valutazzjoni komparattiva oġġettiva tal-kandidati skont dawn il-kriterji u, fejn rilevanti, il-kunsiderazzjonijiet speċifiċi li eċċezzjonalment ixaqilbu l-bilanċ favur kandidat li mhux mis-sess sottorappreżentat. Rekwiżit li tingħata tali informazzjoni jista’ jimplika limitazzjoni għad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni ta’ data personali li huma rikonoxxuti, rispettivament, mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. Madankollu, dawn il-limitazzjonijiet huma neċessarji u, f’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jilħqu b’mod ġenwin objettivi rikonoxxuti ta’ interess ġenerali. Għalhekk huma konformi mar-rekwiżiti għal tali limitazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali limitazzjonijiet jenħtieġ jiġu applikati f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

(44) Fejn kandidat mis-sess sottorappreżentat għall-ħatra jew l-elezzjoni ta’ pożizzjoni ta’ direttur jistabbilixxi fatti, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, li minnhom jista’ jiġi preżunt li dak il-kandidat kien ikkwalifikat bl-istess mod bħall-kandidat magħżul tas-sess l-ieħor, il-kumpannija elenkata jenħtieġ li tkun meħtieġa turi l-korrettezza tal-għażla.

(45) Filwaqt li din id-Direttiva tfittex li tistabbilixxi rekwiżiti minimi fil-forma ta’ miżuri vinkolanti biex tittejjeb il-kompożizzjoni tal-ġeneru tal-bordijiet,, huwa importanti, f’konformità mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà, li tiġi rikonoxxuta l-leġittimità ta’ approċċi differenti u li tiġi rikonoxxuta l-effettività ta’ ċerti miżuri nazzjonali eżistenti, diġà adottati f’dan il-qasam ta’ politika, li wrew riżultati sodisfaċenti. Għalhekk, f’xi Stati Membri, diġà saru sforzi biex tiġi żgurata rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet permezz tal-adozzjoni ta’ miżuri vinkolanti li huma kkunsidrati effettivi daqs dawk stabbiliti f’din id-Direttiva. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jissospendu l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati f’din id-Direttiva relatati mal-għażla tal-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni ta’ pożizzjonijiet ta’ direttur u, fejn rilevanti, dawk relatati mal-istabbiliment ta’ objettivi kwantitattivi individwali, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal sospensjoni stabbiliti f’din id-Direttiva. F’każijiet bħal dawn, fejn l-Istati Membri jkunu introduċew tali miżuri vinkolanti permezz ta’ liġi nazzjonali, ir-regoli ta’ tqarrib stabbiliti f’din id-Direttiva fir-rigward tal-għadd speċifiku ta’ diretturi jenħtieġ li jiġu applikati *mutatis mutandis* għall-fini tal-valutazzjoni ta’ dawk il-miżuri nazzjonali skont din id-Direttiva. Fi Stat Membru fejn tali sospensjoni tkun tapplika, l-objettivi stipulati f’din id-Direttiva jenħtieġ li jitqiesu li ntlaħqu u għalhekk l-objettivi stipulati f’din id-Direttiva fir-rigward tad-diretturi mhux eżekuttivi jew id-diretturi kollha ma jissostitwixxux u ma jiġux miżjuda mal-miżuri nazzjonali rilevanti.

(46) Bil-għan ukoll li jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi involuti f’kompiti tal-maniġment ta’ kuljum, il-kumpanniji elenkati jenħtieġ li jkunu meħtieġa li jistabbilixxu objettivi kwantitattivi individwali rigward rappreżentanza aktar bilanċjata taż-żewġ sessi fost id-diretturi eżekuttivi, bil-għan li jinkisbu tali objettivi sad-data stabbilita f’din id-Direttiva. Dawk l-objettivi jenħtieġ li jgħinu lill-kumpanniji biex jiksbu progress tanġibbli meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali tagħhom. Dak l-obbligu jenħtieġ li ma japplikax għal kumpanniji elenkati li jilħqu l-objettiv ta’ 33 % rilevanti għad-diretturi kollha, kemm eżekuttivi kif ukoll dawk mhux eżekuttivi.

(47) L-Istati Membri jenħtieġ li jobbligaw lill-kumpanniji elenkati, fuq bażi annwali, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-ġeneru tal-bordijiet tagħhom u dwar il-miżuri li ttieħdu bil-għan li jinkisbu l-objettivi stipulati f’din id-Direttiva, lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jippermettulhom jivvalutaw il-progress magħmul minn kull kumpannija elenkata lejn il-kisba tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost id-diretturi. Il-kumpanniji elenkati jenħtieġ li jippubblikaw tali informazzjoni b’mod xieraq u faċilment aċċessibbli fuq is-siti web tagħhom u jinkluduha fir-rapporti annwali tagħhom. Fejn kumpannija elenkata ma tkunx kisbet l-objettivi kwantitattivi applikabbli, din jenħtieġ li tinkludi f’tali informazzjoni deskrizzjoni tal-miżuri konkreti li hija tkun ħadet jew li biħsiebha tieħu fil-futur sabiex tikseb l-objettivi stipulati f’din id-Direttiva. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u duplikazzjoni tal-isforzi, l-informazzjoni dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet li għandha tiġi rrapportata

([10]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

skont din id-Direttiva jenħtieġ li tifforma parti, fejn applikabbli, mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva ta' kumpanniji elenkati, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni applikabbli u, b'mod partikolari mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]). Fejn l-Istati Membri jkunu ssospendew l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 skont l-Artikolu 12, l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma japplikawx, dment li l-liġi nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri tipprovdi għal obbligi ta' rappurtar li jiżguraw li l-informazzjoni rigward il-progress magħmul minn kumpanniji elenkati lejn il-kisba ta' rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet tagħhom tiġi ppubblikata regolarment.

(48) Ir-rekwiżiti relatati mal-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjonijiet ta' direttur, l-obbligu li jiġi stabbilit objettiv kwantitattiv b'rabta mad-diretturi eżekuttivi u l-obbligi ta' rappurtar jenħtieġ li jkunu infurzati b'penali li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji adegwati jkunu disponibbli għal dak il-għan. Tali penali jistgħu jinkludu multi jew il-possibbiltà li korp ġudizzjarju jannulla deċiżjoni li tikkonċerna l-għażla tad-diretturi jew li jiddikjaraha nulla u mingħajr effett. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali dwar l-impożizzjoni ta' penali, dment li l-kumpanniji elenkati jkunu konformi ma' dawk l-obbligi, jenħtieġ li dawn ma jiġux ippenalizzati talli ma jkunx irnexxielhom jilħqu l-objettivi kwantitattivi li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni tan-nisa u l-irġiel fost id-diretturi. Jenħtieġ li l-penali ma jiġux applikati għall-kumpanniji elenkati stess jekk taħt il-liġi nazzjonali azzjoni jew ommissjoni partikolari ma tkunx attribwibbli lill-kumpannija, iżda lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn bħal azzjonisti individwali. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw penali għajr dawk elenkati fil-lista mhux eżawrjenti ta' penali stabbiliti f'din id-Direttiva, speċjalment f'każijiet ta' ksur serju u ripetut minn kumpannija elenkata relatata mal-obbligi stipulati minn din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li, fit-twettiq ta' kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet, il-kumpanniji elenkati jikkonformaw mal-obbligi applikabbli relatati mal-liġi soċjali u tax-xogħol, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

(49) L-Istati Membri jew il-kumpanniji elenkati jenħtieġ li jkunu jistgħu jintroduċu jew iżommu miżuri aktar favorevoli biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni iktar ibbilanċjata tan-nisa u l-irġiel.

(50) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru korpi għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet. Barra minn hekk, kampanji ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki jkunu jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għas-sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjoni fost il-kumpanniji elenkati kollha u jinkoraġġuhom jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri b'mod proattiv. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu politika biex isostnu u jinċentivaw lill-SMEs biex itejbu b'mod sinifikanti il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli maniġerjali kollha u fuq il-bordijiet.

(51) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta. B'mod partikolari, tikkontribwixxi għat-twettiq tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (l-Artikolu 23 tal-Karta) u l-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol (l-Artikolu 15 tal-Karta). Din id-Direttiva tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ tad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (l-Artikolu 47 tal-Karta). Il-limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16 tal-Karta) u d-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17(1) tal-Karta) jirrispettaw l-essenza ta' dik il-libertà u ta' dak id-dritt u huma neċessarja u proporzjonati. Huwa possibbli li jsiru limitazzjonijiet biss jekk ikunu ġenwinament jilħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

(52) Filwaqt li xi Stati Membri ħadu azzjoni regolatorja jew inkoraġġew l-awtoregolamentazzjoni b'riżultati mħalltin, il-parti l-kbira tal-Istati Membri ma ħadux azzjoni jew indikaw ir-rieda tagħhom li jaġixxu b'mod li jwassal għal titjib suffiċjenti. Projezzjonijiet ibbażati fuq analiżi komprensiva tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar ix-xejriet tal-imgħoddi u dawk attwali u l-intenzjonijiet juru li Stat Membri li jaġixxu individwalment mhux ser jiksbu rappreżentazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fost id-diretturi fl-Unjoni kollha f'konformità mal-objettivi stipulati f'din id-Direttiva fi kwalunkwe punt fil-futur prevedibbli. In-nuqqas ta' azzjoni f'dan il-qasam inaqqas ir-ritmu tat-tfittxija tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol b'mod aktar ġenerali, inkluż f'termini ta' tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, li tirriżulta parzjalment minn segregazzjoni vertikali. Fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkostanzi u minħabba d-diskrepanzi li dejjem qed jikbru bejn l-Istati Membri f'termini tar-rappreżentazzjoni

([11]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet, il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet fl-Unjoni kollha jista' jittejjeb biss permezz ta' approċċ komuni, u l-potenzjal għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kompetittività u t-tkabbir jista' jintlaħaq aħjar permezz ta' azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni aktar milli permezz ta' inizjattivi nazzjonali ta' kamp ta' applikazzjoni, ambizzjoni u effikaċja varjabbli. Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kisba ta' rappreżentanza aktar ibbilanċjata ta' nisa u rġiel fost id-diretturi ta' kumpanniji elenkati billi jiġu stabbiliti miżuri effettivi li għandhom l-għan li jgħaġġlu l-progress lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri, filwaqt li l-kumpanniji elenkati jkollhom biżżejjed żmien biex jagħmlu l-arranġament neċessarji għal dak il-għan, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva hija limitata għall-iffissar ta' għanijiet u prinċipji komuni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb dak l-objettiv. L-Istati Membri huma mogħtija biżżejjed libertà biex jiddeterminaw kif l-objettivi stipulati f'din id-Direttiva jenħtieġ li jinkisbu l-aħjar meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, b'mod partikolari r-regoli u l-prattiki li jikkonċernaw ir-reklutaġġ fuq il-bordijiet. Din id-Direttiva ma tinterferixxix mal-possibbiltà li l-kumpanniji elenkati jaħtru d-diretturi l-aktar ikkwalifikati, u toffri qafas flessibbli u tipprovdi għal perjodu twil biżżejjed ta' adattament.

(53) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili sabiex jinfurmawhom b'mod effiċjenti dwar is-sinifikat, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(54) F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-objettivi li jridu jintlaħqu mill-kumpanniji elenkati jenħtieġ li jkun limitat fiż-żmien u jenħtieġ li jibqa' fis-seħħ biss sakemm isir progress sostenibbli dwar il-kompożizzjoni tal-ġeneri tal-bordijiet. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina regolarment l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, din id-Direttiva tipprevedi data li fiha tiskadi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina, fir-rieżami tagħha, jekk hemmx il-ħtieġa li testendi t-tul taż-żmien ta' din id-Direttiva lil hinn minn dik id-data.

(55) F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar dokumenti ta' spjegazzjoni, ([12]) l-Istati Membri impenjaw irwieħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Għan**

Din id-Direttiva għandha l-għan li tikseb rappreżentazzjoni aktar ibbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fost id-diretturi ta' kumpanniji elenkati billi tistabbilixxi miżuri effettivi li għandhom l-għan li jgħaġġlu l-progress lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri, filwaqt li tħalli lill-kumpanniji elenkati biżżejjed żmien biex jagħmlu l-arranġamenti neċessarji għal dak il-fini.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tapplika għal kumpanniji elenkati. Din id-Direttiva ma tapplikax għal impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

([12]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kumpannija elenkata" tfisser kumpannija li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru u li l-ishma tagħha huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat fit-tifsira tal-Artikolu 4(1), il-punt (21), tad-Direttiva 2014/65/UE fi Stat Membru wieħed jew aktar;

(2) "bord" tfisser korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' kumpannija elenkata;

(3) "direttur" tfisser membru ta' bord, inkluż membru li huwa rappreżentant tal-impjegati;

(4) "direttur eżekuttiv" tfisser membru ta' bord unitarju li hu involut fil-maniġment ta' kuljum ta' kumpannija elenkata jew, fil-każ ta' sistema b'żewġ bordijiet, membru tal-bord li jwettaq il-funzjonijiet ta' maniġment ta' kumpannija elenkata;

(5) "direttur mhux eżekuttiv" tfisser membru ta' bord unitarju li mhux direttur eżekuttiv jew, fil-każ ta' sistema b'żewġ bordijiet, membru tal-bord li jwettaq il-funzjonijiet superviżorji ta' kumpannija elenkata;

(6) "bord unitarju" tfisser bord uniku li jwettaq kemm il-funzjonijiet maniġerjali kif ukoll dawk superviżorji ta' kumpannija elenkata;

(7) "sistema b'żewġ bordijiet" tfisser sistema li fiha l-funzjonijiet maniġerjali u superviżorji ta' kumpannija elenkata jitwettqu minn bordijiet separati;

(8) "intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju" jew "SME" tfisser kumpannija li timpjega inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun, jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx EUR 43 miljun, jew, għal SME li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-ewro, l-ammonti ekwivalenti fil-munita ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 4*

**Liġi applikabbli**

L-Istat Membru kompetenti biex jirregola materji koperti minn din id-Direttiva fir-rigward ta' kumpannija elenkata partikolari għandu jkun l-Istat Membru fejn dik il-kumpannija jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. Il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 5*

**Objettivi fir-rigward ta' bilanċ bejn il-ġeneri fuq bordijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji elenkati jkunu soġġetti għal wieħed mill-objettivi li ġejjin, li għandhom jintlaħqu sat-30 ta' Ġunju 2026:

(a) il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom mill-inqas 40 % tal-pożizzjonijiet ta' direttur mhux eżekuttiv;

(b) il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom mill-inqas 33 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' diretturi, inkluż diretturi eżekuttivi u mhux eżekuttivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji elenkati li ma jkunux soġġetti għall-objettiv stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (b), jistabbilixxu objettivi kwantitattivi individwali bil-ħsieb li jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fost id-diretturi eżekuttivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali kumpanniji elenkati jkollhom l-għan li jiksbu tali objettivi kwantitattivi individwali sat-30 ta' Ġunju 2026.

3. L-għadd ta' pożizzjonijiet ta' direttur mhux eżekuttiv meqjus neċessarju sabiex jinkiseb l-objettiv stipulat fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jkun l-għadd l-eqreb lejn il-proporzjon ta' 40 %, iżda li ma jaqbiżx 49 %. L-għadd tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur meqjus neċessarju sabiex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jkun l-għadd l-eqreb lejn il-proporzjon ta' 33 %, iżda li ma jaqbiżx 49 %. Dak l-għadd huwa mogħti fl-Anness.

*Artikolu 6*

**Mezzi sabiex jinkisbu l-objettivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji elenkati li ma jiksbux l-objettivi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) jew (b), kif applikabbli, jaġġustaw il-proċess tal-għażla tal-kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjonijiet ta' direttur. Dawk il-kandidati għandhom jintgħażlu abbażi ta' valutazzjoni komparattiva tal-kwalifiki ta' kull kandidat. Għal dak il-fini, għandhom jiġu applikati kriterji ċari, ifformulati b'mod newtrali u mhux ambigwi b'mod mhux diskriminatorju matul il-proċess kollu tal-għażla, inkluż matul it-tħejjija ta' avviżi ta' postijiet battala, il-fażi ta' preselezzjoni, il-fażi tat-tpoġġija fuq lista qasira u l-istabbiliment ta' gruppi ta' għażla ta' kandidati. Tali kriterji għandhom jiġu stabbiliti qabel dak il-proċess tal-għażla.

2. Fir-rigward tal-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjonijiet ta' direttur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jagħżlu bejn kandidati li huma ugwalment kwalifikati f'termini ta' adegwatezza, kompetenza u prestazzjoni professjonali, tingħata prijorità lill-kandidat tas-sess sottorappreżentat sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet ta' piż legali akbar, bħat-twettiq ta' politiki oħra dwar id-diversità, invokati fil-kuntest ta' valutazzjoni oġġettiva li tqis is-sitwazzjoni speċifika ta' kandidat tas-sess l-ieħor u li hija bbażata fuq kriterji mhux diskriminatorji, ixaqilbu l-bilanċ favur il-kandidat tas-sess l-ieħor.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba ta' kandidat li jkun ġie kkunsidrat matul l-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjoni ta' direttur, il-kumpanniji elenkati huma obbligati jgħarrfu lil dak il-kandidat b'dan li ġej:

(a) il-kriterji tal-kwalifiki li kienu l-bażi tal-għażla;

(b) il-valutazzjoni komparattiva oġġettiva tal-kandidati skont dawk il-kriterji; u

(c) fejn rilevanti, il-kunsiderazzjonijiet speċifiċi li eċċezzjonalment xaqilbu l-bilanċ favur kandidat li mhux mis-sess sottorappreżentat.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji, skont is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, biex jiżguraw li fejn kandidat li ma ġiex aċċettat u li jkun mis-sess sottorappreżentat jistabbilixxi fatti, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, li minnhom jista' jiġi preżunt li dak il-kandidat kien kwalifikat daqs il-kandidat tas-sess l-ieħor li ntgħażel għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjoni ta' direttur, għandha tkun il-kumpannija elenkata li tipprova li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 6(2).

Dan il-paragrafu ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli ta' prova li huma aktar favorevoli għar-rikorrenti.

5. Fejn il-proċess tal-għażla ta' kandidati għall-ħatra jew l-elezzjoni għall-pożizzjoni ta' direttur isir permezz ta' votazzjoni tal-azzjonisti jew l-impjegati, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-kumpanniji elenkati jiżguraw li l-votanti jkunu infurmati kif xieraq dwar il-miżuri previsti f'din id-Direttiva, inkluż penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-kumpannija elenkata.

*Artikolu 7*

**Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li kumpanniji elenkati jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, darba fis-sena, dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneri fuq il-bordijiet tagħhom, b'distinzjoni bejn diretturi eżekuttivi u mhux eżekuttivi, u dwar il-miżuri meħuda bil-għan li jinkisbu l-objettivi applikabbli stipulati fl-Artikoli 5(1) u, fejn applikabbli, l-objettivi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2). L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-kumpanniji elenkati jippubblikaw dik l-informazzjoni b'mod xieraq u aċċessibbli faċilment fuq is-siti web tagħhom. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jaġġornaw regolarment, b'mod faċilment aċċessibbli u ċentralizzat, lista tal-kumpanniji elenkati li jkunu kisbu kwalunkwe wieħed mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 5(1).

2. Meta kumpannija elenkata ma tkunx kisbet wieħed mill-objettivi stipulati fl-Artikolu 5(1) jew, fejn applikabbli, l-objettivi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi r-raġunijiet għalfejn objettivi ma nkisbux u deskrizzjoni komprensiva tal-miżuri li l-kumpannija elenkata diġà ħadet jew biħsiebha tieħu sabiex tiksibhom.

3. Fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi inkluża wkoll fid-dikjarazzjoni dwar il-governanza korporattiva tal-kumpannija, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2013/34/UE.

4. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw fi Stat Membru li jkun issospenda l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 skont l-Artikolu 12 fejn il-liġi nazzjonali tipprovdi għal obbligi ta' rappurtar li jiżguraw il-pubblikazzjoni regolari ta' informazzjoni rigward il-progress li sar minn kumpanniji elenkati lejn rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet tagħhom.

*Artikolu 8*

**Penali u miżuri addizzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur minn kumpanniji elenkati tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 6 u 7, kif applikabbli, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jkunu disponibbli l-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji adegwati sabiex ikun possibbli li jiġu infurzati l-obbligi li joħorġu minn din id-Direttiva. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Tali penali jistgħu jkunu jinvolvu multi jew il-possibbiltà li korp ġudizzjarju jannulla deċiżjoni li tikkonċerna l-għażla tad-diretturi magħmula b'mod kuntrarju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 6 jew li jiddikjaraha nulla u mingħajr effett. L-Istati Membri għandhom sat-28 ta' Diċembru 2024, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli jew b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. Kumpanniji elenkati jistgħu jinżammu responsabbli biss għal atti jew ommissjonijiet li jistgħu jiġu attribwiti lilhom skont il-liġi nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-twettiq ta' kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet, il-kumpanniji elenkati jikkonformaw mal-obbligi applikabbli relatati mal-liġi soċjali u tax-xogħol, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti minimi**

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli minn dawk stipulati f'din id-Direttiva biex tiġi żgurata rappreżentazzjoni iktar ibbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fir-rigward ta' kumpanniji elenkati inkorporati fit-territorju nazzjonali tagħhom.

*Artikolu 10*

**Korpi għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri f'kumpanniji elenkati**

L-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew aktar għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet. Għal dak il-fini, l-Istati Membri jistgħu jaħtru, pereżempju, l-korpi dwar l-ugwaljanza li huma ħatru skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

([13]) Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (GU L 204, 26.7.2006, p. 23).

*Artikolu 11*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-28 ta' Diċembru 2024 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għat-twettiq ta' tali referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri li issospendew l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 skont l-Artikolu 12 għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li turi li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 12 ikunu ssodisfati.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6**

1. Stat Membru jista' jissospendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 u, fejn rilevanti, l-Artikolu 5(2), fejn, sas-27 ta' Diċembru 2022, ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin f'dak l-Istat Membru:

(a) il-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom mill-inqas 30 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur mhux eżekuttiv jew mill-inqas 25 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur fil-kumpanniji elenkati; jew

(b) il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru:

   (i) teżiġi li l-membri tas-sess sottorappreżentat ikollhom mill-inqas 30 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur mhux eżekuttiv jew mill-inqas 25 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur f'kumpanniji elenkati;

   (ii) tinkludi miżuri ta' infurzar effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punt (i); u

   (iii) tirrikjedi li l-kumpanniji elenkati kollha mhux koperti minn dik il-liġi nazzjonali jistabbilixxu objettivi kwantitattivi individwali għall-pożizzjonijiet kollha ta' direttur.

Fejn Stat Membru jkun issospenda l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 u, fejn rilevanti, l-Artikolu 5(2) abbażi ta' kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-objettivi stipulati fl-Artikolu 5(1) għandhom jitqiesu li nkisbu f'dak l-Istat Membru.

2. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet għal sospensjoni abbażi tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) jew (b), l-għadd ta' pożizzjonijiet ta' direttur meħtieġ għandu jkun l-eqreb għadd għall-proporzjon ta' 30 % ta' diretturi mhux eżekuttivi jew 25 % tal-pożizzjonijiet kollha ta' direttur, iżda mhux aktar minn 39 %. Dak għandu jkun ukoll il-każ fejn, skont il-liġi nazzjonali, l-objettivi kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 5 jiġu applikati separatament għar-rappreżentanti tal-azzjonisti u tal-impjegati.

3. Fejn, fi Stat Membru li jkun issospenda l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 u, fejn rilevanti, l-Artikolu 5(2) skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jibqgħux jiġu ssodisfati, l-Artikolu 6 u, fejn rilevanti, l-Artikolu 5(2) għandhom japplikaw mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tali kondizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

*Artikolu 13*

**Rieżami**

1. Sad-29 ta' Diċembru 2025, u kull sentejn wara, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Tali rapport għandu jinkludi informazzjoni komprensiva dwar il-miżuri meħuda bil-għan li jinkisbu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 5(1), informazzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 7 u, fejn applikabbli, informazzjoni rappreżentattiva dwar objettivi kwantitattivi individwali stabbiliti minn kumpanniji elenkati skont l-Artikolu 5(2).

2. L-Istati Membri li jkunu ssospendew l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 u, fejn rilevanti, l-Artikolu 5(2) skont l-Artikolu 12 għandhom jinkludu fir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu informazzjoni li turi jekk u kif il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 huma ssodisfati u jekk huma humiex qed ikomplu jagħmlu progress lejn rappreżentanza aktar bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fost il-pożizzjonijiet ta' diretturi mhux eżekuttivi jew il-pożizzjonijiet kollha ta' direttur f'kumpanniji elenkati.

Sad-29 ta' Diċembru 2026, u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport speċifiku li jaċċerta, fost l-oħrajn, jekk u kif il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 12(1) huma ssodisfati u, kif applikabbli, jekk l-Istati Membri reġgħux bdew japplikaw l-Artikolu 6 u l-Artikolu 5(2), f'konformità mal-Artikolu 12(3).

3. Sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull sentejn wara, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari jekk l-objettivi ta' din id-Direttiva nkisbux.

4. Fir-rapport tagħha msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk, fid-dawl tal-iżviluppi fir-rappreżentanza tan-nisa u tal-irġiel fil-bordijiet f'livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-ekonomija kollha u b'kont meħud ta' jekk il-progress li sar huwiex sostenibbli biżżejjed, din id-Direttiva hijiex strument effiċjenti u effettiv biex jiżdied il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet tal-kumpanniji. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis jekk hemmx bżonn li tiġi estiża d-durata ta' din id-Direttiva lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2038 jew jekk hemmx bżonn li tiġi emendata, pereżempju billi jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal kumpanniji mhux elenkati li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' SMEs jew billi jiġu riveduti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) sabiex jiġi żgurat progress kontinwu lejn rappreżentanza aktar bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fost il-pożizzjonijiet ta' diretturi eżekuttivi u mhux eżekuttivi jew il-pożizzjonijiet kollha ta' direttur f'kumpanniji elenkati.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ u skadenza**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2038.

*Artikolu 15*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-23 ta' Novembru 2022.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | M. BEK |

*ANNESS*

OBJETTIVI NUMERIĊI TA’ DIRETTURI TAS-SESS SOTTORAPPREŻENTAT

| Għadd ta’ pożizzjonijiet fuq il-bord | Għadd minimu ta’ diretturi mhux eżekuttivi tas-sess sottorappreżentat neċessarju sabiex jintlaħaq l-objettiv ta’ 40 % (Artikolu 5(1), il-punt (a)) | Għadd minimu ta’ diretturi tas-sess sottorappreżentat neċessarju sabiex jinkiseb l-objettiv ta’ 33 % (Artikolu 5(1), il-punt (b)) |
|---|---|---|
| 1 | - | - |
| 2 | - | - |
| 3 | 1 (33,3 %) | 1 (33,3 %) |
| 4 | 1 (25 %) | 1 (25 %) |
| 5 | 2 (40 %) | 2 (40 %) |
| 6 | 2 (33,3 %) | 2 (33,3 %) |
| 7 | 3 (42,9 %) | 2 (28,6 %) |
| 8 | 3 (37,5 %) | 3 (37,5 %) |
| 9 | 4 (44,4 %) | 3 (33,3 %) |
| 10 | 4 (40 %) | 3 (30 %) |
| 11 | 4 (36,4 %) | 4 (36,4 %) |
| 12 | 5 (41,7 %) | 4 (33,3 %) |
| 13 | 5 (38,4 %) | 4 (30,8 %) |
| 14 | 6 (42,9 %) | 5 (35,7 %) |
| 15 | 6 (40 %) | 5 (33,3 %) |
| 16 | 6 (37,5 %) | 5 (31,3 %) |
| 17 | 7 (41,2 %) | 6 (35,3 %) |
| 18 | 7 (38,9 %) | 6 (33,3 %) |
| 19 | 8 (42,1 %) | 6 (31,6 %) |
| 20 | 8 (40 %) | 7 (35 %) |
| 21 | 8 (38,1 %) | 7 (33,3 %) |
| 22 | 9 (40,1 %) | 7 (31,8 %) |
| 23 | 9 (39,1 %) | 8 (34,8 %) |
| 24 | 10 (41,7 %) | 8 (33,3 %) |
| 25 | 10 (40 %) | 8 (32 %) |
| 26 | 10 (38,5 %) | 9 (34,6 %) |
| 27 | 11 (40,7 %) | 9 (33,3 %) |
| 28 | 11 (39,3 %) | 9 (32,1 %) |
| 29 | 12 (41,4 %) | 10 (34,5 %) |
| 30 | 12 (40 %) | 10 (33,3 %) |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2382

**tal-1 ta' Diċembru 2022**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2022.

(2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tar-raja ondjata li, l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati fih, għamlu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2022

(3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2022 għall-Portugall għall-istokk tar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix għall-ħut, tfigħ, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdiet meħuda qabel dik id-data.

3. Il-qabdiet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
Virginijus SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 12/TQ109 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Stokk | RJU/9-C. |
| Speċi | Raja ondjata (*Raja undulata*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 |
| Data tal-għeluq | 19.11.2022 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2383

**tas-6 ta' Diċembru 2022**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet ta' vetturi heavy-duty li jużaw bijodiżil pur**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u 5(4) u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Il-vetturi b'approvazzjoni tat-tip fl-UE jeħtieġ li jkunu jistgħu jaħdmu bil-bijodiżil pur u b'taħlitiet differenti ta' bijodiżil u fjuwils fossili f'każ ta' bżonn.

(2) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 ([2]), l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u ta' magni fir-rigward tal-emissjonijiet tirrikjedi li l-manifattur jiżgura l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza stabbiliti fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament li jintużaw għall-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip.

(3) Il-bijodiżil pur (FAME B100) mhuwiex elenkat fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 bħala fjuwil ta' referenza għall-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet tal-vetturi heavy-duty. L-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip jeħtieġ li jiġi dduplikat kemm fuq id-diżil (B7) kif ukoll fuq il-bijodiżil pur (B100) sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tal-emissjonijiet. Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tal-ittestjar u sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni għall-użu tal-bijodiżil pur u tat-taħlitiet tal-bijodiżil (bħal FAME B20/B30), jeħtieġ li jiddaħħlu l-ispeċifikazzjonijiet għall-bijodiżil pur bħala fjuwil ta' referenza, abbażi ta' standards internazzjonali u Ewropej rilevanti. Jenħtieġ li l-konformità mar-rekwiżiti tal-ittestjar tal-emissjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip B100 tkun tista' tintwera bl-ittestjar tal-emissjonijiet tal-magna referenzjarja li taħdem bil-bijodiżil pur. Filwaqt li għall-ittestjar tal-konformità meħtieġ waqt is-servizz tista' tintgħażel kwalunkwe taħlita ta' bijofjuwils.

(4) Għall-approvazzjoni tal-vetturi b'magna approvata, huwa meħtieġ addendum għall-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II u IX tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1)

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

(1) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 582/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 1.1.2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk il-manifattur jippermetti li l-familja ta' magni taħdem bi fjuwils fis-suq li ma jikkonformawx la mad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), la mal-istandard tas-CEN EN 228:2012 fil-każ tal-petrol bla ċomb jew mal-istandard tas-CEN EN 590:2013 fil-każ tad-diżil, u lanqas mal-istandard tas-CEN EN 14214:2012 +A2:2019 fil-każ tal-FAME B100, bħal fjuwil paraffiniku (l-istandard tas-CEN EN 15940) jew oħrajn, il-manifattur għandu, flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1.1.1, jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin";

(*) Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).";

(b) wara l-punt 1.3 jiddaħħlu l-punti 1.4 u 1.4.1 li ġejjin:

"1.4. **Rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip B100**

1.4.1. L-approvazzjoni tat-tip ta' familja B100 b'magna referenzjarja ttestjata bil-FAME B100 għandha tiġi estiża għall-membri tal-familja u għat-taħlitiet tal-bijodiżil kollha b'kontenut tal-FAME li jiżboq dak tal-FAME B30 (l-istandard tas-CEN EN 16709), mingħajr ittestjar ulterjuri. L-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi estiża għal taħlitiet ta' bijodiżil b'kontenut tal-FAME aktar baxx, jekk ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati wkoll għal dawn it-taħlitiet, mingħajr ma jsiru aġġustamenti lill-vettura. F'każ bħal dan il-manifattur għandu jiddikjara liema huma t-taħlitiet tal-bijodiżil li l-familja ta' magni tista' taħdem bihom fil-punt 3.2.2.2.1 tad-Dokument ta' Informazzjoni kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Appendiċi 4. Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tiddetermina li l-applikazzjoni mressqa ma tkunx rappreżentattiva għalkollox, taħlitiet tal-bijodiżil għajr il-FAME B100 jistgħu jintgħażlu mill-awtorità tal-approvazzjoni u jiġu ttestjati.";

(c) jiddaħħal il-punt 3.2.1.7 li ġej:

"3.2.1.7. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip B100, il-marka tal-approvazzjoni għandha tinkludi "B100" wara s-simbolu nazzjonali.";

(d) Fl-Appendiċi 4 PARTI 1, il-punt 3.2.2.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.2.2. Vetturi heavy-duty Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/$LNG_{20}$/B100 ([1]) ([6])";

(e) Fl-Addendum tal-Appendiċi 5, il-punt 1.1.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1.5. Kategorija tal-magna: Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/$LNG_{20}$/B100 ([1])";

(f) Il-Punt 8 tal-Appendiċi 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Firma:

Mehmuż: Pakkett ta' informazzjoni.

Rapport tat-test.

Addendum"

(g) Jiżdied l-Addendum li ġej mal-Appendiċi 6:

"*Addendum*

**għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip KE Nru …**

1. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

1.1. Id-dettalji li għandhom jimtlew b'rabta mal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura b'magna approvata installata:

1.1.1. Id-ditta tal-magna (l-isem tal-impriża):

1.1.2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali (semmi kwalunkwe varjanti):

1.1.3. Il-kodiċi tal-manifattur kif immarkat fuq il-magna:

1.1.4. Il-kategorija tal-vettura (jekk applikabbli) ([b]):

1.1.5. Il-kategorija tal-magna: Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/$LNG_{20}$/B100 ([1]):

1.1.5.1. It-tip ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil: Tip 1 A/Tip 1B/Tip 2 A/Tip 2B/Tip 3B ([1])([d1]):

1.1.6. Isem u indirizz tal-manifattur:

1.1.7. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk ikun hemm):

1.2. Jekk il-magna li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1.1. ġietx approvata għat-tip bħala unità teknika separata:

1.2.1. In-numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-magna/tal-familja ta' magni ([1]):

1.2.2. In-numru tal-kalibrar tas-softwer tal-Unità ta' Kontroll tal-Magna (ECU):

1.3. Id-dettalji li għandhom jimtlew b'rabta mal-approvazzjoni tat-tip ta' magna/familja ta' magni ([1]) bħala unità teknika separata (kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati għall-installazzjoni tal-magna fuq vettura):

1.3.1. It-tnaqqis massimu u/jew minimu tal-pressjoni tad-dħul:

1.3.2. Il-kontropressjoni massima permissibbli:

1.3.3. Il-volum tas-sistema tal-egżost:

1.3.4. Ir-restrizzjonijiet tal-użu (jekk ikun hemm):

1.4. Il-livelli tal-emissjonijiet tal-magna/magna referenzjarja ([1])

Fattur ta' Deterjorament (DF): ikkalkulat/fiss ([1])

Speċifika l-valuri DF u l-emissjonijiet tat-testijiet WHSC (jekk applikabbli) u WHTC fit-tabella hawn taħt

1.4.1. It-Test WHSC

*Tabella 4*

**It-Test WHSC**

| It-Test WHSC (jekk applikabbli) ([10])([d5]) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DF | CO | THC | NMHC ([d4]) | $NO_X$ | Massa ta' PM | $NH_3$ | Numru PM |
| Mult/żid ([1]) | | | | | | | |
| Emissjonijiet | CO (mg/kWh) | THC (mg/kWh) | NMHC ([d4]) (mg/kWh) | $NO_x$ (mg/kWh) | Massa ta' PM (mg/kWh) | $NH_3$ ppm | Numru PM (#/kWh) |
| Riżultat tat-test | | | | | | | |
| Ikkalkulat bid-DF | | | | | | | |
| Emissjoni tal-massa $CO_2$: … g/kWh | | | | | | | |
| Konsum tal-fjuwil … g/kWh | | | | | | | |

1.4.2. It-Test WHTC

*Tabella 5*

**It-Test WHTC**

| It-Test WHTC (10)(d5) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DF | CO | THC | NMHC (d4) | $CH_4$ (d4) | $NO_x$ | Massa ta' PM | $NH_3$ | Numru PM |
| Mult/żid (1) | | | | | | | | |
| Emissjonijiet | CO (mg/kWh) | THC (mg/kWh) | NMHC (d4) (mg/kWh) | $CH_4$ (d4) (mg/kWh) | $NO_x$ (mg/kWh) | Massa ta' PM (mg/kWh) | $NH_3$ ppm | Numru PM (#/kWh) |
| Startjar kiesaħ | | | | | | | | |
| Startjar sħun mingħajr riġenerazzjoni | | | | | | | | |
| Startjar sħun bir-riġenerazzjoni (1) | | | | | | | | |
| $k_{r,u}$ (mult/żid) (1) | | | | | | | | |
| $k_{r,d}$ (mult/żid) (1) | | | | | | | | |
| Riżultat ponderat tat-test | | | | | | | | |
| Riżultat tat-test finali bid-DF | | | | | | | | |
| Emissjoni tal-massa $CO_2$: … g/kWh | | | | | | | | |
| Konsum tal-fjuwil: … g/kWh | | | | | | | | |

1.4.3. Test tal-magna fuq idle

*Tabella 6*

**Test tal-magna fuq idle**

| *Test* | *Valur tas-CO (% vol.)* | *Lambda (1)* | *Spid tal-magna (min$^{-1}$)* | *Temperatura taż-żejt tal-magna (°C)* |
|---|---|---|---|---|
| Test tal-magna fuq idle baxx | | N/A | | |
| Test tal-magna fuq idle għoli | | | | |

1.4.4. Test ta’ dimostrazzjoni tal-PEMS

*Tabella 6a*

**Test ta’ dimostrazzjoni tal-PEMS**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tip ta’ vettura (pereż. $M_3$, $N_3$ u applikazzjoni pereż. trakk riġidu jew artikolat, xarabank li jintuża fl-ibliet) | | | | | | |
| Deskrizzjoni tal-vettura (pereż. mudell tal-vettura, prototip) | | | | | | |
| Riżultati jekk il-vettura/il-magna għaddietx jew le ([7]) | CO | THC | NMHC | $CH_4$ | $NO_x$ | Numru PM |
| Fattur ta’ konformità tat-tieqa tax-xogħol ([11]) | | | | | | |
| Fattur ta’ konformità tat-tieqa tal-massa $CO_2$ ([11]) | | | | | | |
| Informazzjoni dwar il-vjaġġ | Urban | | Rurali | | Awtostrada | |
| Perjodi ta’ żmien tal-vjaġġ ikkaratterizzati minn operazzjoni urbana, rurali u fl-awtostrada kif deskritt fil-punt 4.5 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 | | | | | | |
| Perjodi ta’ żmien tal-vjaġġ ikkaratterizzati minn aċċellerazzjoni, deċellerazzjoni, veloċità stabbli u twaqqif kif deskritt fil-punt 4.5.5 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 | | | | | | |
| | Minimu | | | Massimu | | |
| Medja tal-potenza tat-tieqa tax-xogħol (%) | | | | | | |
| Durata tat-tieqa tal-massa $CO_2$ (s) | | | | | | |
| Tieqa tax-xogħol: perċentwal ta’ twieqi validi | | | | | | |
| Tieqa tal-massa $CO_2$: perċentwal ta’ twieqi validi | | | | | | |
| Proporzjon ta’ konsistenza fil-konsum tal-fjuwil | | | | | | |

1.5. Kejl tal-potenza

1.5.1. Potenza tal-magna mkejla fuq il-bank tat-test

*Tabella 7*

**Potenza tal-magna mkejla fuq il-bank tat-test**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spid tal-magna mkejjel (rpm) | | | | | | | |
| Fluss imkejjel ta’ fjuwil (g/siegħa) | | | | | | | |
| Torque mkejjel (Nm) | | | | | | | |
| Potenza mkejla (kW) | | | | | | | |
| Pressjoni barometrika (kPa) | | | | | | | |
| Pressjoni tal-fwar tal-ilma (kPa) | | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Temperatura tal-arja dieħla (K) | | | | | | | |
| Fattur ta’ korrezzjoni tal-potenza | | | | | | | |
| Potenza kkoreġuta (kW) | | | | | | | |
| Potenza awżiljarja (kW) (1) | | | | | | | |
| Potenza netta (kW) | | | | | | | |
| Torque nett (Nm) | | | | | | | |
| Konsum tal-fjuwil speċifiku kkoreġut (g/kWh) | | | | | | | |

1.5.2. *Data* addizzjonali, pereż. il-fattur ta’ korrezzjoni tal-potenza għal kull fjuwil iddikjarat (jekk applikabbli)”;

(h) Fl-Addendum tal-Appendiċi 7, il-punt 1.1.5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1.1.5. Kategorija tal-magna: Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/$LNG_{20}$/B100 [1]”;

(2) Fl-Anness II, il-punt 4.4.2 tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip B100, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu jitolbu li l-vettura li taħdem bil-bijodiżil tiġi ttestjata bi kwalunkwe kontenut tal-FAME.”;

(3) Fl-Anness IX, taħt l-intestatura “*Data* teknika dwar il-fjuwils għall-ittestjar ta’ magni bi tqabbid bil-kompressjoni u magni li jużaw żewġ tipi ta’ fjuwils”, it-tabella li ġejja tiddaħħal wara t-tabella “Tip: Diżil (B7)”:

“**Tip: Bijodiżil pur (B100)** għal magni bi tqabbid bil-kompressjoni

| Parametru | Unità | Limiti | | Metodu ta’ ttestjar |
|---|---|---|---|---|
| | | Minimu | Massimu | |
| Kontenut tal-FAME | % (m/m) | 96,5 | – | EN 14103 |
| Densità f’temperatura ta’ 15 °C | $kg/m_3$ | 860 | 900 | EN ISO 3675<br>EN ISO 12185 |
| Viskożità f’temperatura ta’ 40 °C [1] | $mm^2/s$ | 3,50 | 5,00 | EN ISO 3104<br>EN 16896 |
| Punt ta’ fjammabilità | °C | 101 | – | EN ISO 2719<br>EN ISO 3679 [2] |
| Numru taċ-ċetan [3] | – | 51,0 | – | EN ISO 5165<br>EN 15195<br>EN 16715<br>EN 17155 |
| Korrużjoni tal-istrixxa tar-ram (3 sigħat f’temperatura ta’ 50 °C) | Klassifikazzjoni | klassi 1 | | EN ISO 2160 |
| Stabbilità tal-ossidazzjoni (f’temperatura ta’ 110 °C) | h | 8,0 | – | EN 14112<br>EN 15751 |
| Valur tal-aċidu | mg ta’ KOH/g | – | 0,50 | EN 14104 |
| Valur tal-jodju | g ta’ jodju/100 g | – | 120 | EN 14111<br>EN 16300 |
| Esteru metiliku tal-aċidu linoleniku | % (m/m) | – | 12,0 | EN 14103 |
| Esteri metiliċi poliinsaturati (≥ 4 bonds doppji) | % (m/m) | – | 1,00 | EN 15779 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kontenut ta’ metanol | % (m/m) | – | 0,20 | EN 14110 |
| Kontenut ta’ monogliċeridi | % (m/m) | – | 0,70 | EN 14105 |
| Kontenut ta’ digliċeridi | % (m/m) | – | 0,20 | EN 14105 |
| Kontenut ta’ trigliċeridi | % (m/m) | – | 0,20 | EN 14105 |
| Gliċerol ħieles | % (m/m) | – | 0,02 | EN 14105<br>EN 14106 |
| Gliċerol totali | % (m/m) | – | 0,25 | EN 14105 |
| Kontenut ta’ ilma | % (m/m) | – | 0,050 | EN ISO 12937 |
| Kontaminazzjoni totali | mg/kg | – | 24 | EN 12662 |
| Kontenut ta’ rmied issulfat | % (m/m) | – | 0,02 | ISO 3987 |
| Kontenut ta’ kubrit | mg/kg | – | 10,0 | EN ISO 20846<br>EN ISO 20884<br>EN ISO 13032 |
| Metalli tal-Grupp I (Na+K) | mg/kg | – | 5,0 | EN 14108<br>EN 14109<br>EN 14538 |
| Metalli tal-Grupp II (Ca+Mg) | mg/kg | – | 5,0 | EN 14538 |
| Kontenut ta’ fosforu | mg/kg | – | 4,0 | EN 14107<br>EN 16294 |

(1) Jekk is-CFPP ikun – 20 °C jew inqas, il-viskożità għandha titkejjel f’−20 °C. Il-valur imkejjel ma għandux jaqbeż it-48 $mm^2/s$. F’dan il-każ, il-metodi ta’ ttestjar standard huma applikabbli mingħajr id-*data* ta’ preċiżjoni, minħabba l-imġiba mhux Newtonjana f’sistema b’żewġ fażijiet.

(2) Għandhom jintużaw kampjun ta’ 2 ml u apparat mgħammar b’apparat ta’ detezzjoni termali.

(3) Id-determinazzjoni tan-numru taċ-ċetan derivat għall-FAME mhijiex inkluża fid-determinazzjonijiet ta’ preċiżjoni ta’ xi metodi ta’ ttestjar.”

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2384

### tal-25 ta' Novembru 2022

### dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-modifika tal-Iskeda tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Fil-11-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), grupp ta' 59 Membru tad-WTO, inkluża l-Unjoni, ħareġ Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi fejn nedew inizjattiva plurilaterali biex jinnegozjaw dixxiplini dwar ir-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi.

(2) Il-Kummissjoni mexxiet negozjatii b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 207(3) tat-Trattat. L-għadd ta' parteċipanti f'din l-Inizjattiva ta' Dikjarazzjoni Konġunta plurilaterali żdied għal 67 Membru tad-WTO matul iż-żmien.

(3) Fit-2 ta' Diċembru 2021, il-parteċipanti f'dawk in-negozjati ħarġu Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni tan-Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi (id-Dikjarazzjoni), li ħabbret il-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati. Il-parteċipanti nnutaw il-konklużjoni tan-negozjati dwar id-Dokument ta' Referenza dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi, li hija stabbilita fl-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni. Huma kienu sodisfatti wkoll bl-Iskedi tal-GATS ta' Impenji Speċifiċi li ġew ippreżentati mill-Membri tad-WTO bħala l-kontributi tagħhom biex jiġu ffinalizzati n-negozjati u li kienu mehmużin mad-Dikjarazzjoni bħala Anness 2.

(4) Il-parteċipanti tad-Dikjarazzjoni għandhom l-intenzjoni li jinkorporaw id-dixxiplini speċifikati fl-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni bħala impenji addizzjonali fl-Iskedi GATS ta' Impenji Speċifiċi, skont it-Taqsima 1 ta' dak l-Anness. Skont il-paragrafu 5 tad-Dikjarazzjoni, il-parteċipanti għandhom l-għan li jissottomettu l-Iskedi tal-GATS tal-Impenji Speċifiċi tagħhom għaċ-ċertifikazzjoni, skont il-Proċeduri għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Rettifiki jew Titjib fl-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi, fi żmien tnax-il xahar mid-data tad-Dikjarazzjoni, soġġett għat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura domestika meħtieġa.

(5) F'konformità mad-Dikjarazzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tippreżenta lid-WTO l-modifiki meħtieġa fl-Iskeda tal-GATS tagħha ta' Impenji Speċifiċi, kif stabbilit fl-Iskeda ta' Qabel il-Finalizzazzjoni tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi.

(6) L-inkorporazzjoni tad-dixxiplini speċifikati fl-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni bħala impenji addizzjonali fl-Iskeda tal-GATS tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi jenħtieġ li għalhekk jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

([1]) Approvazzjoni tal-10 ta' Novembru 2022 (għada mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inkorporazzjoni tad-dixxiplini speċifikati fl-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni tan-Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi fl-Iskeda tal-GATS tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tad-Dikjarazzjoni u l-Iskeda ta' Qabel il-Finalizzazzjoni tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tippreżenta lid-WTO il-modifiki meħtieġa fl-Iskeda tal-GATS tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi, kif stabbilit fl-Iskeda ta' Qabel il-Finalizzazzjoni tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. SÍKELA

**WT/L/1129 tat-2 ta’ Diċembru 2021**

**DIKJARAZZJONI DWAR IL-KONKLUŻJONI TAN-NEGOZJATI DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA TAS-SERVIZZI**

Din id-Dikjarazzjoni qed tinħareġ fuq talba tal-Albanija; L-Arġentina; L-Awstralja; Il-Bahrain, ir-Renju ta’; Il-Brażil; Il-Kanada; Iċ-Ċilì; Iċ-Ċina; Il-Kolombja; Il-Costa Rica; El Salvador; L-Unjoni Ewropea; Hong Kong, iċ-Ċina; L-Iżlanda; Iżrael; Il-Ġappun; Il-Każakistan; Ir-Repubblika tal-Korea; Il-Liechtenstein; Mauritius; Il-Messiku; Ir-Repubblika tal-Moldova; Il-Montenegro; New Zealand; In-Niġerja; Il-Maċedonja ta’ Fuq; In-Norveġja; Il-Paragwaj; Il-Perù; Il-Filippini; Il-Federazzjoni Russa; L-Arabja Sawdija, ir-Renju ta’; Singapore; L-Iżvizzera; It-territorju Doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu; It-Tajlandja; It-Turkija; L-Ukrajna; Ir-Renju Unit; L-Istati Uniti; L-Urugwaj.

1. Il-membri li ġejjin tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (”WTO”)

   L-Albanija

   L-Arġentina

   L-Awstralja

   Il-Bahrain, ir-Renju ta’

   Il-Brażil

   Il-Kanada

   Iċ-Ċilì

   Iċ-Ċina

   Il-Kolombja

   Il-Costa Rica

   L-El Salvador

   L-Unjoni Ewropea

   Hong Kong, iċ-Ċina

   L-Iżlanda

   Iżrael

   Il-Ġappun

   Il-Każakistan

   Ir-Repubblika tal-Korea

   Il-Liechtenstein

   Il-Mauritius

   Il-Messiku

   Ir-Repubblika tal-Moldova

   Il-Montenegro

   In-New Zealand

   In-Niġerja

   Il-Maċedonja ta’ Fuq

   In-Norveġja

   Il-Paragwaj

   Il-Perù

   Il-Filippini

   Il-Federazzjoni Russa

   L-Arabja Sawdija, ir-Renju ta’

   Singapore

   L-Iżvizzera

   It-territorju Doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu

It-Tajlandja

It-Turkija

L-Ukrajna

Ir-Renju Unit

L-Istati Uniti

L-Urugwaj

minn hawn 'il quddiem "il-Parteċipanti",

b'kontinwazzjoni tal-impenn imħabbar fit-13 ta' Diċembru 2017 fis-11 Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WT/MIN (17)/61), u affermat mill-ġdid fit-23 ta' Mejju 2019 (WT/L/1059), u b'rikonoxximent kontinwu tal-importanza ta' prattika regolatorja tajba fl-iffaċilitar tal-kummerċ fis-servizzi,

b'dan iħabbar il-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati fl-Inizjattiva Konġunta dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi.

2. Il-parteċipanti jinnotaw il-konklużjoni tan-negozjati dwar id-Dokument ta' Referenza dwar ir-Regolament Domestiku tas-Servizzi (INF/SDR/2, tat-26 ta' Novembru 2021, Anness 1).

3. Il-Parteċipanti huma sodisfatti bl-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi (INF/SDR/3/Rev.1, tat-2 ta' Diċembru 2021, Anness 2) li ġew ippreżentati bħala l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex jiġu ffinalizzati n-negozjati.

4. Il-Parteċipanti fi ħsiebhom jinkorporaw id-dixxiplini fid-Dokument ta' Referenza bħala impenji addizzjonali fl-Iskedi tal-GATS tagħhom, skont it-Taqsima I tad-Dokument ta' Referenza.

5. Soġġett għat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura domestika meħtieġa, il-Parteċipanti għandhom l-għan li jissottomettu l-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi tagħhom għaċ-ċertifikazzjoni, skont il-Proċeduri għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Rettifiki jew Titjib fl-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi (S/L/84, tat-14 ta' April 2000), fi żmien tnax-il xahar mid-data ta' din id-Dikjarazzjoni.

6. Fi żmien sitt xhur mid-data ta' din id-Dikjarazzjoni, il-Parteċipanti beħsiebhom jiltaqgħu biex jipprovdu aġġornament dwar il-progress tagħhom fit-tlestija ta' kwalunkwe proċedura domestika meħtieġa u jivvalutaw jekk l-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi tagħhom jistgħux jiġu ppreżentati għaċ-ċertifikazzjoni qabel il-perjodu ta' żmien speċifikat fil-paragrafu 5.

7. Il-parteċipanti jilqgħu kwalunkwe Membru ieħor tad-WTO biex jingħaqad ma' din id-Dikjarazzjoni bil-ħsieb li jinkorpora d-dixxiplini fid-Dokument ta' Referenza bħala impenji addizzjonali fl-Iskeda tal-GATS tiegħu, skont it-Taqsima I tad-Dokument ta' Referenza.

*ANNESS 1*

**INF/SDR/2 tas-26 ta' Novembru 2021**

**INIZJATTIVA KONĠUNTA DWAR IR-REGOLAMENT DOMESTIKU TAS-SERVIZZI**

**DOKUMENT TA' REFERENZA DWAR IR-REGOLAMENT DOMESTIKU TAS-SERVIZZI**

TAQSIMA I

1. Il-membri qablu dwar id-dixxiplini dwar ir-Regolament Domestiku tas-Servizzi f'dan id-Dokument ta' Referenza ("dixxiplini") bil-għan li jelaboraw fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi ("il-Ftehim"), skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu VI tal-Ftehim ([1]).

2. Il-membri jirrikonoxxu d-diffikultajiet li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom il-fornituri tas-servizzi, b'mod partikolari dawk tal-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw, biex jikkonformaw mal-miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, u l-istandards tekniċi ta' Membri oħra u b'mod partikolari, id-diffikultajiet speċifiċi li jistgħu jiffaċċjaw il-fornituri tas-servizzi mill-pajjiżi Membri l-inqas żviluppati.

3. Il-membri jirrikonoxxu d-dritt li jirregolaw, u jintroduċu regolamenti ġodda, dwar il-forniment ta' servizzi fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu l-objettivi ta' politika tagħhom.

4. Il-membri jirrikonoxxu wkoll l-eżistenza ta' asimmetriji fir-rigward tal-grad ta' żvilupp tar-regolamenti tas-servizzi f'pajjiżi differenti, speċjalment fil-każ tal-Membri mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u dawk l-anqas żviluppati.

5. Id-dixxiplini m'għandhomx jiġu interpretati li jippreskrivu jew jimponu xi dispożizzjonijiet regolatorji partikolari rigward l-implimentazzjoni tagħhom.

6. Id-dixxiplini ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jnaqqsu xi obbligi tal-Membri skont il-Ftehim.

## Kopertura Settorjali u Modalitajiet ta' Skedar

7. Il-membri għandhom jinkitbu d-dixxiplini fit-Taqsima II fl-Iskedi tagħhom bħala impenji addizzjonali skont l-Artikolu XVIII tal-Ftehim. Il-membri jistgħu jagħżlu li jinkitbu d-dixxiplini alternattivi fit-Taqsima III għall-impenji tagħhom fis-servizzi finanzjarji.

8. Id-dixxiplini skritti skont il-paragrafu 7 ta' din it-Taqsima japplikaw fejn jittieħdu impenji speċifiċi. Barra minn hekk, il-Membri huma mħeġġa jdaħħlu fl-Iskedi tagħhom setturi addizzjonali li għalihom japplikaw id-dixxiplini.

9. Il-membri jistgħu jeskludu d-dixxiplina stabbilita fil-paragrafu 22 (d) tat-Taqsima II u l-paragrafu 19 (d) tat-Taqsima III mill-impenji addizzjonali skedati skont il-paragrafu 7 ta' din it-Taqsima.

## Żvilupp

*Perjodi Tranżitorji għal Pajjiżi Membri li qed Jiżviluppaw*

10. Membru mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jista' jinnomina dixxiplini speċifiċi għall-implimentazzjoni f'data wara perjodu tranżitorju ta' mhux aktar minn 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dixxiplini. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ħatra jista' jkun limitat għal setturi jew subsetturi tas-servizzi individwali. Il-perjodi tranżitorji għandhom jitniżżlu fl-Iskedi rispettivi tal-impenji speċifiċi. Membru minn pajjiż li qed jiżviluppa li jeħtieġ perjodu tranżitorju estiż għall-implimentazzjoni għandu jressaq talba skont il-proċeduri rilevanti ([2]). Il-Membri għandhom jikkunsidraw b'mod adegwat li jikkonċedu tali talbiet, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Membru li jkun qed jippreżenta t-talba.

([1]) Il-membri jirrikonoxxu li jistgħu jiġu żviluppati aktar dixxiplini skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu VI tal-Ftehim.
([2]) Il-proċeduri rilevanti jinkludu talbiet għal Eżenzjoni skont il-paragrafu 3 (b) tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakexx, jew invokazzjoni tal-Artikolu XXI tal-GATS.

*Parteċipazzjoni ta' Pajjiżi Membri l-Inqas Żviluppati*

11. Membri mill-pajjiżi l-anqas żviluppati għandhom jinkitbu d-dixxiplini skont il-paragrafu 7 ta' din it-Taqsima fl-Iskedi ta' impenji speċifiċi tagħhom, mhux aktar tard minn 6-il xahar qabel il-gradwazzjoni tagħhom mill-istatus ta' pajjiż l-anqas żviluppat. Il-membri mill-pajjiżi l-anqas żviluppati jistgħu, f'dak iż-żmien, jagħżlu perjodi ta' tranżizzjoni skont il-paragrafu 10 ta' din it-Taqsima. Madankollu, il-Membri mill-pajjiżi l-anqas żviluppati huma mħeġġa japplikaw dawn id-dixxiplini qabel il-gradwazzjoni tagħhom, sa fejn ikun konsistenti mal-kapaċità ta' implimentazzjoni individwali tagħhom.

*Assistenza Teknika u Bini tal-Kapaċitajiet*

12. Pajjiżi Membri żviluppati u li qed jiżviluppaw, f'pożizzjoni li jagħmlu dan, huma mħeġġa jipprovdu assistenza teknika speċifika u bini ta' kapaċità lill-Membri li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari lill-pajjiżi l-anqas żviluppati, fuq talba tagħhom u fuq termini u kundizzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku, immirati, *inter alia*, lejn:

   (a) l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u regolatorji biex jirregolaw il-provvista ta' servizzi u biex jimplimentaw dawn id-dixxiplini, speċjalment dispożizzjonijiet u setturi li għalihom japplikaw perjodi tranżitorji;

   (b) l-assistenza lill-fornituri ta' servizzi ta' pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri rilevanti fis-swieq tal-esportazzjoni;

   (c) l-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' standards tekniċi u l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-Membri mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari dawk l-inqas żviluppati li jiffaċċjaw restrizzjonijiet ta' riżorsi fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti; kif ukoll

   (d) l-assistenza, permezz ta' korpi pubbliċi jew privati u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, ta' fornituri ta' servizzi ta' pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati fil-bini tal-kapaċità tal-provvista tagħhom u fil-konformità mar-regolamentazzjoni domestika.

TAQSIMA II – DIXXIPLINI DWAR IR-REGOLAMENT DOMESTIKU TAS-SERVIZZI

**Kamp ta' applikazzjoni tad-Dixxiplini**

1. Dawn id-dixxiplini japplikaw għal miżuri mill-Membri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, u l-istandards tekniċi li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi.

2. Dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal kwalunkwe termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet, jew kwalifiki stabbiliti fl-Iskeda ta' Membru skont l-Artikoli XVI jew XVII tal-Ftehim.

3. Għall-fini ta' dawn id-dixxiplini, "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess għall-forniment ta' servizz, li jirriżulta minn proċedura li l-applikant irid jaderixxi magħha sabiex juri konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar, ir-rekwiżiti ta' kwalifika, jew l-istandards tekniċi.

**Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet**

4. Kull Membru għandu, sa fejn ikun prattikabbli, jevita li applikant ikun meħtieġ li jikkuntattja aktar minn awtorità kompetenti waħda għal kull applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. Jekk servizz ikun fil-ġuriżdizzjoni ta' diversi awtoritajiet kompetenti, jistgħu jkunu meħtieġa applikazzjonijiet multipli għall-awtorizzazzjoni.

**Perjodi ta' żmien għall-Applikazzjoni**

5. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu sa fejn ikun prattikabbli jippermettu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi kwalunkwe ħin matul is-sena ([3]). Jekk jeżisti perjodu ta' żmien speċifiku għall-applikazzjoni, il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu perjodu raġonevoli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni.

**Applikazzjonijiet Elettroniċi u Aċċettazzjoni tal-Kopji**

6. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu:

(a) filwaqt li jqisu l-prijoritajiet li jikkompetu magħhom u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi, jagħmlu ħilithom biex jaċċettaw applikazzjonijiet f'format elettroniku; kif ukoll

(b) jaċċettaw kopji ta' dokumenti, li huma awtentikati skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, minflok id-dokumenti oriġinali, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jirrikjedux dokumenti oriġinali biex jipproteġu l-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

**Ipproċessar ta' Applikazzjonijiet**

7. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu:

(a) sa fejn ikun prattikabbli, jipprovdu perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(b) fuq it-talba tal-applikant, jipprovdu mingħajr dewmien żejjed informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni;

(c) sa fejn ikun prattikabbli, jaċċertaw mingħajr dewmien żejjed il-kompletezza ta' applikazzjoni għall-proċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru;

(d) jekk jikkunsidraw applikazzjoni bħala kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, ([4]) f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jiżguraw li:

(i) l-ipproċessar tal-applikazzjoni ikun komplut; kif ukoll

(ii) l-applikant jiġi informat bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, ([5]) sa fejn ikun possibbli, bil-miktub; ([6])

(e) jekk jikkunsidraw applikazzjoni mhux kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun prattikabbli:

(i) jinformaw lill-applikant li l-applikazzjoni mhix kompluta;

(ii) fuq it-talba tal-applikant jidentifikaw l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex l-applikazzjoni titqies kompluta jew inkella jipprovdu gwida dwar għaliex l-applikazzjoni tkun meqjusa bħala inkompluta; kif ukoll

(iii) jipprovdu lill-applikant l-opportunità ([7]) li jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex tiġi kkompletata l-applikazzjoni;

madankollu, jekk l-ebda wieħed minn dawn ta' hawn fuq ma jkun prattikabbli, u l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba nuqqas ta' kompletezza, għandu jiġi żgurat li jinfurmaw lill-applikant b'dan f'perjodu ta' żmien raġonevoli; kif ukoll

([3]) L-awtoritajiet kompetenti mhumiex meħtieġa jibdew jikkunsidraw l-applikazzjonijiet barra mill-ħinijiet tax-xogħol u l-jiem tax-xogħol uffiċjali tagħhom.

([4]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-informazzjoni kollha tiġi sottomessa f'format speċifikat biex jikkunsidrawha "kompluta għall-ipproċessar".

([5]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit billi jinfurmaw lill-applikant minn qabel bil-miktub, inkluż permezz ta' miżura ppubblikata, li n-nuqqas ta' tweġiba wara perjodu ta' żmien speċifikat mid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jindika l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

([6]) "Bil-miktub" tista' tinkludi fforma elettronika.

([7]) Tali opportunità ma tirrikjedix li awtorità kompetenti tipprovdi estensjonijiet tal-iskadenzi.

(f) jekk applikazzjoni tiġi miċħuda, sa fejn ikun possibbli, jew fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-applikant, jinformaw lill-applikant bir-raġunijiet għaċ-ċaħda u, jekk applikabbli, il-proċeduri għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni; applikant ma għandux jinżamm milli jissottometti applikazzjoni ([8]) oħra biss għaliex qabel tkun ġiet irrifjutata applikazzjoni.

8. L-awtoritajiet kompetenti ta' Membru għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed, soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli ([9]).

**Tariffi**

9. Kull Membru għandu jiżgura li t-tariffi ta' awtorizzazzjoni ([10]) imposti mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu raġonevoli, trasparenti, ibbażati fuq l-awtorità stabbilita f'miżura, u fihom infushom ma jirrestrinġux il-forniment tas-servizz rilevanti.

**Valutazzjoni tal-Kwalifiki**

10. Jekk Membru jeħtieġ eżami għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, dak il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jiskedaw dan l-eżami f'intervalli raġonevolment frekwenti u jipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli biex l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu li jagħmlu l-eżami. B'kont meħud tal-ispejjeż, il-piż amministrattiv, u l-integrità tal-proċeduri involuti, il-Membri huma mħeġġa jaċċettaw talbiet f'format elettroniku biex jagħmlu tali eżamijiet, u jikkunsidraw, sa fejn ikun prattikabbli, l-użu ta' mezzi elettroniċi f'aspetti oħra tal-proċessi ta' eżami.

**Rikonoxximent**

11. Meta l-korpi professjonali tal-Membri jkunu interessati reċiprokament fl-istabbiliment ta' djalogi dwar kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, il-liċenzjar jew ir-reġistrazzjoni, il-Membri rilevanti għandhom jikkunsidraw li jappoġġaw id-djalogu ta' dawk il-korpi fejn mitlub u xieraq.

**Indipendenza**

12. Jekk Membru jadotta jew iżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jilħqu u jamministraw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizz li għalih tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ([11]).

**Pubblikazzjoni u Informazzjoni disponibbli**

13. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, skont l-Artikolu III tal-Ftehim, il-Membru għandu jippubblika minnufih, ([12]) jew inkella jagħmel pubblikament disponibbli bil-miktub, l-informazzjoni meħtieġa għall-fornituri tas-servizzi jew il-persuni li jkunu qed ifittxu li jipprovdu servizz biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni. Tali informazzjoni għandha tinkludi, *inter alia*, fejn teżisti:

(a) ir-rekwiżiti u l-proċeduri;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) tariffi;

([8]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-kontenut ta' tali applikazzjoni jkun ġie rivedut.

([9]) L-awtoritajiet kompetenti mhumiex responsabbli għal dewmien minħabba raġunijiet barra mill-kompetenza tagħhom.

([10]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerta jew mezzi nondiskriminatorji oħra għall-għoti ta' konċessjonijiet jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-provvista ta' servizzi universali.

([11]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni ma tobbligax struttura amministrattiva partikolari; dan jirreferi għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-amministrazzjoni tad-deċiżjonijiet.

([12]) Għall-finijiet ta' dawn id-dixxiplini, "tippubblika" tfisser li tinkludi f'pubblikazzjoni uffiċjali, bħal ġurnal uffiċjali, jew fuq sit web uffiċjali. Il-membri huma mħeġġa jikkonsolidaw il-pubblikazzjonijiet elettroniċi f'portal uniku·

(d) l-istandards tekniċi;

(e) proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

(f) proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-infurzar tal-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji jew tal-kwalifiki;

(g) opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti jew kummenti; kif ukoll

(h) perjodi ta' żmien indikattivi għall-ipproċessar ta' applikazzjoni.

**Opportunità biex isiru Kummenti u Informazzjoni qabel id-Dħul fis-Seħħ**

14. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru ([13]) għandu jippubblika minn qabel:

(a) il-liġijiet u r-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali tagħha li tipproponi li tadotta fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima; jew

(b) dokumenti li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar tali liġi jew regolament ġdid possibbli biex persuni interessati u Membri oħra jkunu jistgħu jivvalutaw jekk u kif l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti.

15. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru huwa mħeġġeġ japplika l-paragrafu 14 ta' din it-Taqsima għal proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jipproponi li jadotta fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima.

16. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru għandu jipprovdi lill-persuni interessati u lill-Membri l-oħra opportunità raġonevoli biex jikkummentaw dwar tali miżuri jew dokumenti proposti ppubblikati skont il-paragrafi 14 jew 15 ta' din it-Taqsima.

17. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru għandu jikkunsidra l-kummenti li jkun irċieva skont il-paragrafu 16 ta' din it-Taqsima ([14]).

18. Fil-pubblikazzjoni ta' liġi jew regolament imsemmi fil-paragrafu 14 (a) ta' din it-Taqsima, jew qabel tali pubblikazzjoni, sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, Membru huwa mħeġġeġ jispjega l-għan u r-raġunament tal-liġi jew ir-regolament.

19. Kull Membru għandu, sa fejn ikun prattikabbli, jagħmel ħiltu biex jippermetti żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni tat-test ta' liġi jew regolament imsemmi fil-paragrafu 14 (a) ta' din it-Taqsima u d-data li fiha l-fornituri tas-servizzi għandhom jikkonformaw mal-liġi jew ir-regolament.

**Punti ta' Informazzjoni**

20. Kull Membru għandu jżomm jew jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex iwieġeb għal mistoqsijiet minn fornituri ta' servizzi jew persuni li jfittxu li jipprovdu servizz rigward il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima ([15]). Membru jista' jagħżel li jindirizza tali mistoqsijiet jew permezz tal-punti ta' inkjesta u ta' kuntatt stabbiliti skont l-Artikoli III u IV tal-Ftehim jew permezz ta' kwalunkwe mekkaniżmu ieħor kif xieraq.

---

([13]) Il-paragrafi 14 sa 17 ta' din it-Taqsima jirrikonoxxu li l-Membri għandhom sistemi differenti biex jikkonsultaw persuni interessati u Membri oħra dwar ċerti miżuri qabel l-adozzjoni tagħhom, u li l-alternattivi stabbiliti fil-paragrafu 14 ta' din it-Taqsima jirriflettu sistemi legali differenti·

([14]) Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali ta' Membru li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz.

([15]) Huwa mifhum li l-limitazzjonijiet tar-riżorsi jistgħu jkunu fattur fid-determinazzjoni ta' jekk mekkaniżmu biex jitwieġbu l-mistoqsijiet huwiex xieraq.

**Standards tekniċi**

21. Kull Membru għandu jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, meta jadottaw standards tekniċi, biex jadottaw standards tekniċi żviluppati permezz ta' proċessi miftuħa u trasparenti, u għandu jinkoraġġixxi lil kwalunkwe korp, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, ([16]) maħtur biex jiżviluppa standards tekniċi biex juża proċessi miftuħa u trasparenti.

**Żvilupp ta' Miżuri**

22. Jekk Membru jadotta jew iżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, il-Membru għandu jiżgura li:

    (a) tali miżuri huma bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti; ([17])

    (b) il-proċeduri huma imparzjali, u li l-proċeduri huma adegwati għall-applikanti biex juru jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti, jekk jeżistu tali rekwiżiti;

    (c) il-proċeduri fihom infushom ma jwaqqfux b'mod mhux ġustifikat l-issodisfar tar-rekwiżiti; kif ukoll

    (d) tali miżuri ma jiddiskriminawx bejn l-irġiel u n-nisa ([18]).

TAQSIMA III - DIXXIPLINI ALTERNATTIVI DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA TAS-SERVIZZI GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI

**Ambitu**

1. Dawn id-dixxiplini japplikaw għal miżuri mill-Membri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzji, u r-rekwiżiti tal-kwalifiki u l-proċeduri li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi finanzjarji, kif definit fl-Anness tal-GATS dwar is-Servizzi Finanzjarji.

2. Dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal kwalunkwe termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet, jew kwalifiki stabbiliti fl-Iskeda ta' Membru skont l-Artikoli XVI jew XVII tal-Ftehim.

3. Għall-fini ta' dawn id-dixxiplini, "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess għall-forniment ta' servizz, li jirriżulta minn proċedura li l-applikant irid jaderixxi magħha sabiex juri konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar, jew ir-rekwiżiti ta' kwalifika.

**Perjodi ta' żmien għall-Applikazzjoni**

4. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu sa fejn ikun prattikabbli jippermettu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi kwalunkwe ħin matul is-sena ([19]). Jekk jeżisti perjodu ta' żmien speċifiku għall-applikazzjoni, il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu perjodu raġonevoli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni.

**Applikazzjonijiet Elettroniċi u Aċċettazzjoni tal-Kopji**

5. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu:

    (a) filwaqt li jqisu l-prijoritajiet li jikkompetu magħhom u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi, jagħmlu ħilithom biex jaċċettaw applikazzjonijiet f'format elettroniku; kif ukoll

([16]) It-terminu "organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti" jirreferi għal korpi internazzjonali li s-sħubija tagħhom hija miftuħa għall-korpi rilevanti ta' mill-inqas il-Membri kollha tad-WTO.

([17]) Tali kriterji jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenza u l-kapaċità li jiġi pprovdut servizz, inkluż li dan isir b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji ta' Membru, bħal rekwiżiti tas-saħħa u ambjentali. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-piż li għandu jingħata lil kull kriterju.

([18]) Trattament differenzjali li huwa raġonevoli u oġġettiv, u li għandu l-għan li jikseb skop leġittimu, u l-adozzjoni mill-Membri ta' miżuri speċjali temporanji mmirati biex jaċċelleraw l-ugwaljanza de facto bejn l-irġiel u n-nisa, m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni·

([19]) L-awtoritajiet kompetenti mhumiex meħtieġa jibdew jikkunsidraw l-applikazzjonijiet barra mill-ħinijiet tax-xogħol u l-jiem tax-xogħol uffiċjali tagħhom.

(b) jaċċettaw kopji ta' dokumenti, li huma awtentikati skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, minflok id-dokumenti oriġinali, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jirrikjedux dokumenti oriġinali biex jipproteġu l-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

**Ipproċessar ta' Applikazzjonijiet**

6. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, huwa għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu:

(a) sa fejn ikun prattikabbli, jipprovdu perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(b) fuq it-talba tal-applikant, jipprovdu mingħajr dewmien żejjed informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni;

(c) sa fejn ikun prattikabbli, jaċċertaw mingħajr dewmien żejjed il-kompletezza ta' applikazzjoni għall-proċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru;

(d) jekk jikkunsidraw applikazzjoni bħala kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, [20] f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jiżguraw li:

(i) l-ipproċessar tal-applikazzjoni ikun komplut; kif ukoll

(ii) l-applikant jiġi informat bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, [21] sa fejn ikun possibbli, bil-miktub; [22]

(e) jekk jikkunsidraw applikazzjoni mhux kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Membru, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun prattikabbli:

(i) jinformaw lill-applikant li l-applikazzjoni mhix kompluta;

(ii) fuq it-talba tal-applikant jidentifikaw l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex l-applikazzjoni titqies kompluta jew inkella jipprovdu gwida dwar għaliex l-applikazzjoni tkun meqjusa bħala inkompluta; kif ukoll

(iii) jipprovdu lill-applikant l-opportunità [23] li jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex tiġi kkompletata l-applikazzjoni;

madankollu, jekk l-ebda wieħed minn dawn ta' hawn fuq ma jkun prattikabbli, u l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba nuqqas ta' kompletezza, għandu jiġi żgurat li jinfurmaw lill-applikant b'dan f'perjodu ta' żmien raġonevoli; kif ukoll

(f) jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata, sa fejn ikun prattikabbli, jew fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-applikant, jinformaw lill-applikant bir-raġunijiet għar-rifjut u, jekk applikabbli, bil-proċeduri għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni; applikant ma għandux jiġi prekluż milli jippreżenta applikazzjoni oħra [24] fuq il-bażi biss li applikazzjoni kienet ġiet miċħuda qabel.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' Membru għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed, soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli [25].

[20] L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-informazzjoni kollha tiġi sottomessa f'format speċifikat biex jikkunsidrawha "kompluta għall-ipproċessar".
[21] L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit billi jinfurmaw lill-applikant minn qabel bil-miktub, inkluż permezz ta' miżura ppubblikata, li n-nuqqas ta' tweġiba wara perjodu ta' żmien speċifikat mid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jindika l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni.
[22] "Bil-miktub" tista' tinkludi f'forma elettronika.
[23] Tali opportunità ma tirrikjedix li awtorità kompetenti tipprovdi estensjonijiet tal-iskadenzi·
[24] L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-kontenut ta' tali applikazzjoni jkun ġie rivedut.
[25] L-awtoritajiet kompetenti mhumiex responsabbli għal dewmien minħabba raġunijiet barra mill-kompetenza tagħhom.

**Tariffi**

8. Kull Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, fir-rigward tat-tariffi ta' awtorizzazzjoni ([26]) li jitolbu, jipprovdu lill-applikanti bi skeda ta' tariffi jew informazzjoni dwar kif jiġu ddeterminati l-ammonti tat-tariffi.

**Valutazzjoni tal-Kwalifiki**

9. Jekk Membru jeħtieġ eżami għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, dak il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jiskedaw dan l-eżami f'intervalli raġonevolment frekwenti u jipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli biex l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu li jagħmlu l-eżami. B'kont meħud tal-ispejjeż, il-piż amministrattiv, u l-integrità tal-proċeduri involuti, il-Membri huma mħeġġa jaċċettaw talbiet f'format elettroniku biex jagħmlu tali eżamijiet, u jikkunsidraw, sa fejn ikun prattikabbli, l-użu ta' mezzi elettroniċi f'aspetti oħra tal-proċessi ta' eżami.

**Indipendenza**

10. Jekk Membru jadotta jew iżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, il-Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jilħqu u jamministraw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizz li għalih tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ([27]).

**Pubblikazzjoni u Informazzjoni disponibbli**

11. Jekk Membru jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, skont l-Artikolu III tal-Ftehim u l-paragrafi 6 u 8 ta' din it-Taqsima, il-Membru għandu jippubblika minnufih, ([28]) jew inkella jagħmel pubblikament disponibbli bil-miktub l-informazzjoni meħtieġa għall-fornituri tas-servizzi jew il-persuni li jkunu qed ifittxu li jipprovdu servizz biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni. Tali informazzjoni għandha tinkludi, *inter alia*, fejn teżisti:

(a) ir-rekwiżiti u l-proċeduri;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

(d) proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-infurzar tal-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji jew tal-kwalifiki; kif ukoll

(e) opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti jew kummenti.

**Opportunità biex isiru Kummenti u Informazzjoni qabel id-Dħul fis-Seħħ**

12. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru ([29]) għandu jippubblika minn qabel:

(a) il-liġijiet u r-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali tagħha li tipproponi li tadotta fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima; jew

(b) dokumenti li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar tali liġi jew regolament ġdid possibbli biex persuni interessati u Membri oħra jkunu jistgħu jivvalutaw jekk u kif l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti.

([26]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerta jew mezzi nondiskriminatorji oħra għall-għoti ta' konċessjonijiet jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-provvista ta' servizzi universali·

([27]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni ma tobbligax struttura amministrattiva partikolari; dan jirreferi għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-amministrazzjoni tad-deċiżjonijiet.

([28]) Għall-finijiet ta' dawn id-dixxiplini, "tippubblika" tfisser li tinkludi f'pubblikazzjoni uffiċjali, bħal ġurnal uffiċjali, jew fuq sit web uffiċjali. Il-membri huma mħeġġa jikkonsolidaw il-pubblikazzjonijiet elettroniċi f'portal uniku·

([29]) Il-paragrafi 12 sa 15 ta' din it-Taqsima jirrikonoxxu li l-Membri għandhom sistemi differenti biex jikkonsultaw persuni interessati u Membri oħra dwar ċerti miżuri qabel l-adozzjoni tagħhom, u li l-alternattivi stabbiliti fil-paragrafu 12 ta' din it-Taqsima jirriflettu sistemi legali differenti.

13. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru huwa mħeġġeġ japplika l-paragrafu 12 ta' din it-Taqsima għal proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jipproponi li jadotta fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1.

14. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru għandu jipprovdi lill-persuni interessati u lill-Membri l-oħra opportunità raġonevoli biex jikkummentaw dwar tali miżuri jew dokumenti proposti ppubblikati skont il-paragrafi 12 jew 13 ta' din it-Taqsima.

15. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, kull Membru għandu jikkunsidra l-kummenti li jkun irċieva skont il-paragrafu 14 ta' din it-Taqsima ([30]).

16. Fil-pubblikazzjoni ta' liġi jew regolament imsemmi fil-paragrafu 12 (a) ta' din it-Taqsima, jew qabel tali pubblikazzjoni, sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tiegħu għall-adozzjoni ta' miżuri, Membru huwa mħeġġeġ jispjega l-għan u r-raġunament tal-liġi jew ir-regolament.

17. Kull Membru għandu, sa fejn ikun prattikabbli, jagħmel ħiltu biex jippermetti żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni tat-test ta' liġi jew regolament imsemmi fil-paragrafu 12 (a) ta' din it-Taqsima u d-data li fiha l-fornituri tas-servizzi għandhom jikkonformaw mal-liġi jew ir-regolament.

**Punti ta' Informazzjoni**

18. Kull Membru għandu jżomm jew jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex iwieġeb għal mistoqsijiet minn fornituri ta' servizzi jew persuni li jfittxu li jipprovdu servizz rigward il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima ([31]). Membru jista' jagħżel li jindirizza tali mistoqsijiet jew permezz tal-punti ta' inkjesta u ta' kuntatt stabbiliti skont l-Artikoli III u IV tal-Ftehim jew permezz ta' kwalunkwe mekkaniżmu ieħor kif xieraq.

**Żvilupp ta' Miżuri**

19. Jekk Membru jadotta jew iżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz, il-Membru għandu jiżgura li:

(a) tali miżuri huma bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti; ([32])

(b) il-proċeduri huma imparzjali, u li l-proċeduri huma adegwati għall-applikanti biex juru jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti, jekk jeżistu tali rekwiżiti;

(c) il-proċeduri fihom infushom ma jwaqqfux it-twettiq tar-rekwiżiti b'mod mhux ġustifikat; kif ukoll

(d) tali miżuri ma jiddiskriminawx bejn l-irġiel u n-nisa ([33]).

([30]) Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali ta' Membru li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz.

([31]) Huwa mifhum li l-limitazzjonijiet tar-riżorsi jistgħu jkunu fattur fid-determinazzjoni ta' jekk mekkaniżmu biex jitwieġbu l-mistoqsijiet huwiex xieraq·

([32]) Tali kriterji jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenza u l-kapaċità li jiġi pprovdut servizz, inkluż li dan isir b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji ta' Membru. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-piż li għandu jingħata lil kull kriterju.

([33]) Trattament differenzjali li huwa raġonevoli u oġġettiv, u li għandu l-għan li jikseb skop leġittimu, u l-adozzjoni mill-Membri ta' miżuri speċjali temporanji mmirati biex jaċċelleraw l-ugwaljanza de facto bejn l-irġiel u n-nisa, m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni.

*ANNESS 2*

**INF/SDR/3/Rev.1 tat-2 ta' Diċembru 2021**

**INIZJATTIVA KONĠUNTA DWAR IR-REGOLAMENT DOMESTIKU TAS-SERVIZZI SKEDI TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI**

*Reviżjoni* (*)

Dan id-dokument fih lista tal-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi li jikkonċernaw id-dixxiplini tar-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi.

| | MEMBRU | DATA TA' SOTTOMISSJONI | SIMBOLU TAD-DOKUMENT |
|---|---|---|---|
| 1. | **L-Albanija** | 22.11.2021 | INF/SDR/IDS/ALB/Rev.1 |
| 2. | **L-Arġentina** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/ARG |
| 3. | **L-Awstralja** | 19.10.2021 | INF/SDR/IDS/AUS/Rev.1 |
| 4. | **Il-Bahrain, ir-Renju ta'** | Għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2022 | |
| 5. | **Il-Brażil** | 12.11.2021 | INF/SDR/IDS/BRA/Rev.1 |
| 6. | **Il-Kanada** | 22.10.2021 | INF/SDR/IDS/CAN/Rev.1 |
| 7. | **Iċ-Ċilì** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/CHL/Rev.1 |
| 8. | **Iċ-Ċina** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/CHN/Rev.1 |
| 9. | **Il-Kolombja** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/COL/Rev.1 |
| 10. | **Il-Costa Rica** | 17.11.2021 | INF/SDR/IDS/CRI/Rev.1 |
| 11. | **L-El Salvador** | Għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2022 | |
| 12. | **L-Unjoni Ewropea** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/EU/Rev.1 |
| 13. | **Hong Kong, iċ-Ċina** | 02.11.2021 | INF/SDR/IDS/HKG/Rev.1 |
| 14. | **L-Iżlanda** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/ISL/Rev.1 |
| 15. | **Iżrael** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/ISR/Rev.1 |
| 16. | **Il-Ġappun** | 28.10.2021 | INF/SDR/IDS/JPN/Rev.1 |
| 17. | **Il-Każakistan** | **26.11.2021** | **INF/SDR/IDS/KAZ/Rev.1** |
| 18. | **Ir-Repubblika tal-Korea** | 28.10.2021 | INF/SDR/IDS/KOR/Rev.1 |
| 19. | **Il-Liechtenstein** | 10.11.2021 | INF/SDR/IDS/LIE/Rev.1 |
| 20. | **Il-Mauritius** | 27.10.2021 | INF/SDR/IDS/MUS/Rev.1 |
| 21. | **Il-Messiku** | 01.11.2021 | INF/SDR/IDS/MEX/Rev.1 |
| 22. | **Ir-Repubblika tal-Moldova** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/MDA/Rev.1 |
| 23. | **Il-Montenegro** | 16.11.2021 | INF/SDR/IDS/MNE/Rev.1 |
| 24. | **In-New Zealand** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/NZL/Rev.1 |
| 25. | **In-Niġerja** | 23.11.2021 | INF/SDR/IDS/NGA/Rev.1 |
| 26. | **Il-Maċedonja ta' Fuq** | 16.11.2021 | INF/SDR/IDS/MDK/Rev.1 |
| 27. | **In-Norveġja** | 28.10.2021 | INF/SDR/IDS/NOR/Rev.1 |

(*) Din ir-reviżjoni għandha żżid lil El Salvador mal-lista tal-Iskedi ta' Impenji Speċifiċi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 28. | **Il-Paragwaj** | 19.11.2021 | INF/SDR/IDS/PRY/Rev.1 |
| 29. | **Il-Perù** | 17.11.2021 | INF/SDR/IDS/PER/Rev.1 |
| 30. | **Il-Filippini** | Għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mill-28 ta' Frar 2022 | |
| 31. | **Il-Federazzjoni Russa** | Għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mill-28 ta' Frar 2022 | |
| 32. | **L-Arabja Sawdija, ir-Renju ta'** | 22.11.2021 | INF/SDR/IDS/KSA/Rev.1 |
| 33. | **Singapore** | 03.11.2021 | INF/SDR/IDS/SGP/Rev.1 |
| 34. | **L-Iżvizzera** | 01.11.2021 | INF/SDR/IDS/CHE/Rev.1 |
| 35. | **It-territorju Doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu** | 27.10.2021 | INF/SDR/IDS/TPKM/Rev.1 |
| 36. | **It-Tajlandja** | 25.11.2021 | INF/SDR/IDS/THA |
| 37. | **It-Turkija** | 28.10.2021 | INF/SDR/IDS/TUR/Rev.1 |
| 38. | **L-Ukrajna** | 05.11.2021 | INF/SDR/IDS/UKR/Rev.1 |
| 39. | **Ir-Renju Unit** | 27.10.2021 | INF/SDR/IDS/GBR |
| 40. | **L-Istati Uniti** | 22.10.2021 | INF/SDR/IDS/USA |
| 41. | **L-Urugwaj** | 29.10.2021 | INF/SDR/IDS/URY/Rev.1 |

**INF/SDR/IDS/EU/Rev.1**

## INIZJATTIVA KONĠUNTA DWAR IR-REGOLAMENT DOMESTIKU TAS-SERVIZZI KOMUNIKAZZJONI MILL-UNJONI EWROPEA

*Skeda ta' Qabel il-Finalizzazzjoni tal-Impenji Speċifiċi*

Il-Komunikazzjoni li ġejja datata 29 ta' Ottubru 2021 waslet mingħand id-delegazzjoni tal- Unjoni Ewropea.

1. L-Unjoni Ewropea tippreżenta l-abbozz tal-Iskeda mehmuża bħala l-kontribut tagħha għall-finalizzazzjoni tan-negozjati fl-Inizjattiva Konġunta dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi.

2. Din l-Iskeda tirrifletti l-approċċ ta' skedar tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-Taqsima I tad-dokument INF/SDR/1.

## UNJONI EWROPEA SKEDA TA' QABEL IL-FINALIZZAZZJONI TAL-IMPENJI SPEĊIFIĊI

Dan it-test jissupplimenta l-entrati relatati mal-Impenji Orizzontali li jinsabu fid-dokumenti li ġejjin:

— Unjoni Ewropea: GATS/SC/157 (7 ta' Mejju 2019);

— Il-Bulgarija: GATS/SC/122 (21 ta' Mejju 1997), GATS/SC/122/S1 (11 ta' April 1997), GATS/SC/122/S2 (26 ta' Frar 1998);

— Ir-Rumanija: GATS/72 (15 ta' April 1994), GATS/SC/72/S1 (11 ta' April 1997), GATS/SC/72/S2 (26 ta' Frar 1998);

— Il-Kroazja: GATS/SC/130 (22 ta' Diċembru 2000).

**SKEDA TA' QABEL IL-FINALIZZAZZJONI TAL-IMPENJI SPEĊIFIĊI — UNJONI EWROPEA**

Modi ta' Provvista: (1) Provvisti transfruntieri (2) Konsum barra (3) Presenza kummerċjali (4) Presenza ta' persuni fiżiċi

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali | Impenji Addizzjonali |
|---|---|---|---|
| I. IMPENJI ORIZZONTALI | | | |
| IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA | | | L-Unjoni Ewropea tieħu bħala impenji addizzjonali d-dixxiplini li jinsabu fit-Taqsima II tad-dokument INF/SDR/1 għas-setturi kollha inklużi f'din l-iskeda, ħlief għas-servizzi finanzjarji.<br>L-Unjoni Ewropea tieħu bħala impenji addizzjonali d-dixxiplini li jinsabu fit-Taqsima III tad-dokument INF/SDR/1 għas-setturi tas-servizzi finanzjarji inklużi f'din l-iskeda. |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2385

## tas-6 ta' Diċembru 2022

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxi dritt għall-persuni taxxabbli li jnaqqsu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq il-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi riċevuti minnhom għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 26(1), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva jistipula li, meta assi ta' negozju jintuża għall-finijiet privati tal-persuna taxxabbli jew tal-persunal tagħha jew, b'mod aktar ġenerali, għal finijiet oħra għajr dawk tan-negozju tagħhom, dan għandu jitqies bħala servizz bi ħlas, u għaldaqstant, ikun soġġett għall-VAT.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE ([2]) tawtorizza lill-Polonja tillimita sa 50 % d-dritt għal tnaqqis tal-VAT fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' ċerti vetturi tat-triq bil-magna kif ukoll fuq in-nefqa marbuta magħhom, meta dawn il-vetturi ma jintużawx biss għal finijiet ta' negozju, u biex il-persuni taxxabbli ma jkollhomx għalfejn iqisu l-użu għall-finijiet privati ta' tali vetturi bħala provvista ta' servizzi f'konformità mal-Artikolu 26(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2006/112/KE (il-"miżuri speċjali").

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.

(4) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-18 ta' Frar 2022, il-Polonja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżuri speċjali għal perjodu ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2025.

(5) F'konformità mal-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE, flimkien mat-talba, il-Polonja ppreżentat rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri speċjali, inkluż rieżami tal-limitazzjoni tal-perċentwal applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Polonja hija tal-fehma li r-rata ta' 50 % għadha ġġustifikata. Hija ssostni wkoll li d-deroga mir-rekwiżit fl-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva 2006/112/KE għadha neċessarja biex tiġi evitata tassazzjoni doppja. Dawk il-miżuri speċjali jiġu ġġustifikati mill-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT u biex tiġi pprevenuta l-evażjoni tat-taxxa meta r-rekords ma jinżammux kif suppost u jkun hemm dikjarazzjonijiet foloz tat-taxxa.

(6) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni għaddiet it-talba tal-Polonja lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra bid-data tal-15 ta' Marzu 2022. Permezz ta' ittra bid-data tas-16 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex tkun tista' tqis it-talba.

(7) L-applikazzjoni tal-miżuri speċjali wara l-31 ta' Diċembru 2022, se jkollhom biss effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa li l-Polonja tiġbor fl-istadju tal-konsum finali, u mhux se jkollhom impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT.

---

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 51).

(8) Għalhekk jixraq li din l-awtorizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE tiġi estiża. L-estensjoni tal-miżuri speċjali jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien biex tippermetti lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-effettività tagħhom u tal-adegwatezza tal-limitazzjoni tal-perċentwal applikata għad-dritt għal tnaqqis tal-VAT.

(9) Għalhekk jenħtieġ li l-Polonja tiġi awtorizzata tkompli tapplika l-miżuri speċjali sal-31 ta' Diċembru 2025.

(10) Fil-każ li l-Polonja tqis li l-miżuri speċjali huma neċessarji lil hinn mid-data tal-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE, u sabiex jiġi żgurat eżami fil-ħin ta' kwalunkwe talba għall-estenzjoni tal-miżuri speċjali, huwa neċessarju li jiġu stipulati rekwiżiti għal tali talba.

(11) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025. Tali talba għandha tkun akkumpanjata minn rapport, inkluż rieżami tal-limitazzjoni tal-perċentwal applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Z. STANJURA

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2386**

**tal-5 ta' Diċembru 2022**

**dwar l-estensjoni tal-azzjonijiet li jippermettu t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2022) 8673)*

**(It-testi bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ungeriż, bil-Malti, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2022, il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika Franċiż ("l-awtorità kompetenti Franċiża") adotta deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li tippermetti t-tqegħid fis-suq għal utenti professjonali tal-prodott bijoċidali Biobor JF u l-użu tiegħu mill-utenti għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru sal-31 ta' Ottubru 2022 ("l-azzjoni"). F'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti Franċiża infurmat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni għaliha.

(2) Azzjonijiet simili, li jikkonċernaw permessi mogħtija sal-31 ta' Ottubru 2022, ittieħdu f'seba' Stati Membri oħra, kif ġej: fil-5 ta' Mejju 2022 miċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika Ungeriż ("l-awtorità kompetenti Ungeriża"), fis-6 ta' Mejju 2022 mill-Aġenzija tal-Ambjent tal-Lussemburgu ("l-awtorità kompetenti Lussemburgiża"), fit-8 ta' Mejju 2022 mill-Aġenzija tas-Sikurezza u tas-Sustanzi Kimiċi Finlandiża ("l-awtorità kompetenti Finlandiża"), fil-15 ta' Mejju 2022 mill-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ta' Malta ("l-awtorità kompetenti Maltija"), fil-21 ta' Ġunju 2022 mill-Bord tas-Saħħa Estonjan ("l-awtorità kompetenti Estonjana"), fl-1 ta' Lulju 2022 mill-Ministeru għas-Saħħa Spanjol ("l-awtorità kompetenti Spanjola"), u fil-25 ta' Lulju 2022 mill-Ministeru Federali għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija Awstrijak ("l-awtorità kompetenti Awstrijaka"). L-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjonijiet u bil-ġustifikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Skont l-informazzjoni li taw dawk l-awtoritajiet kompetenti, l-azzjonijiet kienu meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika. It-tkabbir mikrobijoloġiku jista' jiżviluppa fit-tankijiet tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru, speċjalment fl-interfaċċa bejn l-ilma u l-fjuwil, fejn l-organiżmi mikrobijoloġiċi jistgħu jużaw l-ilma għall-ossiġenu u l-fjuwil għan-nutrizzjoni. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għal funzjonament ħażin tal-magna tal-inġenju tal-ajru u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tiegħu, u b'hekk tpoġġi f'riskju s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. Il-prevenzjoni u t-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, meta tiġi identifikata, huma għalhekk kruċjali sabiex jiġu evitati problemi operattivi tal-inġenji tal-ajru.

(4) Biobor JF fih 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) (in-numru CAS 14697-50-8) bħala sustanzi attivi. Biobor JF huwa prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 6, jiġifieri "preservattiv għall-prodotti matul il-ħżin", kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. 2,2'-(1-metiltrimetilendiossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) ma ġewx evalwati għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 6. Billi

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

dawk is-sustanzi mhumiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([2]), mhumiex inklużi fil-programm ta' ħidma tal-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li hemm fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għaldaqstant, l-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament ma japplikax għal dawk is-sustanzi attivi u dawn għandhom jiġu vvalutati u approvati qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkunu fihom ikunu jistgħu jiġu awtorizzati wkoll fil-livell nazzjonali.

(5) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti Franċiża biex tippermetti l-estensjoni tal-azzjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Talbiet simili waslu fis-27 ta' Lulju 2022 mill-awtorità kompetenti Awstrijaka, fl-24 ta' Awwissu 2022 mill-awtorità kompetenti Estonjana, fil-25 ta' Awwissu 2022 mill-awtorità kompetenti Spanjola, fid-29 ta' Awwissu 2022 mill-awtorità kompetenti Finlandiża, fid-9 ta' Settembru 2022 mill-awtorità kompetenti Lussemburgiża, fil-31 ta' Awwissu 2022 mill-awtorità kompetenti Maltija u fl-20 ta' Settembru 2022 mill-awtorità kompetenti Ungeriża. Dawk it-talbiet motivati saru minħabba tħassib li s-sikurezza tat-trasport bl-ajru tista' tibqa' pperikolata minħabba xi kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-arju wara l-31 ta' Ottubru 2022 u sar l-argument li Biobor JF huwa essenzjali biex tiġi kkontrollata din il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(6) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, l-uniku prodott bijoċidali alternattiv rakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika (Kathon™ FP 1.5) ġie rtirat mis-suq f'Marzu tal-2020 minħabba anomaliji severi fl-imġiba tal-magni tal-inġenji tal-ajru li kienu osservati wara t-trattament b'dak il-prodott. Għalhekk, Biobor JF huwa l-uniku prodott disponibbli għal dak l-użu rrakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tal-inġenji tal-ajru.

(7) Kif indikat mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, it-trattament mekkaniku tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru mhux dejjem ikun possibbli u l-proċeduri rrakkomandati mill-manifatturi tal-magni tal-inġenji tal-ajru jeħtieġu t-trattament bi prodott bijoċidali anki meta jkun possibbli t-tindif mekkaniku. Barra minn hekk, it-trattament mekkaniku jesponi lill-ħaddiema għal gassijiet tossiċi u għalhekk jenħtieġ li jkun evitat.

(8) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-manifattur tal-Biobor JF ħa passi għall-awtorizzazzjoni regolari futura tal-prodott. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih il-Biobor JF hija mistennija li tiġi ppreżentata f'nofs l-2023. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni sussegwenti tal-prodott bijoċidali jkunu jikkostitwixxu soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda dawk il-proċeduri jeħtieġu ammont sinifikanti ta' żmien biex jitlestew.

(9) In-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u dak il-periklu ma jistax jitrażżan biżżejjed bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħra. Għaldaqstant jixraq li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jitħallew jestendu l-azzjonijiet tagħhom.

(10) Peress li l-azzjonijiet skadew fil-31 ta' Ottubru 2022, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'mod retroattiv.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Bord tas-Saħħa Estonjan, il-Ministeru għas-Saħħa Spanjol, il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika Franċiż, l-Aġenzija tal-Ambjent tal-Lussemburgu, iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika Ungeriż, l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ta' Malta, il-Ministeru Federali għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija Awstrijak u l-Aġenzija tas-Sikurezza u tas-Sustanzi Kimiċi Finlandiża jistgħu jestendu sal-4 ta' Mejju 2024 l-azzjonijiet li jippermettu t-tqegħid fis-suq għall-utenti professjonali tal-prodott bijoċidali Biobor JF u l-użu tiegħu mill-utenti għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(1) Bord tas-Saħħa Estonjan;

(2) Ministeru għas-Saħħa Spanjol;

(3) Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika Franċiż;

(4) Aġenzija tal-Ambjent tal-Lussemburgu;

(5) Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika Ungeriż;

(6) Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ta’ Malta;

(7) Ministeru Federali għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija Awstrijak;

(8) Aġenzija tas-Sikurezza u tas-Sustanzi Kimiċi Finlandiża.

Għandha tapplika mill-1 ta’ Novembru 2022.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT